


# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# 2024-2025

MALTA FA 1900

125 YEARS

2024
2025

www.mfa.com.mt


MALTA

# WERREJ


2
Daħla

4
Dr Maria Azzopardi tinħatar Segretarju Ġenerali tal-Malta Football Association

10
Parteċipazzjoni sħiħa f'attivitajiet u inizjattivi tal-FIFA u l-UEFA

14
L-iżvilupp tat-talent, il-grassroots u futbol fl-iskejjel fil-qalba tal-ħidma tal-IFF

22
Enfasi fuq it-titjib tal-ħiliet tekniċi, fiżiċi u tattiċi tal-plejers fil-qafas tat-timijiet nazzjonali

26
Total ta' 470 kowċ jattendu korsijiet offruti mill-Malta FA fl-2024-25

32
Sena ta' trasformazzjoni u sfidi għat-tim nazzjonali

40
Suċċess għal Malta bil-kisba tal-promozzjoni fit-tieni edizzjoni tal-UWNL

48
Impenn akbar jissarraf f'riżultati pożittivi mill-grassroots u l-akkademja sat-timijiet nazzjonali

64
Ħamrun Spartans jirbħu l-kampjonat nazzjonali b'format ġdid

70
L-ewwel kampjonat nazzjonali tan-nisa għal Swieqi United

76
Iktar esperjenzi internazzjonali għat-timijiet tal-futsal u beach soccer

84
Ħidma msejsa fuq l-iżvilupp u t-taħriġ kontinwu twassal għal tragwardi importanti għall-uffiċjali tal-logħba

94
Żieda fil-firxa fuq il-midja soċjali u viżibbiltà akbar għax-xogħol tal-Assoċjazzjoni

108
Investiment kostanti fil-faċilitajiet tal-futbol tal-Assoċjazzjoni u anke dawk tal-klabbs membri

112
Tisħiħ tal-proġetti li qed iħallu impatt pożittiv fil-komunità u fost il-klabbs

118
Il-benessri tal-impjegati u appoġġ lid-dipartimenti tal-Assoċjazzjoni l-għanijiet primarji

120
Sostenn għall-Assoċjazzjonijiet Membri permezz ta' MOUs

122
Servizzi ma jaqtgħu xejn għall-plejers, opportunitajiet edukattivi u sessjonijiet ta' CPR għall-pubbliku

124
35 kandidat itemmu b'suċċess żewġ korsijiet organizzati minn MFA Learn

126
Messaġġ tal-President

128
Annessi



**RITRATTI:** Domenic Aquilina, Joe Borg, Jonathan Caruana, Timothy Cutugno, Andre Farrugia, Lara Schembri u Arkivji tal-Malta FA.



Din hija pubblikazzjoni tal-Malta Football Association. Dan il-ktieb jew partijiet minnu ma jistgħux jerġgħu jiġu ppubblikati jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-Malta Football Association. L-informazzjoni u l-istatistika mogħtija f'dan ir-rapport hija aġġornata sat-tmiem uffiċjali tal-istaġun 2024-25, fit-8 ta' Ġunju, 2025.



# DAĦLA

F'dan il-perjodu, permezz tar-rapport annwali, l-Assoċjazzjoni tipprovdi ħarsa estensiva lejn il-ħidma, l-esperjenzi u t-tragwardi miksuba matul l-istaġun li jkun għadu kif intemm.

Is-sena 2024 fissret ukoll il-konklużjoni tal-ewwel strateġija uffiċjali tal-Assoċjazzjoni, li matulha ġew implimentati erba' snin ta' żvilupp, fosthom staġun ta' tranżizzjoni importanti u riformi fil-kompetizzjonijiet domestiċi.

Meta nħarsu lejn l-għanijiet tal-istrateġija 'We Can Perform Better', nistgħu nikkonstataw b'sodisfazzjon li ħafna mill-ambizzjonijiet u l-miri ewlenin tagħha ġew milħuqa. Bħal f'logħba tal-futbol, l-implimentazzjoni tal-istrateġija kienet teħtieġ adattament kontinwu tal-approċċ skont iċ-ċirkustanzi li ħarġu matul il-mixja u dan bil-għan li naslu fejn xtaqna.

Huwa proprju f'dan l-ispirtu li fl-aħħar sena saru studji u riflessjonijiet li wasslu għall-preżentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida għall-erba' snin li ġejjin. Strateġija li tibni fuq dak li nkiseb u tistabbilixxi objettivi ġodda, b'viżjoni li twassal lill-Assoċjazzjoni u lill-Membri tagħha għal progress kollettiv.

Lejn l-aħħar fażijiet tal-istaġun li għadda, l-Assoċjazzjoni nediet sena ta' ċelebrazzjonijiet biex tfakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Huwa mument sinifikanti li ser jiġi kommemorat ukoll permezz ta' kompetizzjoni li tinvolvi l-Membri kollha, il-Jubilee Cup. Dan l-anniversarju jagħtina opportunità nirrikonoxxu kemm



mxejna 'l quddiem bħala entità, kemm fil-qasam tal-governanza u amministrazzjoni fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali.

F'dan il-kuntest, illum aħna kburin li nippreżentaw il-viżjoni l-ġdida tagħna – 'Forward Together'. Strateġija li tiftaħ kapitlu ġdid fl-istorja tal-futbol Malti, ibbażata fuq is-suċċessi ta' 'We Can Perform Better', fuq dak li tgħallimna, fuq il-feedback li rċevejna, u fuq it-twemmin sħiħ li għandna fil-potenzjal tat-tkabbir tal-logħba f'pajjiżna.

Matul l-aħħar sena, il-ħidma tal-Assoċjazzjoni kompliet tissaħħaħ permezz ta' djalogu kontinwu mal-Membri u kollaborazzjonijiet ma' diversi entitajiet governattivi u oħrajn. Dan ikkonsolida r-relazzjonijiet kemm fuq livell lokali kif ukoll ma' istituzzjonijiet internazzjonali bħall-FIFA u l-UEFA.

Wieħed mill-proġetti ewlenin li ra spinta fl-aħħar sena kien il-kostruzzjoni tan-National Football Centre f'Ta' Qali – proġett ambizzjuż li jikkonferma l-impenn tal-Assoċjazzjoni biex tibni infrastruttura moderna u sostenibbli. Dan il-proġett jikkumplimenta t-tibdil li sar fil-pitch tas-Centenary Stadium, kif ukoll l-għajnuna li tingħata lill-Membri sabiex jinvestu fl-infrastruttura tagħhom stess.

Dan jinkludi t-tisħiħ tal-uċuħ tal-pitches madwar il-pajjiż li hija waħda mill-inizjattivi regolari li tgħin b'mod dirett diversi klabbs kull sena.

Kif jiġri f'kull staġun, il-futbol iġib miegħu sfidi ġodda. L-Assoċjazzjoni tibqa' kommessa li tkun viċin tal-klabbs u tirrikonoxxi l-valur fundamentali tal-kontribut tal-Membri u l-istakeholders kollha fil-ġestjoni u żvilupp tal-logħba.

Dan ir-rapport juri l-ħidma estensiva li ssir fuq diversi livelli, kemm fuq is-sistema amministrattiva kif ukoll bħala appoġġ dirett lill-Membri.

Jeħtieġ niftakru li l-futbol mhuwiex biss dak li naraw fuq il-grawnd. Warajh hemm xogħol kontinwu fl-amministrattiv u loġistika li jagħmel possibbli li jintlagħbu iktar minn 3,500 partita kull staġun.

Din il-ħidma tinkludi manutenzjoni ta' faċilitajiet, organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet u ġestjoni ta' proċessi kumplessi u dan bl-għan ewlieni li noffru esperjenza pożittiva f'kull livell, kemm professjonali kif ukoll dilettantesk.

Bħala nota finali, dan ir-rapport annwali huwa xhieda ta' sena oħra ta' ħidma sfiqa, esperjenzi u tagħlim. Inħarsu 'l quddiem b'determinazzjoni u konvinzjoni li nkomplu nibnu fuq dan il-pedament biex inkomplu naħdmu għall-ġid tal-futbol Malti flimkien.

**Dr Maria Azzopardi**
Segretarju Ġenerali

## ASSEMBLEJ ĠENERALI U AVVENIMENTI

# Dr Maria Azzopardi tinħatar Segretarju Ġenerali tal-Malta Football Association



Dr Maria Azzopardi nħatret bħala Segretarju Ġenerali tal-Malta Football Association b'effett mill-1 ta' Jannar, 2025. Din id-deċiżjoni tħabbret waqt il-laqgħa tal-Bord Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni li saret fis-17 ta' Diċembru, 2024.

Dr Azzopardi ħadet il-post vakat minn Dr Angelo Chetcuti, li kien ħabbar formalment l-intenzjoni tiegħu li jħalli din il-kariga fi tmiem l-2024 waqt l-Assemblea Ġenerali li saret f'Ottubru. Dr Chetcuti serva f'din il-pożizzjoni minn Diċembru 2016, fejn kellu rwol influwenti fl-organizzazzjoni u mexxa diversi riformi u inizjattivi importanti.

Dr Azzopardi għandha rabta mill-qrib mal-futbol wara karriera twila bħala plejer u anke bħala amministratur. Bħala plejer, irrappreżentat lil Rabat Ajax FC, Melita FC u




**Dr Maria Azzopardi u Rodney Pisani (lemin) ma' Bjorn Vassallo, President tal-Malta Football Association.**




Hibernians FC, u rebħet it-titlu ta' Player of the Year tal-Malta FA fl-istaġun 2003-04. Hija lagħbet 33 partita mat-tim nazzjonali tan-nisa ta' Malta bejn l-2005 u l-2017.

F'Marzu 2024, hija ġiet eletta Viċi President tal-Malta FA – l-ewwel mara fl-istorja tal-Assoċjazzjoni li okkupat dan ir-rwol. Dr Azzopardi għandha Dottorat fil-Liġi u Master in Sports Law mill-Università De Montfort ta' Leicester.

"Inħossni onorata dwar il-ħatra tiegħi bħala Segretarju Ġenerali tal-Malta FA," qalet Dr Azzopardi. "L-impenn tiegħi hu li nservi lill-membri tagħna bl-istess dedikazzjoni u integrità li dejjem wrejt, u li nuri r-rikonoxximent tiegħi għall-fiduċja li ntweriet fija."

Dr Azzopardi qed tkun assistita minn Rodney Pisani, li nħatar Deputat Segretarju Ġenerali. Pisani ilu jaħdem mal-Malta FA sa mill-2006, fejn beda l-karriera tiegħu fid-Dipartiment tar-Reġistrazzjonijiet. Huwa kellu esperjenza preċedenti bħala Deputat Segretarju Ġenerali fl-2010, meta ngħata l-kompitu li jmexxi l-kompetizzjonijiet, u żamm dan ir-rwol sal-2020 meta ġie maħtur Direttur tas-Servizzi tal-Futbol fl-Assoċjazzjoni.

## ASSEMBLEA ĠENERALI – LULJU 2024

Il-ħidma tal-Assoċjazzjoni fid-diversi setturi tal-futbol Malti, kif rifless fil-firxa ta' proġetti, inizjattivi u programmi ta' sostenn imwettqa matul l-aħħar 12-il xahar,

**Il-Bord Eżekuttiv tal-Malta Football Association għall-perjodu 2023-25 kien kompost minn:**

**Chairperson** – Bjorn Vassallo
**Segretarju Ġenerali** – Dr Maria Azzopardi
**Deputat Chairperson/Viċi President** – Dr Matthew Paris
**Viċi Presidenti** – Dr Maria Azzopardi, Adrian D. Casha
**Teżorier** – Ivan Mizzi
**Membri** – David Abdilla, Lawrence Aquilina, Dr Samuel Azzopardi, Ayrton Bonnici, Dino Bonnici, Stephen Calleja, Robert Camilleri, Mauro Camilleri Darmanin, Patrick Cutajar, Frank Cachia, George Galea, Kelly Agius Pace, Carlo Mamo, Claudio Martinelli, Francis Muscat, Keith Perry, Stephanie Rocco, Gordon Shephard, Mark Tanti, Michael Valenzia.

**Segretarju tal-Bord** – Rodney Pisani
**Deputat Segretarju** – Janice Briffa









kienu diskussi waqt l-Assemblea Ġenerali li saret fid-19 ta' Lulju, 2024 fis-Centenary Hall.

Waqt il-preżentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għall-istaġun 2023-24, is-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti enfasizza l-importanza tal-kontinwità u l-kollaborazzjoni hekk kif elenka l-avvenimenti prinċipali u l-proġetti li ngħataw prominenza matul l-istaġun li għadda.

L-elezzjonijiet għall-ogħla uffiċjali tal-Assoċjazzjoni li saru matul l-ewwel Assemblea Ġenerali tal-2024, propju fil-15 ta' Marzu, kienu l-avveniment ewlieni tal-istaġun 2023-24. Dawn irriżultaw fl-elezzjoni mill-ġdid ta' Bjorn Vassallo għat-tieni mandat ta' erba' snin bħala President, filwaqt li Dr Maria Azzopardi saret l-ewwel Viċi President mara fl-istorja tal-Malta FA, u ngħaqdet ma' Dr Matthew Paris u Adrian Casha, li ġew eletti mill-ġdid.

Minbarra l-aspett amministrattiv, Dr Chetcuti qal li l-istaġun 2023-24 se jibqa' mfakkar għall-kisbiet tat-tim nazzjonali tan-nisa, li ġew promossi għal League B wara li rebħu l-grupp tagħhom fl-ewwel edizzjoni tal-UEFA Women's Nations League, kif ukoll tat-tim nazzjonali tal-futsal li kkwalifika għar-rawnd prinċipali tal-UEFA Futsal European Championship.

Waqt l-istess Assemblea Ġenerali, ingħatat ħarsa lejn il-punti ewlenin li ħarġu mir-riċerka tal-UEFA dwar l-istat tal-futbol f'Malta. Ir-riċerka xjentifika, li ssir kull tliet snin, ikkonfermat livell għoli ta' interess fil-futbol fost il-popolazzjoni Maltija –




80% tal-parteċipanti ddikjaraw li għandhom interess fil-futbol, u 49% qalu li huma partitarji.

Ir-Rapport Amministrattiv tal-Malta FA għall-2023-24 kien approvat unanimament mil-Laqgħa Ġenerali.

## ASSEMBLEA ĠENERALI – OTTUBRU 2024

L-Assemblea Ġenerali li saret f'Ottubru ffukat fuq it-tranżizzjoni bejn l-istrateġija attwali 2021–2024 u dik li jmiss, li se tiddetermina d-direzzjoni tal-Assoċjazzjoni għas-snin li ġejjin.

Il-laqgħa serviet ukoll bħala pjattaforma biex ikunu spjegati l-prijoritajiet tal-Assoċjazzjoni, b'mod partikolari l-konsolidazzjoni ta' dak li nkiseb u l-importanza tas-sostenibbiltà, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tat-tkabbir u l-iżvilupp tal-isport fuq kull livell.

Il-President Bjorn Vassallo esprima s-sodisfazzjon tiegħu dwar il-livell ta' implimentazzjoni tal-istrateġija 'We Can Perform Better', li kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha għall-Assoċjazzjoni.

"Meta nħares lejn l-objettivi li ġew stabbiliti mill-bidu – li dak iż-żmien dehru pjuttost ambizzjużi – inħossni kburi b'dak li rnexxielna niksbu matul dan iċ-ċiklu. Dan jimlina b'kuraġġ u motivazzjoni li ninsabu f'pożizzjoni tajba biex nikkonsolidaw u nikbru aktar permezz tal-pjan strateġiku li jmiss," irrimarka l-President tal-Malta FA.

L-istrateġija saħħet l-aspett tekniku fl-istruttura tal-Assoċjazzjoni kif ukoll is-sistemi u l-proċessi ta' governanza.

## PROĠETTI INFRASTRUTTURALI

Ħarsa lejn il-proġetti infrastrutturali turi progress sinifikanti, b'mod partikolari dak li jirrigwarda l-bini ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol (NFC) ġdid f'Ta' Qali. Dan il-proġett għandu spiża stmata ta' €12.4 miljun, bix-xogħolijiet mistennija jitlestew fit-tielet kwart tal-2025.

Fuq livell ta' klabb, il-proċess ta' installazzjoni ta' pitches ġodda matul l-2024 kompla kif ippjanat. Ġew imwettqa proġetti f'Pembroke, Ħamrun, Qormi u Mġarr.



## APPOĠĠ LILL-ASSOĊJAZZJONIJIET MEMBRI

Relatat ma' objettiv strateġiku ieħor, l-Assoċjazzjoni ħabbret l-iffirmar ta' Memorandum of Understanding (MOU) ma' 14-il Assoċjazzjoni Membru tagħha. Dan il-ftehim, li jibni fuq oħrajn li skadew matul l-2024, hu mfassal biex ikattar żvilupp fil-futbol fuq livell rikreattiv u mhux kompetittiv, imsejjes fuq mudell sostenibbli maqbul bejn il-partijiet kollha.

## APRIL 2025 – IR-RAPPORT FINANZJARJU JURI TITJIB SINIFIKANTI

Il-Malta Football Association irrapurtat titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni finanzjarja tagħha matul is-sena 2024 waqt l-Assemblea Ġenerali li saret f'April ta' din is-sena. Il-pjan ta' rkupru finanzjarju attwat biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet u l-isfidi marbuta mal-Covid wassal għal surplus għall-ewwel darba f'erba' snin wara l-pandemija.

Filwaqt li d-dħul totali reġa' laħaq it-€13-il miljun, żieda minima meta mqabbla mal-2023, l-approċċ prudenti tal-Malta FA wassal għal tnaqqis sinifikanti fin-nefqa annwali għal ftit iktar minn €11.7 miljun. Dan irriżulta f'bilanċ finali ta' €31,828 wara li ġew imnaqqsa l-kontribuzzjonijiet kapitali lill-klabbs u spejjeż oħrajn ta' finanzjament.

Ir-rapport finanzjarju kien ippreżentat mit-Teżorier tal-Malta FA Ivan Mizzi li analizza l-punti ewlenin tal-prestazzjoni finanzjarja tal-Assoċjazzjoni għall-2024.

Id-dħul mit-televiżjoni u d-drittijiet l-oħra marbuta mat-Tim Nazzjonali qabeż it-tliet miljun ewro, li jammontaw għal 23.5% tad-dħul annwali. Dan jibqa' sors essenzjali għall-Assoċjazzjoni flimkien mal-għotjiet annwali permezz tal-programmi FIFA Forward (€1.5 miljun) u UEFA HatTrick Solidarity (€2.9 miljun). L-organizzazzjoni ta' tournaments taż-żgħażagħ tal-UEFA f'Malta u l-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet sal-livell ta' taħt il-21 sena ġġeneraw dħul ta' €1,672,000 fl-2024.

Il-Malta FA irrapurtat konsolidazzjoni tad-dħul miksub fis-snin riċenti mill-attivitajiet ta' marketing u kummerċjali, kif ukoll mill-użu tal-faċilitajiet sportivi, li




Il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Malta FA u Dr Clifton Grima, il-Ministru tal-Edukazzjoni u Sport, waqt l-inawgurazzjoni tal-pitch il-ġdid tas-Centenary Stadium.

ġġeneraw €735,000 u €680,000 rispettivament. L-Assoċjazzjoni rċeviet ukoll €679,902 f'għotjiet mill-gvern li qed jiġu rinvestiti fil-logħba fuq livell ta' klabb u komunità.

L-eżitu finanzjarju għall-2024 jieħu dimensjoni iktar sinifikanti meta wieħed iqis li seħħ f'sena relattivament kwieta f'dak li għandu x'jaqsam ma' dħul minn bejgħ ta' biljetti għal logħbiet internazzjonali ta' ċertu profil, speċjalment meta mqabbel mal-2023 meta Malta ospitat lill-Italja u l-Ingilterra fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għall-EURO 2024. Fil-fatt, id-dħul minn biljetti għal logħbiet internazzjonali u domestiċi naqas b'€840,000 fl-2024.

Filwaqt li l-Malta FA rnexxielha tnaqqas l-infiq annwali tagħha b'€780,000 meta mqabbel mal-2023, dawn il-miżuri ta' tnaqqis fl-ispejjeż ma kellhomx impatt fuq l-impenji internazzjonali. Fil-fatt, it-timijiet nazzjonali ħadu sehem f'total ta' 102 logħba internazzjonali matul l-2024 – żieda ta' 15-il logħba meta mqabbel mal-2023.

Minkejja ż-żieda fl-impenji internazzjonali, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u akkomodazzjoni naqsu għal €1.8 miljun, li jirrappreżenta 15.2 fil-mija tal-infiq totali fl-2024.

L-Assoċjazzjoni żammet ukoll il-livell ta' appoġġ tagħha lill-Klabbs u Assoċjazzjonijiet Membri billi allokat żewġ miljun ewro f'sussidji, għajnuna u skemi fuq livell domestiku.

Il-Malta FA qed tkompli timxi mal-pjan ta' rkupru finanzjarju, b'enfasi fuq l-effiċjenza u kontroll tal-infiq sabiex tkompli ttejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja.

# Parteċipazzjoni sħiħa f'attivitajiet u inizjattivi tal-FIFA u l-UEFA

## GREEN GOAL U SECURITY STEWARDS F'AVVENIMENTI SPORTIVI FOST L-INIZJATTIVI LI QED ISIRU B'KOLLABORAZZJONI MAL-GVERN

Filwaqt li ħafna mill-attenzjoni matul l-istaġun tkun fuq il-il-futbol milgħub, kemm fil-kompetizzjonijiet domestiċi u anke fuq livell internazzjonali, il-ħidma tal-Assoċjazzjoni tibqa' għaddejja fuq diversi binarji.

Ir-relazzjonijiet internazzjonali jġibu diversi impenji ta' ċerta importanza biex il-Malta FA issaħħaħ ir-rispett li tgawdi fi ħdan il-UEFA u l-FIFA u anke biex jiġu sostnuti diversi proġetti u inizjattivi, uħud ġodda u oħrajn rikorrenti, li minnhom jibbenefika l-futbol Malti.

F'kuntest lokali, l-uffiċjali tal-Malta FA ikollhom diversi laqgħat ta' diskussjoni u konsultazzjoni ma' ministeri, entitajiet governattivi u oħrajn li ħafna drabi jwasslu għall-ftehim ta' kollaborazzjoni.

## AVVENIMENTI PRINĊIPALI

**Lulju 2024 –** Verifika annwali mill-FIFA dwar l-użu tal-fondi mill-programm FIFA Forward. Dan sar f'Lulju 2024 fejn ġew miflija l-proċessi adottati mill-Assoċjazzjoni u ngħataw rakkomandazzjonijiet għal titjib li jista' jsir.

**Awwissu 2024 –** UEFA GROW – Żjara mill-konsulenti u staff tal-UEFA bil-għan li tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Assoċjazzjoni u tibda l-konsultazzjoni interna dwar it-tiġdid tagħha. Ftit tal-ġimgħat ilu saret laqgħa simili li ffukat fuq il-kontinwità fid-direzzjoni strateġika li se tieħu l-Assoċjazzjoni fl-erba' snin li ġejjin.

**Awwissu-Novembru –** Diversi laqgħat u skambji mal-Kummissarju tat-Taxxa u dipartimenti relatati dwar l-implimentazzjoni tal-proposta tal-Malta FA li r-rata ta' taxxa preferenzjali għall-atleti u kowċis tiġi estiża għall-uffiċjali tal-logħba, staff

mediku u amministraturi. L-Assoċjazzjoni pproponiet xi emendi biex l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tkun kjarifikata.

**NDSF (Fond Soċjali għall-Iżvilupp Nazzjonali)** – Estensjoni tal-finanzjament għall-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol (NFC) bil-konferma li ż-żieda fl-ispiża dovuta primarjament għall-inflazzjoni fuq il-materja prima tul l-aħħar snin se tkun koperta mill-NDSF stess bl-għajnuna tal-MDB.



## SETTEMBRU – UEFA TEP, CANNES

Laqgħa annwali tal-UEFA għall-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali tal-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali. Fuq l-aġenda kien hemm il-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali u l-konċessjoni tad-drittijiet marbuta magħhom fl-edizzjonijiet li jmiss; iċ-ċiklu l-ġdid tal-kompetizzjonijiet Ewropej tal-klabbs u l-aspetti finanzjarji marbuta magħhom; aġġornamenti fir-refereeing; u preżentazzjonijiet marbuta mal-għażla tal-pajjiżi ospitanti tat-Tazza tad-Dinja fl-2030 u l-2034.

**Settembru-Dicembru:** FIFA Executive Programme in Good Governance

Parteċipazzjoni tas-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti fl-ewwel edizzjoni ta' dan il-kors iddisinjat għal uffiċjali għolja fi ħdan l-Assoċjazzjonijiet Membri tal-FIFA. Fl-aħħar sessjoni tal-kors, li saret f'Pariġi, saret ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati. Il-kors kien jinkludi bosta personalitajiet mid-dinja tal-isport li qasmu l-esperjenzi tagħhom mal-parteċipanti.

## LAQGĦAT TAL-KUMITATI TAL-UEFA



Apparti s-sehem tiegħu fuq il-Kumitat tal-UEFA għall-Kompetizzjonijiet tat-Timijiet Nazzjonali, Dr Angelo Chetcuti kien maħtur fuq Working Group magħmul minn numru żgħir ta' Segretarji Ġenerali bil-għan li jistudjaw il-format tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 Sena għall-futur.

**15 ta' Ottubru** – Is-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti u l-Viċi President Dr Matthew Paris kienu msejħa jipparteċipaw f'laqgħa tal-Kumitat tal-Parlament dwar il-Kontijiet Pubbliċi fejn taw rendikont tal-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi

biex issostni l-operat kollu tagħha. Il-Membri Parlamentari fuq il-Kumitat kellhom kliem ta' tifħir għat-tmexxija tal-Assoċjazzjoni u għall-kontribut importanti li tagħti fuq livell sportiv, soċjali, u ekonomiku.




**11 ta' Diċembru –** Kungress Straordinarju tal-FIFA li sar online fejn ġie magħżul il-pajjiż ospitanti għat-Tazza tad-Dinja 2030 (Marokk, Portugall u Spanja) u dik tal-2034 (Sawdi Arabja).

**12 ta' Diċembru –** Fil-kwartieri tal-FIFA fi Zurich ittellgħu l-poloz tar-rawnd ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2026 fejn attendew il-President Bjorn Vassallo u s-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti. Malta tinsab fi Grupp Ġ flimkien mal-Olanda, il-Polonja, il-Finlandja u l-Litwanja.

**Jannar –** Saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti (AiMS).

**6 ta' Frar –** Ittellgħu l-poloz tar-rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew ta' taħt il-21 sena, 2025-27. Malta telgħet fi Grupp F bit-timijiet l-oħra jkunu l-Ġorġja, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Latvja u l-Irlanda ta' Fuq.

**Frar –** Il-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo flimkien ma' numru żgħir ta' presidenti minn pajjiżi oħra b'rabta mill-qrib mal-Federazzjoni Taljana tal-Futbol (FIGC) ġew mistiedna jattendu għall-Assemblea Ġenerali tal-FIGC f'Ruma.



**8 ta' Marzu –** Laqgħa mal-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Intern, Sigurtà u x-Xogħol, u l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, dwar l-introduzzjoni tal-liġi li tirregola security stewards f'postijiet fejn isiru avvenimenti sportivi, li ser jikkumplimentaw ħidmet l-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija.

**13 ta' Marzu –** Kollaborazzjoni bejn il-Malta FA u Project Green biex tinkoraġġixxi u tinċentiva lill-klabbs jimplimentaw proġetti favur l-ambjent. Dawn il-proġetti jvarjaw minn tħaddir u tisbiħ taż-żoni madwar il-grawnds, għall-elementi sostenibbli bħall-konservazzjoni tal-ilma tat-tisqija.



Fil-preżenza tal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Onor. Clifton Grima u l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Miriam Dalli, iż-żewġ entitajiet iffirmaw il-ftehim li permezz tiegħu wittew it-triq għall-implimentazzjoni tal-iskema magħrufa bħala 'Green Goal', b'investiment ta' kważi €530,000 minn Project Green.

**3 ta' April –** Matul il-Kungress tal-UEFA li sar f'Belgrad, Bjorn Vassallo kien wieħed mill-kandidati għall-elezzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv tal-istess organizzazzjoni Ewropeja. Il-President tal-

Malta FA ikkontesta l-elezzjoni għal żewġ rappreżentanti għal terminu ta' sentejn - hu kiseb 18-il vot iżda ma kienx elett wara li spiċċa t-tielet fil-votazzjoni.

Dr Matthew Paris u Dr Maria Azzopardi, Viċi President u Segretarju Ġenerali tal-Malta FA, attendew id-49 Kungress Ordinarju tal-UEFA flimkien ma' Vassallo.

**9 ta' April –** L-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta, Myriam Spiteri Debono, għamlet żjara fil-kwartieri ġenerali tal-Assoċjazzjoni.





**22 ta' April –** Il-UEFA Club Benefits Programme ikkonferma l-allokazzjoni ta' fondi li se jiġu mqassma lill-klabbs mill-55 Assoċjazzjoni Membru, inklużi numru ta' klabbs Maltin li kellhom plejers imsejħin mal-iskwadra nazzjonali tal-irġiel matul il-kompetizzjonijiet tal-UEFA.

**6 ta' Mejju –** Żjara fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali mill-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, flimkien mal-Ministru għall-Affarijiet Interni, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri u mal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima. Ix-xogħolijiet f'dan is-sit ġdid jinsabu fi stadju avvanzat tant li ċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol mistenni jinfetaħ uffiċjalment fil-ġimgħat li ġejjin.

**15 ta' Mejju –** Il-President tal-Malta FA, Bjorn Vassallo, flimkien mas-Segretarju Ġenerali Dr Maria Azzopardi u mat-Teżorier tal-Assoċjazzjoni Ivan Mizzi, attendew il-75 Kungress tal-FIFA f'Asuncion ġewwa l-Paragwaj.

**26 ta' Mejju** - Il-Bord Eżekuttiv tal-Malta FA approva numru ta' emendi fir-regolamenti tat-trasferiment tal-plejers (Section IV – Regulations on the Status and Transfer of Players) li jindirizzaw il-perjodu ta' reġistrazzjoni mandatorju li plejer mhux professjonali jkollu ma' klabb, liema emendi jirrelataw ukoll ma' plejers taħt l-eta' ta' 18-il sena.

**5 ta' Ġunju –** Il-Malta FA għamlet donazzjoni sostanzjali lil Caritas Malta biex akkwistat ktieb uniku ffirmat minn plejers attwali u dawk passati tat-team nazzjonali.

**19 ta' Ġunju –** L-amministrazzjoni tal-Malta FA ltaqgħet mal-uffiċjali tal-klabbs membri fi tliet laqgħat separati li saru fis-Centenary Hall.

**20 u 21 ta' Ġunju –** Il-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Malta FA attendew Summit tal-FIFA biex jiddiskutu l-iżvilupp tal-futbol flimkien mal-bqija tal-211-il Assoċjazzjoni Membru fi ħdan l-organizzazzjoni dinjija tal-futbol.

# L-iżvilupp tat-talent, il-grassroots u futbol fl-iskejjel fil-qalba tal-ħidma tal-IFF

**Il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol (IFF) kompliet tiddedika l-isforzi tagħha biex tiżdied il-parteċipazzjoni fil-futbol f'kull livell. Dan seħħ permezz ta' numru ta' proġetti ewlenin immirati lejn l-iżvilupp fil-livell tal-grassroots u l-iżvilupp tat-talent taż-żgħażagħ, kif ukoll inizjattivi ġodda li jiffukaw speċifikament fuq l-inklużjoni fil-futbol.**

Il-Bord tal-Fondazzjoni baqa' l-istess bħas-sena ta' qabel. L-eks plejers Gareth Sciberras u Michael Galea żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala Chairperson u Vice-Chairperson rispettivament. Il-membri l-oħra kienu jinkludu l-eks plejer nazzjonali Ray Vella, Paul Galea, Kurt Formosa, u Joe Cassar, li jirrappreżenta l-Youth FA f'isem il-Membru Onorarju Fr Hilary Tagliaferro, flimkien ma' Bjorn Vassallo u Dr Maria Azzopardi, President u Segretarju Ġenerali tal-Malta FA rispettivament.

L-għanijiet ewlenin tal-IFF ġew implimentati permezz ta' dawn il-proġetti u inizjattivi:

- Appoġġ għan-nurseries tal-futbol li jgħinu lill-plejers lokali żgħażagħ ikabbru t-talent tagħhom. Dan kien jinkludi l-proġetti tar-Regional Hubs, il-Girls Academy u l-Futsal Academy. Dawn joffru wkoll sessjonijiet fejn tingħata gwida lill-plejers kif ukoll lill-ġenituri tagħhom dwar suġġetti relatati mal-isport bħan-nutrizzjoni u l-psikoloġija sportiva.

- Organizzazzjoni tal-U13 Fun Festivals, b'aktar minn 40 klabb involut. Dawn il-festivals huma maqsuma f'erba' sezzjonijiet u jagħtu lit-tfal l-opportunità li jilagħbu f'format ta' 9-a-side u 11-a-side matul l-istaġun.

- L-attivitajiet tal-Football in Schools fl-iskejjel madwar Malta u Għawdex bl-għan li l-futbol, u b'mod ġenerali l-isport b'enfasi fuq l-importanza tal-attività fiżika, ikun introdott lill-eluf ta' studenti sa minn etajiet żgħar.

- Inħarsu s-sigurtà u l-benessri tat-tfal u l-plejers żgħażagħ li huma involuti fil-programmi tal-IFF permezz ta' miżuri ta' protezzjoni.

- Nippromwovu r-rispett u l-imġieba tajba fil-futbol fil-livell tal-grassroots, speċjalment fost il-ġenituri u l-kowċis, permezz ta' kampanji ta' għarfien u edukazzjoni.

L-IFF tibqa' impenjata li toħloq ambjent sigur, divertenti, u ta' appoġġ għall-plejers żgħażagħ kollha.

## IL-HUBS REĠJONALI

| KATEGORIJA | NUMRU TA' PLEJERS |
|---|---|
| U12-13 | 51 |
| U14 | 92 |

| KATEGORIJA | NUMRU TA' SESSJONIJIET |
|---|---|
| U12-13 | Hub 1 - 78 |
| | Hub 2 - 78 |
| Total | 156 |

| KATEGORIJA | NUMRU TA' SESSJONIJIET SA DIĊEMBRU 2024 | NUMRU TA' SESSJONIJIET MINN JANNAR SA MEJJU 2025 |
|---|---|---|
| U14 | Hub 1 - 42 | Selezzjoni - 51 |
| | Hub 2 – 42 | |
| | 84 | 51 |
| Total | | 135 |



| KATEGORIJA | NUMRU TA' SESSJONIJIET |
|---|---|
| U12-13 | Hub 1 - 14 |
| | Hub 2 - 14 |
| Total | 28 |

Bħala parti mill-programm tar-Regional Hubs saru numru ta' laqgħat, 15 b'kollox, għall-plejers u l-ġenituri tagħhom.

## ATTIVITAJIET OĦRAJN:

- Mawra f'Għawdex għal logħba ta' ħbiberija kontra Gozo U15. Din saret għall-plejers fil-kategorija U14 fid-19 ta' Marzu.
- Logħob għall-plejers miż-żewġ hubs U12-13 fil-Malta FA Training Grounds f'Ta' Qali, żjara fl-Istadium Nazzjonali u tour tal-mużew fl-1 ta' Mejju.
- Partiti ta' ħbiberija għall-iskwadra U14 bi tħejjija għal-logħbiet f'Ġibiltà.
    - Logħba kontra Mosta U15
    - Żewġ logħbiet kontra Gozo U15
    - Żewġ logħbiet kontra t-tim nazzjonali U15

# IŻ-ŻJARA TAL-GRUPP TAL-HUBS U12-13 FIL-KUMPLESS TAL-MALTA FA F'TA' QALI






# LOGĦBIET TA' ĦBIBERIJA (MALTA U14)

| | | |
|---|---|---|
| **14 ta' Mejju, 2025** | Ġibiltà vs Malta | 0-3 |
| **16 ta' Mejju, 2025** | Ġibiltà vs Malta | 2-0 |

Iż-żewġ logħbiet intlagħbu fil-Victoria Stadium, Ġibiltà.














## OPPORTUNITÀ GĦALL-BNIET F'GĦAWDEX

L-ewwel staġun tal-proġett Gozo Girls Football – Live It With Love kien konkluż b'suċċess. Din l-inizjattiva, li twettqet flimkien mal-Youth Football Association, id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa u l-Gozo Youth FA, offriet sessjonijiet ta' taħriġ tal-futbol b'xejn għall-bniet bejn is-7 u l-11-il sena.

Dawn is-sessjonijiet kienu jsiru kull nhar ta' Sibt filgħodu fil-Grawnd tal-Għarb, u ntlaqgħu ferm tajjeb mill-familji Għawdxin.

Kull sessjoni attirat madwar 20 tifla li tgħallmu ħiliet ġodda, kisbu aktar kunfidenza, u l-aktar importanti ħadu gost jilagħbu l-futbol. L-entużjażmu fil-grawnd kien prova ċara li dan il-proġett ħalla impatt pożittiv fost dawn il-bniet.

Dan ir-rispons u ż-żieda fl-interess xpruna lill-Fondazzjoni biex fl-istaġun li ġej jittieħed il-pass li jmiss, dak li jitnieda kampjonat għat-tfajliet f'Għawdex.

Dan il-proġett għandu l-għan li jgħin kemm fl-iżvilupp tat-talent kif ukoll l-ispirtu ta' tim f'ambjent divertenti u inklussiv.

## FUN FESTIVALS TA’ TAĦT IT-13-IL SENA (U13)

Matul l-istaġun inżammu diversi Fun Festivals għal plejers ta’ taħt it-13-il sena. Kull klabb seta’ jagħżel li jieħu sehem f’waħda minn erba’ sezzjonijiet, minn Sezzjoni A sa Sezzjoni D, skont il-livell tagħhom.

Din is-sistema tgħin biex it-timijiet jilagħbu kontra oħrajn ta’ livell simili, u b’hekk il-logħob ikun aktar bilanċjat fejn kulħadd jista’ jieħu gost.

Dan jikkumplimenta wkoll l-għan tal-IFF li kull plejer żagħżugħ ikollu biżżejjed ħin u opportunitajiet ta’ logħob effettiv, u b’hekk jgħin biex jiżviluppa t-talent lokali f’kull livell.

Bejn Ottubru u Diċembru, il-festivals saru b’format ta’ 9-a-side, u minn Jannar ’il quddiem inbidlu għal format ta’ 11-a-side.

Il-Girls Academy (U14) dan l-istaġun lagħbet f’Sezzjoni A. B’kollox ħadu sehem madwar 46 klabb f’dawn il-festivals li saru f’19-il grawnd differenti. Hu stmat li ntlagħbu aktar minn 250 logħba, b’aktar minn 960 plejer differenti involuti b’mod dirett.

Għall-ewwel darba ġie wkoll organizzat trasport b’xejn għat-timijiet li lagħbu fil-grawnd ta’ Dar San Ġużepp, f’Santa Venera. Dan it-trasport ġie offrut biex inaqqas it-traffiku fiż-żona b’dan is-servizz ikun ipprovdut minn Co-op Services permezz ta’ ftehim mal-Fondazzjoni.

| | SEZZJONI A | | SEZZJONI B | |
|---|---|---|---|---|
| | Round 1 - 9-a-side | Round 2 - 11-a-side | Round 1 - 9-a-side | Round 2 - 11-a-side |
| Timijiet | 16 | 12 | 17 | 14 |
| Partiti | 60 | 30 | 83 | 35 |

| | SEZZJONI Ċ | | SEZZJONI D | |
|---|---|---|---|---|
| | Round 1 - 9-a-side | Round 2 - 11-a-side | Round 1 - 9-a-side | Round 2 - 11-a-side |
| Timijiet | 8 | 8 | 13 | 8 |
| Partiti | 42 | 20 | 69 | 20 |

## FOOTBALL IN SCHOOLS

Il-programm tal-Football in Schools kiber sew f’dawn l-aħħar xhur biex issa qed jilħaq aktar minn 3,500 student madwar Malta u Għawdex. Waħda mill-inizjattivi ewlenin hi l-programm Fun Fit Football li issa hu akkreditat b’mod uffiċjali fil-Livell 2 tal-MQF mid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni.

Il-programm qed jopera fi tmien skejjel taħt il-Kulleġġ San Benedittu, immirat għal studenti mill-ewwel sas-sitta sena primarja, b’total ta’ 555 sessjoni għal madwar 3,500 tifel u tifla, biċ-ċertifikati jingħataw fl-aħħar tas-sena.







F'Ottubru tnieda wkoll il-proġett Football for the Goals, li jgħaqqad il-futbol ma' 17-il għan għall-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti. Total ta' 15-il skola ħadu sehem f'attivitajiet u festivals, b'kull klassi tiffoka fuq SDG partikolari. Dan il-proġett sar bl-appoġġ tal-Ministeru għall-Ambjent u dak tal-edukazzjoni.

Fl-14 ta' Ottubru, l-iskejjel kollha ngħaqdu f'kampanja ta' għarfien dwar l-ADHD b'attivitajiet tal-futbol waqt il-breaks, vidjos edukattivi fil-klassi u premjijiet, b'kollaborazzjoni ma' ADHD Malta.



Ġie mniedi wkoll proġett ġdid, l-After School Football for Autism, b'24 tifel u tifla jattendu sessjoni fix-xahar waqt il-fażi ta' prova. Ir-rispons kien pożittiv u hemm pjanijiet biex dan jespandi l-istaġun li ġej.

Il-programm kompla jikber, u qed joffri esperjenzi ta' futbol inklussivi fejn studenti ta' kull livell jistgħu jieħdu gost permezz tal-futbol.

## INIZJATTIVI OĦRAJN IMWETTQA MILL-IFF JINKLUDU:



- U13 School Festival bil-parteċipazzjoni ta’ 16-il skola
- Kampjonat U15 ta’ sitt ijiem bil-parteċipazzjoni ta’ 13-il skola
- 81 sessjoni ta’ Fun Fit Football fl-iskejjel
- 6 School Fun Days – 890 student kellhom iċ-ċans jilagħbu fis-Centenary Stadium u jagħmlu żjara fl-Istadium Nazzjonali u l-mużew tal-futbol Malti.
- Ċelebrazzjoni fil-grawnd tal-Mosta fl-aħħar sessjoni tal-proġett Football for Autism. Matul din l-attività, l-IFF sellmet il-kontribut tal-UEFA Foundation for Children li kkonfermat is-sostenn tagħha għal dan il-proġett.
- Festival f’Għawdex għall-istudenti tar-raba’ sena bil-parteċipazzjoni ta’ seba’ skejjel. Il-festival sar fil-grawnd ta’ Kerċem Ajax.
- Ċerimonja fl-Iskola Primarja tal-Qrendi fejn ingħataw l-ewwel ċertifikati tal-programm akkreditat tal-Fun Fit Football wara 555 sessjoni fil-Kulleġġ San Benedittu matul is-sena skolastika.

## WALKING FOOTBALL

Sabiex noffru iktar opportunitajiet ta’ futbol aċċessibbli għal kulħadd, l-IFF daħlet b’entużjażmu fl-organizzazzjoni tal-Walking Football, inizjattiva mmirata speċjalment lejn persuni li għandhom ‘l fuq minn 50 sena.

Għalhekk, matul l-istaġun ġew organizzati żewġ attivitajiet fis-Centenary Stadium li attiraw madwar 25 parteċipant. Din l-inizjattiva saret b’kollaborazzjoni ma’ Walking Football Malta.





# TNEDIJA TAL-KAMPANJA – *'LET US PLAY – OUR DREAMS, OUR GAME'*

Fit-tmiem tal-istaġun, il-Fondazzjoni, flimkien mal-Youth FA, il-Malta Football Players Association, u d-Dipartiment tar-Responsabbiltà Soċjali fi ħdan il-Malta FA, nediet uffiċjalment kampanja dwar imġieba pożittiva fil-futbol taż-żgħażagħ. It-tnedija saret waqt il-Festival tal-U-9 organizzat mill-Youth FA fil-grawnd ta' Rabat Ajax fl-Imtarfa f'Mejju.

Il-kampanja 'Let Us Play – Our Dreams, Our Game' għandha l-għan li tqajjem kuxjenza fost ġenituri, kustodji legali, kowċis, għalliema u uffiċjali tal-klabbs dwar l-impatt li jista' jkollhom fuq il-plejers ta' età żgħira. Din il-kampanja qed tħeġġeġ appoġġ pożittiv u ambjent mingħajr pressjoni fejn it-tfal jistgħu jieħdu gost jilagħbu u jikbru, kemm bħala plejers kif ukoll bħala individwi.










## ĊENTRU TEKNIKU

# Enfasi fuq it-titjib tal-ħiliet tekniċi, fiżiċi u tattiċi tal-plejers fil-qafas tat-timijiet nazzjonali

### STRENGTH AND CONDITIONING

Il-proġett relatat mal-istrength and conditioning sar għat-tielet sena matul is-sajf tal-2024. Is-sessjonijiet koprew il-kategoriji kollha tat-timijiet nazzjonali mill-U15 sal-U18.

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jtejjeb il-ħiliet tal-plejers żgħażagħ tat-timijiet nazzjonali matul il-perjodu tas-sajf f'aspetti tal-logħba prinċiparjament relatati mal-abbiltajiet fiżiċi u dawk tekniċi individwali tagħhom. Matul is-sajf tal-2024, il-proġett sar mit-12 ta' Ġunju sat-12 ta' Lulju.

Is-sessjonijiet kienu maqsuma fi tnejn – waħda ffokat fuq l-iżvilupp tal-ħiliet fil-grawnd u t-tieni fuq is-saħħa u l-kundizzjonament, liema sessjonijiet saru fil-faċilitajiet tal-gym tal-Malta FA. Is-sessjonijiet fil-grawnd tmexxew mill-kowċis tat-timijiet nazzjonali f'kategoriji differenti filwaqt li s-sessjonijiet fil-gym tmexxew mill-kowċ speċjalizzat fil-qasam tal-istrength and conditioning.




| Sessjonijiet fil-gym: | Sessjonijiet fil-pitch: | Numru ta' plejers li pparteċipaw: |
|---|---|---|
| 40 | 32 | 118 |



Total ta' sessjonijiet ta' taħriġ:

**42**

**Numru ta' gowlkipers li pparteċipaw fil-proġett kien:**

Tim tal-Kbar:

**5**

U19 & U21:

**6**

Tim tan-Nisa:

**2**

## ELITE PLAYER PERFORMANCE PROJECT

Bħas-snin ta' qabel, l-Elite Player Performance Project kien maqsum f'żewġ oqsma ewlenin.

L-ewwel parti tal-proġett iffokat fuq il-ħiliet tal-gowlkiper fejn sessjonijiet ta' taħriġ, immexxija mill-kowċ Mario Capece, ġew organizzati għall-gowlkipers li jiffurmaw parti mit-tim nazzjonali A, it-tim nazzjonali U21 u t-tim nazzjonali U19. Proġett simili tmexxa minn Alessandro Ramella, kowċ tal-gowlkipers tat-tim nazzjonali tan-nisa għall-gowlkipers femminili.

Kif sar fis-snin preċedenti, it-tieni parti tal-proġett tal-EPPP iffokat fuq plejers potenzjali tat-tim nazzjonali taħt il-25 sena u speċjalizzat f'sessjonijiet ta' saħħa u kundizzjonament immexxija mill-kowċ tal-istrength and conditioning, William Panzetti.

L-għan tal-proġett huwa li jtejjeb l-abbiltajiet fiżiċi tal-plejers u jikkumplimenta x-xogħol li qed isir waqt it-taħriġ mill-klabbs. Biex jintlaħaq il-massimu tal-benefiċċji ta' dan il-proġett, il-Performance Department fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku żamm komunikazzjoni kostanti mal-kowċis tal-fitness fi ħdan il-klabbs biex isir skambju ta' data u informazzjoni biex dejjem jiġu mfassla l-aħjar sessjonijiet ta' taħriġ għall-plejers.

L-għadd ta' plejers li ħadu sehem f'dan il-proġett kien ta' 14 u kull plejer kien skedat li jattendi darbtejn fil-ġimgħa skont il-kalendarju tal-logħbiet tal-klabbs rispettivi.

## SCOUTING TAL-LOGĦOB

Id-Dipartiment tal-Iscouting, iffurmat minn kowċis fi ħdan il-qafas tat-tim nazzjonali, jevalwa b'mod regolari l-plejers lokali kif ukoll dawk li jilagħbu barra minn xtutna li huma eliġibbli biex jilagħbu għat-timijiet nazzjonali Maltin.

Taħt il-gwida tal-Head Coach u Direttur Tekniku, Emilio De Leo, il-Kordinatur Tekniku Ivan Woods u bl-organizzazzjoni mmexxija mill-iscout u kowċ Stefano Grima, in-network tal-iscouting laħaq dawn iċ-ċifri matul l-istaġun 2024-25.

## LOGĦBIET/SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ MONITORJATI



Premier League: **157**

Challenge League: **36**

National Amateur League: **4**

FA Trophy: **13**

Youth League: **96**

Kampjonati u KO ta' taħt is-17-il sena: **53**

Kampjonati u KO ta' taħt il-15-il sena: **73**

Logħbiet tal-klabbs tal-UEFA f'pajjiżna: **9**

Logħbiet ta' ħbiberija ta' qabel l-istaġun: **60**

Żjarat waqt sessjonijiet ta' taħriġ tal-klabbs: **125**

### Numru ta' Plejers Monitorjati (skont is-sena tat-twelid):

- 2010: **141**
- 2009: **46**
- 2008: **83**
- 2007: **70**
- 2006: **38**
- 2005: **40**
- 2004: **39**
- Plejers mat-timijiet tal-kbar: **963**

Numru ta' logħbiet irrappurtati **2,296**






# TESTIJIET TAL-KUNDIZZJONI FIŻIKA

Matul l-istaġun 2024-25, il-Performance Department, permezz tal-kowċ speċjalizzat fi strength and conditioning u kowċis tal-fitness, wettqu total ta' 2,412 test tal-kundizzjoni fiżika fuq plejers fi ħdan il-qafas tat-timijiet nazzjonali li jvarjaw mit-tim nazzjonali 'A', it-timijiet nazzjonali tan-nisa u t-timijiet nazzjonali kollha taż-żgħażagħ mill-U15 sal-U19. It-testijiet differenti li saru kienu jinkludu:

- Countermovement Jump
- Stiffness Test
- Triple Hop for Distance Test
- Testijiet tal-Veloċità
- 30-15 Intermittent Fitness Test
- Trapbar Deadlift 3RM
- Test Mognoni
- Velocity-Load Sprint Profile Test
- Strength Test
- Testijiet individwali ffukati fuq protokolli ta' ritorn għall-azzjoni għal plejers imweġġgħin

In-numru totali ta' plejers li ġew ittestjati huwa ta' 172.

## COACH EDUCATION

# Total ta' 470 kowċ jattendu korsijiet offruti mill-Malta FA fl-2024-25

## UEFA PRO U UEFA C FOST DAWK LI TKOMPLEW MATUL L-ISTAĠUN

L-istaġun 2024-25 reġa' kien wieħed interessanti għad-Dipartiment tal-Coach Education minħabba li ġew organizzati numru kbir ta' korsijiet. Matul l-istaġun, id-dipartiment ikkordina 13-il kors differenti b'total ta' 422 kowċ li kisbu ċertifikat ġdid ta' coaching jew aġġornaw dak preċedenti tagħhom. Apparti minn dawn il-korsijiet ġodda, żewġ korsijiet oħra, jiġifieri l-UEFA PRO u l-Kors Ċ tal-UEFA, tkomplew mill-istaġun preċedenti.

Barra minn hekk, f'April 2025, tnieda programm ta' Continuous Professional Development biex jipprovdi lill-kowċis kollha ċċertifikati mill-Malta FA u l-UEFA, il-possibbiltà li jwessgħu l-għarfien tagħhom dwar il-coaching permezz ta' sessjonijiet prattiċi u teoretiċi, animati minn kowċis tal-Assoċjazzjoni u edukaturi tal-kowċis minn diversi klabbs.

Matul dan l-istaġun, il-kowċis mill-Malta FA ġew mistiedna wkoll biex jipparteċipaw f'seminars tal-UEFA bħala parti mit-taħriġ tagħhom u biex jitkattar l-għarfien dwar prattiċi tajbin fost membri differenti tal-UEFA.



Il-kowċis li qed jattendu l-kors tal-UEFA Pro Diploma waqt żjara fil-kumpless ta' Fulham.

## KORSIJIET EWLENIN U SPEĊJALIZZATI

L-għanijiet ewlenin għal dawn iż-żewġ staġuni (2024-25 u 2025-26) huma li tinħoloq bażi soda fil-livelli aktar baxxi tal-coaching. Fil-fatt, matul l-istaġun 2024-25, id-Dipartiment tal-Coach Education organizza tliet korsijiet tad-Diploma tal-UEFA C fejn 101 kowċ ieħor bdew il-perkors tal-liċenzjar tal-UEFA.



Il-kowċis kollha li qed jipparteċipaw fil-kors UEFA Pro organizzat miċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA.

Id-Diploma UEFA C tagħti lill-kowċis għarfien bażiku tal-coaching tal-futbol, u tħejji lill-kandidati għall-kors aktar impenjattiv, dak tad-Diploma UEFA B.

Sabiex ilaħħqu mad-domanda fis-settur tal-coaching taż-żgħażagħ, ġew organizzati sitt Grassroots Leaders Courses dan l-istaġun b'total ta' 252 kowċ. Dan għandu jsaħħaħ il-bażi għall-kowċis fis-settur taż-żgħażagħ. Tnejn minn dawn il-korsijiet ġew organizzati 'l bogħod miċ-Ċentru Tekniku fil-faċilitajiet ta' Fgura United u Melita FC. Din kienet inizjattiva oħra pożittiva u nistennew bil-ħerqa esperjenzi oħra bħal dawn ma' klabbs oħra interessati.

Il-kors tal-UEFA B beda u ntemm matul l-istaġun 2024-25 b'29 kowċ parteċipant. Dan huwa t-tielet kors organizzat matul l-aħħar tliet staġuni tal-futbol u b'hekk żdied in-numru ta' kowċis ġodda tal-UEFA B b'madwar 80.

Matul dan l-istaġun issokta l-kors tad-Diploma Pro tal-UEFA fejn ġew organizzati sitt moduli oħra, wieħed minnhom kien żjara ta' studju f'Londra, fejn il-kowċis kellhom l-opportunità li jżuru s-set-up professjonali ta' Fulham FC u jżuru l-ambjent fil-London College of Music. Is-16-il kowċ f'dan il-kors se jikkonkludu d-diploma billi jippreżentaw l-istudju tagħhom f'Lulju 2025 u jattendu seminar ta' tlitt ijiem organizzat mill-UEFA, f'Nyon, f'Ottubru li ġej.

Tliet korsijiet speċjalizzati oħra ġew organizzati matul l-istaġun li għadda fejn id-Diploma UEFA Futsal B kien offrut għall-ewwel darba, bil-kors jibda f'Novembru 2024, b'20 kowċ parteċipant li jispeċjalizzaw fit-taħriġ tal-futsal.

Il-UEFA Goalkeeping B kien kors speċjalizzat ieħor organizzat matul l-istaġun flimkien ma' Youth Fitness Coach Award li kellhom 13 u 10 parteċipanti rispettivament. Permezz ta' dawn il-korsijiet, id-dipartiment qed jindirizza d-domanda fl-oqsma speċjalizzati tal-coaching u jikkontribwixxi għat-titjib u l-professjonaliżmu tal-klabbs tal-futbol Maltin, filwaqt li tkun sostnuta l-konformità mad-direttivi tal-UEFA dwar il-coaching.

## CONTINUOUS PROFESSIONAL DEVELOPMENT

Programm ġdid ta' Continuous Professional Development (CPD) tnieda f'April 2025 b'aktar minn 32 sessjoni ta' CPD. Dawn is-sessjonijiet kienu maqsuma skont il-kategoriji tal-età u l-interessi differenti.

Diversi sessjonijiet teoretiċi jew prattiċi saru fiċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA jew fi grawnds ta' taħriġ u fi klabbs tal-futbol lokali. Madwar 400 kowċ ipparteċipaw f'mill-inqas wieħed mill-bosta CPDs li ġew organizzati. Kowċis tal-istaff tal-Malta FA, kowċis minn klabbs lokali,

> L-għanijiet ewlenin għal dawn iż-żewġ staġuni (2024-25 u 2025-26) huma li tinħoloq bażi soda fil-livelli aktar baxxi tal-coaching. Fil-fatt, matul l-istaġun 2024-25, id-Dipartiment tal-Coach Education organizza tliet korsijiet tad-Diploma tal-UEFA C fejn 101 kowċ ieħor bdew il-perkors tal-liċenzjar tal-UEFA



flimkien ma' kelliema mistiedna kwalifikati lokali u barranin, ippreżentaw dawn is-sessjonijiet ta' CPD.

CPDs oħra ġew organizzati minn klabbs affiljati permezz tal-kowċis ewlenin tagħhom bil-permess taċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA. Iċ-Ċentru Tekniku jinkoraġġixxi u jappoġġja inizjattivi bħal dawn peress li permezz ta' sessjonijiet lokali ta' CPD, se jingħata rwol aħjar lill-edukazzjoni tal-kowċis fil-klabbs tagħna.

Dawn is-sessjonijiet ta' CPD huma parti essenzjali mill-iżvilupp tal-kowċis u huma meħtieġa għat-tiġdid tal-liċenzja tal-coaching tagħhom, fejn kull kowċ irid jattendi mill-inqas 15-il siegħa ta' sessjonijiet ta' CPD fuq perjodu ta' tliet snin li jiskadi f'Diċembru 2025.

| Data | Kors | Kandidati |
|---|---|---|
| Awwissu 2024 | UEFA C Diploma (tkompla mill-2023/24) | 32 |
| Settembru 2024 | GLC Course (1) | 43 |
| Settembru 2024 | UEFA B | 29 |
| Ottubru 2024 | UEFA C Diploma (1) | 32 |
| Ottubru 2024 | UEFA PRO (tkompla mill-203/24) | 16 |
| Novembru 2024 | GLC Course (2) | 44 |
| Novembru 2024 | UEFA B GK | 13 |
| Novembru 2024 | UEFA Futsal B | 17 |
| Diċembru 2024 | GLC Course (3) | 44 |
| Jannar 2025 | Youth Fitness Award | 10 |
| Frar 2025 | UEFA C Diploma (2) | 35 |
| Frar 2025 | GLC Course (4) | 42 |
| Marzu 2025 | GLC Course (5) | 43 |
| Mejju 2025 | UEFA C Diploma (3) | 34 |
| Mejju 2025 | GLC Course (6) | 36 |
| | **TOTAL** | **470 kowċ** |

## EDUKAZZJONI TAL-COACHING

Kull kors jikkonsisti f'aspetti prattiċi u teoretiċi li jgħinu biex jiffurmaw lill-kowċis kandidati għall-aspetti moderni tal-logħba. Il-kompetenzi miksuba li jiġu żviluppati f'dawn il-korsijiet huma msaħħa aktar bix-xogħol li jsir matul il-korsijiet. Il-valutazzjoni formattiva tippermetti lil kull kandidat jagħraf li t-tagħlim huwa proċess u li l-ħajja hija dwar vjaġġ lejn l-eċċellenza.

Total ta' 470 kowċ attendew għal wieħed mill-korsijiet imsemmija li ġew offruti mid-Dipartiment tal-Coach Education, li juri li ċ-Ċentru Tekniku qed jipprova



Il-kowċis li qed jieħdu sehem fil-kors tal-UEFA Futsal B.

**Total ta' 470 kowċ attendew għal wieħed mill-korsijiet imsemmija li ġew offruti mid-Dipartiment tal-Coach Education, li juri li ċ-Ċentru Tekniku qed jipprova jilħaq is-setturi varji kollha tal-komunità tal-kowċis tal-futbol f'Malta, mill-grassroots sal-ogħla livell**

jilħaq is-setturi varji kollha tal-komunità tal-kowċis tal-futbol f'Malta, mill-grassroots sal-ogħla livell.

Il-lista tal-korsijiet kollha organizzati matul l-istaġun turi varjetà ta' korsijiet li qed jiġu offruti biex jissaħħaħ il-livell tal-coaching tal-futbol f'Malta. Dawn kollha huma bbażati fuq ix-xogħol ta' tħejjija li jsir fi ħdan id-dipartiment.

Fl-istaġun li ġej, iċ-Ċentru Tekniku qed jippjana biex jorganizza l-korsijiet li ġejjin:

1. UEFA A Diploma
2. UEFA Elite Youth A Diploma
3. UEFA C Diploma (2 korsijiet)
4. Goalkeepers Coach Certificate Level 1
5. Match Analysis Course
6. UEFA Fitness B Diploma
7. Futsal National C
8. Grassroots Leader Certificate (minimu ta' erba' korsijiet)
9. CPDs għall-kowċis kollha



## LIĊENZJAR

Matul l-istaġun, il-Kumitat tal-Liċenzjar tal-Kowċis u ċ-Ċentru Tekniku approvaw aktar minn 1,200 liċenza fil-kategoriji differenti skont it-tabella li tidher hawn taħt.

| Liċenzja | Total |
|---|---|
| UEFA Pro | 44 |
| UEFA A Elite | 36 |
| UEFA A | 119 |
| UEFA B | 182 |
| UEFA C | 239 |
| Match Analyst | 17 |
| GK Coaches - 1 | 33 |
| GK Coaches - 2 | 1 |
| UEFA GK B | 30 |
| UEFA Fitness B | 2 |
| Youth Fitness Coach | 22 |
| Fitness Coach | 33 |
| Grassroots Leaders | 451 |
| **TOTAL** | **1209** |

**Eżenzjonijiet – Inħarġu 84 ittra ta' eżenzjoni matul l-istaġun 2024-25. Ħames talbiet kienu miċħuda u 79 ġew aċċettati.**

L-intenzjoni tad-Dipartiment tal-Coach Education hija li kemm jista' jkun il-kwalifiki minn korsijiet qodma jgħaddu minn proċess ta' aġġornament u jiġu assimilati f'korsijiet moderni ġodda biex jitneħħew gradwalment korsijiet bħal dawn.

Dan l-eżerċizzju beda fl-istaġun 2021-22 billi numru ta' kowċis tal-MFA A u kowċis tal-GK tat-tieni livell, ġew aġġornati għal-liċenzja tal-UEFA A u l-liċenzja l-ġdida tal-UEFA GK B. Matul dan l-istaġun, permezz tat-tieni kors tad-Diploma UEFA B li qed jiġi organizzat, grupp ieħor ta' kowċis liċenzjati bħala MFA B se jkollhom l-opportunità li jaġġornaw il-liċenzja tal-coaching tagħhom billi jattendu numru ta' sigħat f'dan il-kors.

Aktar minn 1,000 kowċ irreġistraw għal liċenzja waħda jew aktar ta' coaching maċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA. Dan jinkludi 62 kowċ femminili li qed jaħdmu fil-klabbs tagħna, li juri żieda ta' 10 reġistrazzjonijiet u dan juri x-xogħol li qed isir biex inżidu n-numru u anke l-livell tal-kowċis nisa u l-futbol femminili b'mod ġenerali.



## TIMIJIET NAZZJONALI (IRĠIEL)

# Sena ta' trasformazzjoni u sfidi għat-tim nazzjonali



It-tim nazzjonali Malti għadda minn sena mimlija moviment, emozzjoni, u sfidi kbar fil-kamp internazzjonali bejn Lulju 2024 u Ġunju 2025. Din is-sena kienet waħda fejn Malta ħadet sehem fil-kompetizzjoni tal-UEFA Nations League, kellha bidliet fil-coaching staff, introduċiet plejers ġodda u żgħażagħ promettenti, u bdiet vjaġġ ieħor ta' kwalifikazzjoni – dak għat-Tazza tad-Dinja 2026.

## UEFA NATIONS LEAGUE: GRUPP DIFFIĊLI U REAZZJONIJIET POŻITTIVI

F'dan il-perjodu, Malta kienet fi grupp pjuttost diffiċli fil-UEFA Nations League flimkien mal-Moldova u l-Andorra. Il-kampanja bdiet b'telfa ta' 2-0 kontra l-Moldova barra minn darna. Minkejja dan id-diżappunt, Malta rkuprat b'reazzjoni tajba – rebħa ta' 1-0, barra minn darna, kontra l-Andorra grazzi għal gowl ta' Ryan Camenzuli.

Dan il-progress issokta fl-Istadium Nazzjonali fejn Malta rnexxielha tirbaħ lill-Moldova 1-0 b'penalty ta' Teddy Teuma, u segwa draw bla gowls kontra Andorra f'darna, b'Malta tilgħab għal ħafna ħin bi plejer inqas.

Wara din il-kampanja fi Grupp D2, Malta temmet fit-tieni post b'seba' punti, ftit wara l-Moldova li rebħet il-grupp b'disa' punti. Dan ir-riżultat assigura post għal Malta fil-play-offs bejn League C u D, u ġie kkonfermat li l-avversarju tagħna se jkun il-Lussemburgu, wieħed mit-timijiet li spiċċaw fir-raba' post f'wieħed mill-gruppi ta' League C.

Matul dan l-istess perjodu, Malta lagħbet ukoll partita ta' ħbiberija kontra Liechtenstein, fejn kisbet rebħa komda ta' 2-0. Il-gowls ġew minn Jurgen Degabriele u awto-goal mill-avversarji, f'wirja fejn l-iskwadra wriet stabbiltà u kontroll fil-logħba.



Emilio De Leo ħatar Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali f'Jannar 2025.

## TIBDIL FIL-KOWĊIS

Wara t-tieqa internazzjonali ta' Settembru, il-Malta Football Association ħabbret it-tmiem tal-kuntratt ta' Michele Marcolini, li kien ilu jmexxi lit-tim sa minn Diċembru 2023. B'mod interim, Davide Mazzotta ħa t-tmexxija temporanja iżda f'Jannar 2025, Emilio De Leo nħatar bħala l-Head Coach il-ġdid tat-tim nazzjonali – eks assistent ta' Sinisa Mihajlovic ma' diversi timijiet Taljani.

# KAMPANJA TA' KWALIFIKAZZJONI GĦAT-TAZZA TAD-DINJA 2026

Malta bdiet ukoll l-avventura ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja tal-2026 fi Grupp C. Il-grupp ta' Malta hu magħmul mill-Olanda, il-Polonja, il-Litwanja u l-Finlandja.

Taħt it-tmexxija ta' De Leo, Malta lagħbet erba' logħbiet:

- Telfa ta' 1-0 kontra l-Finlandja f'Malta, fejn it-tim Malti kellu prestazzjoni pożittiva.
- Telfa ta' 2-0 kontra l-Polonja, wirja oħra tajba kontra avversarji ferm iktar b'saħħithom.
- Draw ta' 0-0 kontra l-Litwanja, li kien frott xogħol tattiku sod u determinazzjoni.
- Telfa ta' 8-0 kontra l-Olanda fi Groningen, tim li bħalissa jinsab fis-sitt post tar-rankings tal-FIFA – riżultat li għalkemm iebes, ma naqqasx mill-moral tal-iskwadra.

**Joseph Mbong iżomm il-pussess tal-ballun fil-partita kontra l-Litwanja.**







**Malta kellha prestazzjoni soda fil-logħba kontra l-Polonja f'Warsaw.**




## DEBUTTANTI U STATISTIKA

Wieħed mill-aktar aspetti pożittivi ta' dan l-istaġun kienet il-ħidma fuq il-ġenerazzjoni li jmiss. Total ta' tmien plejers għamlu d-debutt tagħhom mat-tim nazzjonali A, sinjal ċar ta' investiment u l-fiduċja f'talent ġdid u estensjoni tal-bażi tal-iskwadra.

- Gabriel Bohrer Mentz (Gżira United FC), debutt - 13 ta' Ottubru 2024 vs Moldova
- Trent Buhagiar (Kapaz P.F.K.), debutt - 13 ta' Ottubru 2024 vs Moldova
- Basil Tuma (Reading FC), debutt - 13 ta' Ottubru 2024 vs Moldova
- Neil Micallef debutt - 14 ta' Novembru 2024 vs Liechtenstein
- James Carragher (Wigan Athletic FC), debutt - 21 ta' Marzu 2025 vs Finlandja
- Ilyas Chouaref (Sion FC), debutt - 21 ta' Marzu 2025 vs Finlandja
- Keyon Ewurum (Valletta FC), debutt – 7 ta' Ġunju vs Litwanja
- Jake Azzopardi (Valletta FC), debutt – 10 ta' Ġunju vs Olanda


It-tim nazzjonali U21 kien impenjat f'diversi partiti kompetittivi u oħrajn ta' ħbiberija.

Din is-sena wkoll kienet rekord għall-futbol Malti: fit-tieqa internazzjonali ta' Marzu kellna disa' plejers msejħa fl-iskwadra li kienu qed jilagħbu barra minn Malta – figura li turi kemm qed tikber il-preżenza internazzjonali tal-plejers tagħna.

Għalkemm l-isfidi kienu kbar – kemm f'termini ta' riżultati kif ukoll livell ta' oppożizzjoni, l-istaġun kien wieħed ta' tkabbir, titjib, esperjenza u strateġija fit-tul. Il-Malta FA u l-istaff tekniku qegħdin jidħlu f'approċċ ta' taħlita bejn esperjenza u talent ġdid.



## TIM TA' TAĦT IL-21 SENA

**KOWĊ:** Ivan Woods sa Diċembru 2024 – Davide Mazzotta mil-logħob internazzjonali ta' Marzu 2025.

**NUMRU TA' PARTITI:**

- Tliet logħbiet ta' ħbiberija internazzjonali
- Żewġ logħbiet ta' ħbiberija lokali
- Erba' logħbiet kompetittivi (rawnd ta' kwalifikazzjoni Grupp B għall-Kampjonat Ewropew 2025). It-timijiet l-oħra fil-grupp kienu Spanja, Belġju, Skozja, Każakstan u l-Ungerija.

**NUMRU TA' PLEJERS IMSEJĦA:** 34 plejer (għall-ewwel żewġ twieqi internazzjonali); 40 plejer (għat-twieqi internazzjonali ta' Marzu u Ġunju 2025)

**NUMRU TA' PLEJERS LI JILAGĦBU BARRA:** 4-7 plejers

**NUMRU TA' SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ:** 66



## TIM TA' TAĦT ID-19-IL SENA

**KOWĊ:** Paul Gatt

**NUMRU TA' LOGĦBIET:** 5

- Żewġ logħbiet ta' ħbiberija
- Tliet logħbiet kompetittivi (Rawnd ta' kwalifikazzjoni Grupp 4 għall-Kampjonat Ewropew 2025). It-timijiet l-oħra fil-grupp kienu l-Polonja, it-Turkija u Ġibiltà

**NUMRU TA' PLEJERS IMSEJĦA:** 28 plejer

**NUMRU TA' PLEJERS LI JILAGĦBU BARRA:** Żewġ plejers

**NUMRU TA' SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ:** 20

## TIM TA' TAĦT IT-18-IL SENA

**KOWĊ:** Stefano Grima

**NUMRU TA' LOGĦBIET:** 4

- Erba' logħbiet ta' ħbiberija

**NUMRU TA' PLEJERS IMSEJĦA MATUL L-ISTAĠUN** (Tliet sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa) – 54 plejer

**NUMRU TA' PLEJERS LI JILAGĦBU BARRA:** Sitt plejers

**NUMRU TA' SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ FIL-PITCH:** 77

**NUMRU TA' SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ FIL-GYM:** 35










## TIM TA' TAĦT IS-17-IL SENA

**KOWĊ:** Francesco Macri

**NUMRU TA' LOGĦBIET:** 10

- Erba' logħbiet ta' ħbiberija
- Tliet logħbiet kompetittivi (Rawnd ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew 2025). Rawnd 1 li ntlagħab f'Malta f'Ottubru 2024 - Grupp 1 li kien jinkludi lill-Ingilterra, l-Iżvezja u l-Latvja.
- Tliet logħbiet kompetittivi (rawnd ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew 2025). Rawnd 2 li ntlagħab f'Malta f'April 2025 - Grupp B5 li kien jinkludi lill-Bulgarija, il-Lussemburgu u l-Gżejjer Faroe.

**NUMRU TA' PLEJERS IMSEJĦA MATUL L-ISTAĠUN** (Tliet sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa) – 37 plejer

**NUMRU TA' PLEJERS LI JILAGĦBU BARRA:** Tliet plejers

**NUMRU TA' SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ FIL-PITCH:** 90 sessjoni

**NUMRU TA' SESSJONIJIET FIL-GYM:** 36 sessjoni

## TIM TA' TAĦT IS-16-IL SENA

**KOWĊ:** Piero Panzanaro

**NUMRU TA' LOGĦBIET:** 7

- Erba' logħbiet ta' ħbiberija
- Tliet logħbiet kompetittivi tal-UEFA Development Tournament li ntlagħab f'Malta fi Frar 2025 kontra l-Armenja, Ġibiltà u l-Gżejjer Faroe.

**NUMRU TA' PLEJERS IMSEJĦA MATUL L-ISTAĠUN** (Tliet sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa) – 41 plejer

**NUMRU TA' PLEJERS LI JILAGĦBU BARRA:** Tliet plejers

**NUMRU TA' SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ FIL-GRAWND:** 80

**NUMRU TA' SESSJONIJIET FIL-GYM:** 37 sessjoni

## TIM TA' TAĦT IL-15-IL SENA

**KOWĊ:** Jonathan Holland

**NUMRU TA' LOGĦBIET:** 7

- Erba' logħbiet ta' ħbiberija
- Tliet logħbiet mill-UEFA Development Tournament li ntlagħbu f'Malta f'Ottubru 2024 kontra Ġibiltà, l-Estonja u l-Kosovo



**NUMRU TA' PLEJERS IMSEJĦA MATUL L-ISTAĠUN** (Tliet sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa) – 48 plejer

**NUMRU TA' SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ FIL-PITCH:** 97 sessjoni

**NUMRU TA' SESSJONIJIET FIL-GYM:** 43 sessjoni



# Suċċess għal Malta bil-kisba tal-promozzjoni fit-tieni edizzjoni tal-UWNL

Il-progress kontinwu fis-settur tal-futbol tan-nisa f'Malta reġa' kien evidenti matul l-istaġun 2024-25 bit-tim nazzjonali tal-kbar jikseb tragward ieħor importanti.

Wara l-promozzjoni storika minn League C għal League B fl-ewwel edizzjoni tal-UEFA Women's Nations League fl-2023, it-tim nazzjonali tan-nisa rrepeta dan is-suċċess fit-tieni edizzjoni ta' din il-kompetizzjoni. Taħt il-gwida tal-kowċ Manuela Tesse, Malta rebħet Grupp C2 b'total ta' 13-il punt minn sitt partiti, tliet punti aktar minn Ċipru.








It-tim Malti ssiġilla l-ewwel post u l-promozzjoni b'rebħa ta' 1-0 kontra Ċipru f'partita li ntlagħbet fl-Istadium Nazzjonali nhar it-30 ta' Mejju, b'Haley Bugeja tiskorja l-gowl deċiżiv.

Fattur ieħor pożittiv kien li l-logħba minn Grupp C2 kontra Ċipru attirat 1,205 spettatur li uffiċjalment hi l-akbar attendenza reġistrata għal partita tat-tim nazzjonali tan-nisa f'Malta. Din iċ-ċifra qabżet l-attendenza fil-partita kontra l-Portugall, f'April 2024, li kienet ta' 1,026.

Matul l-istaġun, it-tim nazzjonali lagħab total ta' 11-il partita, sitta validi għall-UEFA Women's Nations League, tnejn minn Grupp B3 mill-fażi ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew tan-Nisa 2025 u tliet partiti ta' ħbiberija.

**3**

**PARTITI TA' ĦBIBERIJA**

Italja 0-5

Ungerija 1-3

Ungerija 1-1

**2**

**EUROPEAN QUALIFIERS**

L-Irlanda ta' Fuq 0-2

Portugall 1-3

**6**

**UEFA WOMEN'S NATIONS LEAGUE**

Ċipru 1-2

Andorra 1-0

Ġorġja 3-2

Ġorġja 2-1

Ċipru 1-0

Andorra 0-0



It-tim nazzjonali U19 fl-azzjoni fl-ewwel rawnd tal-UEFA WU19 Qualifiers kontra l-Lussemburgu.

## IT-TIM NAZZJONALI TA' TAĦT ID-19-IL SENA

It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena pparteċipa fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għall-kampjonat Ewropej. Il-kowċ tat-tim kien David Attard.

It-tfajliet Maltin lagħbu f'League B, bl-ewwel rawnd isir fil-Kroazja u t-tieni rawnd f'Malta. Fl-ewwel rawnd, Malta kienet fi Grupp B4 u kellha dawn ir-riżultati – Kroazja 0-3, Lussemburgu 1-2 u Slovenja 0-7. Fatma Al Girbi skorjat l-uniku gowl kontra l-Lussemburgu.

Fit-tieni rawnd, li sar fis-Centenary Stadium, it-tim ta' taħt id-19-il sena lagħab fi Grupp B3 kontra l-Kosovo (0-6), il-Latvja (1-1) u l-Każakstan (0-0). Il-gowl Malti fil-logħba kontra l-Latvja wasal minn Lara May Azzopardi.






It-tim nazzjonali U17 kien impenjat fl-ewwel rawnd tal-UEFA WU17 Qualifiers.

## IT-TIM NAZZJONALI TA' TAĦT IS-17-IL SENA

Matul l-2024-25, it-tim nazzjonali ta' taħt is-17-il sena, taħt it-tmexxija tal-kowċ Clint Tabone, ħa sehem fil-logħbiet ta' kwalifikazzjoni għall-kampjonat Ewropej.

It-tfajliet Maltin kienu f'League B bl-ewwel rawnd jintlagħab f'pajjiżna u t-tieni rawnd fl-Azerbajġan. Fl-ewwel rawnd minn Grupp B2, Malta kienet impenjata f'partiti kontra r-Rumanija (1-4), l-Ukrajna (0-10) u l-Moldova (1-2). Kay Axiak skorjat il-gowls għat-tim Malti kontra r-Rumanija u l-Moldova.

Fit-tieni rawnd, it-tim Malti lagħab kontra l-Bulgarija (0-5), il-Lussemburgu (0-5) u l-Azerbajġan (2-0). Ir-rebħa kontra l-Ażerbajġan immaturat grazzi għal żewġ gowls ta' Nina Lee Naudi.

## IT-TIMIJIET NAZZJONALI TA' TAĦT IL-15 U S-16-IL SENA

Il-grupp ta' taħt il-15-il sena kien jikkonsisti minn 29 plejer u beda t-taħriġ tiegħu f'Lulju 2024, bi tħejjija għall-UEFA Development Tournament.

Wara dawn l-impenji, l-iskwadra ssuktat bit-taħriġ f'Ottubru b'żewġ sessjonijiet fil-ġimgħa fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera sal-aħħar ta' Diċembru. It-taħriġ kien kordinat mill-kowċis Clint Tabone u Brooke Zarb, flimkien mal-kowċ tal-gowlkipers Lara Camilleri u l-fitness trainer Ryan Micallef.

Minn Jannar, dan il-grupp daħal fil-kategorija U16 biex b'hekk beda jipprepara għall-UEFA Development Tournament li sar f'April 2025. Dawn is-sessjonijiet tmexxew mill-kowċis Clint Tabone u Karen Heneghan flimkien mal-kowċ tal-gowlkipers Lara Camilleri u l-fitness trainer Marc Ciangura.





## UEFA U16 GIRLS DEVELOPMENT TOURNAMENT

Matul ix-xahar ta' April 2025, it-tim nazzjonali tan-nisa ta' taħt is-16-il sena ħa sehem fil-UEFA U16 Girls Development Tournament, li għal darb'oħra sar f'pajjiżna.

L-avversarji tat-tim Malti kienu l-Ghana (1-8), il-Latvja (1-2) u l-Irlanda ta' Fuq (0-3). Iż-żewġ gowls tat-tim Malti f'dan it-tournament kienu skorjati minn Nina-Lee Naudi u Amy Catania.



It-tim Malti U16 fil-partita kontra l-Latvja mill-UEFA Development Tournament.

## UEFA U15 GIRLS DEVELOPMENT TOURNAMENT

Matul ix-xahar ta' Settembru, it-tim ta' taħt il-15-il sena, taħt il-gwida tal-kowċ Kirsten Attard, ipparteċipa fil-UEFA Girls U15 Development Tournament li sar f'pajjiżna.

It-tfajliet Maltin kisbu tliet rebħiet minn tliet partiti, kontra l-Gżejjer Faroe 1-0, l-Andorra 1-0 u l-Lussemburgu 1-0. Shania Mifsud, Katrine Jorgenson u Kylie Pullicino skorjaw it-tliet gowls għat-tim Malti.

## ŻJARAT FL-ISKEJJEL

Intant, matul l-aħħar perjodu internazzjonali f'Mejju, bi preparazzjoni għall-partita kontra Ċipru mill-UEFA Women's Nations League, saru diversi żjarat f'iskejjel sabiex inħajru aktar tfal u studenti jattendu għal din il-logħba.

**Janice Xuereb (xellug) u Maya Lucia waqt iż-żjarat fl-iskejjel.**









L-inizjattiva Train With Us attirat 150 tifel u tifla.

## TRAIN WITH US

Fil-ġimgħat qabel l-istess partita kontra Ċipru, it-tim nazzjonali kien involut f'inizjattiva innovativa meta fetaħ il-bibien għal waħda mis-sessjonijiet ta' taħriġ għat-tfal u żgħażagħ.  Din kienet opportunità unika għal dawn it-tfal biex jitħarrġu f'ambjent professjonali flimkien mal-plejers tat-tim nazzjonali tan-nisa.




Player escorts qabel il-partita bejn Malta u Ċipru.

Ir-rispons kien ferm pożittiv fejn id-dipartiment kellu jagħlaq l-applikazzjonijiet wara biss ġurnata. Għal din l-attività ħadu sehem 150 tifel u tifla, fosthom 103 tifla.

Il-parteċipanti kellhom ukoll l-opportunità li jkunu Player Escorts jew Ball Kids fil-partita kontra Ċipru bl-għażla ssir permezz ta' polza każwali fost dawk kollha li attendew għas-sessjoni Train With Us.

### ETAJIET TAT-TFAL LI PPARTEĊIPAW FL-ATTIVITÀ TRAIN WITH US






## MILESTONES MATUL L-ISTAĠUN

Matul l-istaġun, żewġ plejers ngħaqdu ma' Dorianne Theuma u Stephania Farrugia billi laħqu l-100 logħba mat-tim nazzjonali.

Rachel Cuschieri lagħbet il-100 partita tagħha bil-flokk tat-tim nazzjonali fis-16 ta' Lulju, 2024 kontra l-Portugall filwaqt li Charlene Zammit laħqet dan it-tragward prestiġjuż fil-partita ta' ħbiberija kontra l-Italja li ntlagħbet f'Ottubru.

Qabel l-aħħar tieqa internazzjonali, Alishia Cassar (nee Sultana) ħabbret li kienet qed ittemm il-karriera tal-futbol. Cassar, li għal diversi snin lagħbet ma' Birkirkara FC, kienet ippreżentata bi flokk kommemorattiv mill-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo qabel il-partita kontra Ċipru fl-Istadium Nazzjonali. Cassar lagħbet 61 darba għal Malta u skorjat żewġ gowls.




C.ZAMMIT
100


ALISHIA
61

## FUTBOL TAN-NISA

# Impenn akbar jissarraf f'riżultati pożittivi mill-grassroots u l-akkademja sat-timijiet nazzjonali

Is-sostenn tal-progress li sar fil-futbol femminili fil-livelli ta' grassroots, żvilupp tat-talent, kompetizzjonijiet u anke timijiet nazzjonali, kienet il-prijorità ewlenija tad-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa li kompla jistinka biex ikattar l-interess u l-popolarità tal-logħba fost il-bniet u t-tfajliet.

Il-firxa ta' proġetti u inizjattivi mwettqa mill-Malta Football Association flimkien ma' msieħba oħrajn bħall-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, qed jgħinu biex dawn l-objettivi jintlaħqu filwaqt li r-riżultati pożittivi miksuba mit-tim nazzjonali mhux biss qed jgħollu l-profil tal-futbol tan-nisa imma qed jikkumplimentaw l-isforzi kollettivi biex iktar bniet u tfajliet jipprattikaw il-futbol.

## ATTIVITAJIET FL-ISKEJJEL

Il-Malta FA torganizza diversi attivitajiet fl-iskejjel fosthom:

a. Malta School Games

b. Kampjonati għall-bniet tal-iskejjel primarji medji u sekondarji

ċ. Ġurnata ta' futbol għall-bniet ta' Year 11

d. Programm għall-iskejjel wara l-ħin tal-iskola

e. Sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet (Q&A) fl-iskejjel medji u sekodarji




## MALTA SCHOOL GAMES

Wara diversi diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Sport u Żgħażagħ, u rappreżentanti tal-Kumitat Olimpiku Malti ġie deċiż li matul dan l-istaġun, il-festivals jinbidlu f'format ta' kampjonat, bil-fażi finali ssir f'Mejju 2025. Dawn il-kampjonati koprew erba' kategoriji – skejjel primarji, medji, sekondarji u studenti ta' Year 11.

| L-ewwel ġurnata | It-tieni ġurnata | It-tielet ġurnata | Ir-raba' ġurnata |
|---|---|---|---|
| 27/11/2024 | 16/01/2025 | 17/02/2025 | 25/03/2025 |
| 11-il skola | 8 skejjel | 8 skejjel | 8 skejjel |
| 12-il tim | 9 timijiet | 9 timijiet | 8 timijiet |
| 120 tifla | 73 tifla | 92 tifla | 90 tifla |

**Statistika dwar il-kampjonat tal-iskejjel primarji.**

L-erba' skejjel bl-akbar ammont ta' punti miksuba fi tmiem l-ewwl fażi (erba' matchdays) avvanzaw għall-finali li saru nhar it-23 ta' Mejju fil-grawnd tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fil-Ħamrun. L-iskola ta' St Michael's ħarġet rebbieħa fuq dik ta' San Anton bl-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar tispiċċa fit-tielet post.

## STATISTIKA DWAR IL-PARTEĊIPANTI FIL-KAMPJONAT TAL-ISKEJJEL PRIMARJI







**St Michael's – rebbieħa tal-kampjonat tal-iskejjel primarji.**

## KAMPJONAT GĦALL-BNIET TAL-ISKEJJEL MEDJI

Dan il-kampjonat kien mifrux fuq jumejn u sar fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera. Ħadu sehem 11-il skola bil-parteċipazzjoni ta' madwar 135 tifla.

Iż-żewġ skejjel bl-aħjar rekord ikkompetew fil-finali kontra l-aħjar żewġ skejjel minn kampjonat ieħor li sar bejn skejjel tal-knisja fit-Training Grounds tal-Malta FA. Finalment, it-titlu mar għand l-iskola ta' St Monica tal-Gżira.





St. Monica Gżira rebħu l-kampjonat għall-iskejjel medji.

## STATISTIKA DWAR IL-PARTEĊIPANTI FIL-KAMPJONAT TAL-ISKEJJEL MEDJI




## KAMPJONAT GĦALL-BNIET TAL-ISKEJJEL SEKONDARJI

Wara żewġ staġuni, dan it-tournament ukoll inbidel f'format ta' kampjonat, mifrux fuq jumejn. Il-partiti ntlagħbu fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp u ħadu sehem seba' skejjel u total ta' 80 tifla. Dan il-kampjonat ukoll kien organizzat b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Olimpiku Malti.

Il-fażi finali ntlagħbet fit-23 ta' Mejju bejn iż-żewġ skejjel bl-akbar total ta' punti fil-kampjonat u l-aħjar żewġ skejjel minn kampjonat ieħor li sar bejn skejjel tal-knisja. L-iskola sekondarja ta' Santa Lucia, mill-Kulleġġ ta' San Thomas More, rebħet it-titlu finali.

## STATISTIKA DWAR IL-PARTEĊIPANTI TAL-KAMPJONAT GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI





## ATTIVITÀ GĦALL-BNIET TA' YEAR 11

Matul l-istaġun, id-dipartiment organizza ġurnata ta' futbol għal dawk il-bniet li kienu se jtemmu l-iskola sekondarja (Year 11). L-avveniment sar f'Jannar fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp, u ħadu sehem tmien skejjel u madwar 84 tifla.

## SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ FL-ISKEJJEL

Together #WePlayStrong @ School huma sessjonijiet għall-bniet mit-tielet sat-tmien sena fl-iskejjel primarji u dawk medji wara l-ħin tal-iskola.

L-iskejjel applikanti jkollhom sessjonijiet kull ġimgħa wara l-ħin tal-iskola matul il-perjodu bejn Novembru u Mejju. B'kollox saru 257 sessjoni. Il-kowċis qed jimxu ma' kurrikulu mħejji apposta għal dawn is-sessjonijiet. Matul l-istaġun ħadu sehem



Sessjonijiet ta' wara l-ħin tal-iskola.

13-il skola b'280 tifla li kienu mħarrġa minn grupp ta' 25 kowċ ingaġġati mill-Malta FA (56% kienu femminili).

## LISTA TA' SKEJJEL U PARTEĊIPANTI FL-ISTAĠUN 2024-2025

| | |
|---|---|
| Birżebbuġa Primary School | 23 |
| Għaxaq Primary School | 16 |
| Gżira Primary School | 18 |
| Ħamrun SS Primary School | 11 |
| Immaculate Conception | 14 |
| Kirkop Middle School | 21 |
| Marsaskala St. Anne Primary School | 43 |
| Rabat Primary School | 13 |
| St. Monica School | 12 |
| St. Paul's Bay Primary School | 50 |
| Tarxien Middle School | 12 |
| Żebbuġ Primary School | 20 |
| Żurrieq Primary School | 27 |

**280**
**TIFLA**



Sessjoni mal-kowċis u l-plejers tat-timijiet nazzjonali tan-nisa.

## FROM CLASSROOM TO PITCH

From Classroom to Pitch – Q & A on Women's Football huwa proġett li tnieda matul l-istaġun fl-iskejjel medji u dawk sekondarji. Din l-inizjattiva tikkumplimenta programm simili għall-istess skejjel li sar ftit tas-snin ilu.

Dawn is-sessjonijiet ta' Q&A isiru kull xahar bil-parteċipazzjoni ta' membri differenti mill-istaff tat-timijiet nazzjonali tan-nisa. L-istudenti qed ikollhom l-opportunità jitgħallmu dwar ir-rwoli differenti, fosthom il-kowċis, staff mediku, kit managers, u membri oħrajn ewlenin.

Matul l-istaġun saru ħames sessjonijiet f'ħames skejjel differenti.





## UEFA PLAYMAKERS

Wara s-suċċess tal-aħħar staġuni, il-proġett UEFA Playmakers issokta fi 15-il ċentru differenti, inklużi skejjel primarji, u nurseries tal-klabbs lokali madwar Malta. Dan il-proġett huwa mmirat għall-bniet ta' bejn il-ħames u t-tmien snin li jingħataw l-opportunità jidħlu fid-dinja maġika ta' Disney hekk kif jagħmlu l-ewwel passi fil-vjaġġ tagħhom fil-futbol.

Dan il-proġett sar f'żewġ fażijiet bil-parteċipazzjoni ta' 'l fuq minn 350 tifla.

### LISTA TAĊ-ĊENTRI U L-PARTEĊIPANTI FIL-UEFA PLAYMAKERS MATUL L-2024-25




Bħala dipartiment, ġejna mistiedna għall-avveniment organizzat minn SportMalta fil-grawnds tal-Marsa fit-22 ta' Settembru. Matul il-ħin allokat, Rosalie Borg, l-edukatur tal-UEFA Playmakers, mexxiet sessjoni bis-sehem ta' bniet ġejjin minn ċentri li pparteċipaw f'dan il-proġett.





## ŻVILUPP TAL-FUTBOL TAN-NISA

L-għan tal-iżvilupp fil-futbol tan-nisa huwa li jiżdiedu n-numri fil-grassroots. Apparti minn dan, dawn il-bniet jinżammu fil-futbol billi jkollhom l-opportunità jilagħbu ta' spiss, kif ukoll ikunu mħarrġa minn kowċis nisa kwalifikati u ta' kwalità.

**Proġetti għall-iżvilupp**

- Skema boroż ta' studju għall-kowċis
- Festival għall-bniet ta' taħt l-10 snin
- Development League għall-bniet ta' taħt it-13-il sena
- Kampjonat għat-tfajliet ta' taħt is-16-il sena
- Kampjonat għat-tfajliet ta' taħt id-19-il sena
- Kampjonat tan-Nisa
- Statistika, informazzjoni u monitoraġġ

## SKEMA BOROŻ TA' STUDJU GĦALL-KOWĊIS

Boroż ta' studju għat-taħriġ relatat mal-kwalifiki tal-coaching huma offruti lil kowċis nisa promettenti u dedikati fil-futbol femminili. Din l-iskema tifforma parti mill-pjan tal-Malta FA għall-futbol tan-nisa bl-għan li titjib il-kwalità kif ukoll in-numru ta' kowċis nisa.

L-istaġun li għadda kien hemm 41 kowċ (36 tfajliet) li bbenefikaw minn din l-iskema.

## FESTIVAL GĦALL-BNIET TA' TAĦT L-10 SNIN

Matul l-istaġun, ħames klabbs ħadu sehem fil-festival ta' taħt l-10 snin, b'total ta' 50 tifla. Ġew organizzati tliet festivals fil-faċilitajiet ta' tliet klabbs li pparteċipaw.

### L-ETAJIET TAL-BNIET LI ĦADU SEHEM FIL-FESTIVALS U10



# DEVELOPMENT LEAGUE GĦALL-BNIET TA' TAĦT IT-13-IL SENA

L-2024-25 ġab miegħu l-introduzzjoni ta' Development League għall-bniet ta' taħt it-13-il sena wara li fl-istaġuni preċedenti dawn kienu jintlagħbu bħala festivals.

Dan il-kampjonat intlagħab is-Sibt wara nofsinhar fil-grawnd ta' Marsaskala b'format ta' 7-a-side. Il-parteċipazzjoni kienet ta' 11-il tim b'total ta' 208 tifla.

## TOTAL TA' BNIET MINN KULL KLABB LI PPARTEĊIPAW FL-U13 DEVELOPMENT LEAGUE




# KAMPJONAT TA' TAĦT IS-16-IL SENA

Il-kampjonat ta' taħt is-16-il sena reġa' kien sponsorjat minn BNF Bank. Il-partiti minn din il-kompetizzjoni ntlagħbu il-Ħadd filgħodu fil-grawnds ta' Kirkop u Marsaskala fuq bażi ta' 11-a-side. Il-kampjonat attira 175 tifla minn tmien timijiet differenti.

Dawn it-timijiet kienu involuti f'total ta' 64 partita bit-tim ta' Hibernians jirbaħ it-titlu. Il-kompetizzjoni tan-Knock-Out intrebħet minn Valletta li għelbu lil Birkirkara. Katrine Jorgenson, ta' Swieqi United, kienet l-aqwa skorer tal-kampjonat b'total ta' 52 gowl.

## NUMRU TA' PARTEĊIPANTI MINN KULL KLABB FIL-KAMPJONAT TA' TAĦT IS-16-IL SENA






Swieqi United rebħu l-Assikura Women's Youth League.

## KAMPJONAT TA' TAĦT ID-19-IL SENA

Il-kampjonat ta' taħt id-19-il sena għal sena oħra kien sponsorjat minn Assikura Insurance Brokers PCC Ltd. Il-logħbiet intlagħbu bejn it-Tlieta u l-Erbgħa fil-grawnds tas-Centenary Stadium (20), Mġarr (19), Charles Abela Stadium (17), Rabat (3), Dingli (1) u Sirens Stadium (1), b'format ta' 11-a-side. Il-parteċipazzjoni f'dan il-kampjonat kienet ta' seba' timijiet, b'total ta' 188 tfajla.

Matul l-istaġun,  intlagħbu 60 partita u ġew skorjati 208 gowl bi Swieqi United jirbħu l-kampjonat. Karima Abdulai, ta' Swieqi United, kienet l-aqwa skorer tal-kampjonat bi 13-il gowl. Swieqi United wettqu double meta fil-finali tan-Knock-Out għelbu lil Hibernians.

| Klabb | Plejers |
|---|---|
| Birkirkara | 25 |
| Hibernians | 24 |
| Mtarfa | 29 |
| San Ġwann | 29 |
| SK Lija | 32 |
| Swieqi United | 23 |
| Valletta | 26 |
| Total | 188 |

**Numru ta' plejers involuti fil-kampjonat ta' taħt id-19-il sena.**

## L-ETAJIET TAL-PLEJERS LI PPARTEĊIPAW FIL-KAMPJONAT TA' TAĦT ID-19-IL SENA



## STATISTIKA, INFORMAZZJONI U MONITORAĠĠ

Id-dipartiment iżomm statistika aġġornata għall-festivals u l-kampjonati kollha, filwaqt li l-kordinaturi responsabbli mill-festival jew kampjonat iħejju rapport dwar l-andament tal-avveniment mhux aktar tard minn tlitt ijiem wara.

## PROMOZZJONI

Matul l-istaġun irreġistrajna 828 follow ġdida fuq il-paġna ta' Facebook, b'total ta' 14,990 (statistika aġġornata sal-31 ta' Mejju, 2025). Fost l-aktar sezzjonijiet popolari hemm #MalteseAbroad, ġabra ta' aħbarijiet u ritratti dwar il-progress tal-plejers Maltin li qegħdin jilagħbu barra, awguri f'għeluq snin il-plejers u eks-plejers tat-tim nazzjonali u l-istaff kollu tad-dipartiment, l-aħjar siltiet mill-partiti tal-kampjonat li jintlagħbu fis-Centenary Stadium, kif ukoll żieda fl-intervisti u kurżitajiet dwar il-kampjonati tagħna.




Aġġornamenti dwar l-iskor, inklużi l-iskorers waqt l-Assikura Women's League, jittellgħu fuq is-sit tal-Malta FA u l-paġna uffiċjali ta' Facebook, MFA Women's Football.

Il-persuni responsabbli mill-media jiktbu u jippubblikaw artikli fuq is-sit tal-Malta FA. Fost dawn l-artikli, insibu previews u reviews tal-kampjonat femminili u partiti tat-timijiet nazzjonali, u rapporti wara xi attività organizzata mid-dipartiment.

## NEWSLETTER

Kull tliet xhur tintbagħat newsletter lil-lista ta' indirizzi elettroniċi li jżomm id-dipartiment li sal-aħħar ta' dan l-istaġun telgħat għal 1,984. In-newsletter tinkludi ġabra ta' aħbarijiet dwar it-timijiet nazzjonali, klabbs femminili, attivitajiet fl-iskejjel u aħbarijiet internazzjonali.

## UNURI TAX-XAHAR/RAWND

Kif sar fi staġuni preċedenti, flimkien mal-isponsors Assikura Insurance Brokers PCC Limited, ingħata rikonoxximent xieraq lill-aħjar plejers u kowċ tar-rawnd fil-kampjonat tal-nisa u anke dak taż-żgħażagħ.

| XAHAR | PLEJER | KLABB |
|---|---|---|
| Awwissu/Settembru | Natalee Geren | Hibernians |
| Ottubru/Novembru | Salamatu Abdulai | Swieqi United |
| Diċembru/Jannar | Shona Zammit | Swieqi United |
| Frar/Marzu | Karima Abdulai | Swieqi United |

**Ir-rebbieħa tal-Assikura Women's League Best Player Award matul l-istaġun 2024-25.**

| XAHAR | PLEJER | KLABB |
|---|---|---|
| Awwissu/Settembru | Amber Galea | Hibernians |
| Ottubru/Novembru | Fatma Al Girbi | San Ġwann |
| Diċembru/Jannar | Suzanne Farrugia Sacco | Valletta |
| Frar/Marzu | Amber Galea | Hibernians |

**Ir-rebbieħa tal-unuri Assikura Women's Youth League Best Player.**

| RAWND | KOWĊ | KLABB |
|---|---|---|
| L-ewwel rawnd | Kenneth Costantino | Hibernians |
| It-tieni rawnd | Dorianne Theuma | Swieqi United |
| It-tielet rawnd | Ryan Vella | Mġarr United |

**Ir-rebbieħa tal-Assikura Women's Coach of the Round matul l-2024-25.**




**Il-plejer ta' Hibernians Natalee Geren, rebbieħa tal-Assikura Women's League Best Player Award għall-perjodu Awwissu/Settembru 2024.**




**Fatma Al Girbi, ta' San Ġwann FC, rebħet l-Assikura Women's Youth League Best Player Award għax-xhur ta' Ottubru/Novembru.**




**Il-kowċ ta' Mġarr United Ryan Vella rebaħ l-Assikura Women's League Best Coach għat-tielet rawnd.**



Rachel Cuschieri fl-azzjoni mal-klabb ta' Genoa.




Maria Farrugia (Sheffield United Women) – rebbieħa tal-unur tal-isbaħ gowl ta' l-istaġun.

## PLEJERS BARRA MINN XTUTNA

Fattur pożittiv ieħor huwa n-numru ta' plejers, 19, li qed jilagħbu barra minn xtutna. Dan qed jgħin biex jgħolli l-livell fil-kwalità tat-timijiet nazzjonali.

Fost dawn il-plejers insibu lil Haley Bugeja, Rachel Cuschieri, Emma Lipman, Kailey Willis, Michela Ionadi, Raisa Costantino, Lexine Farrugia, Christiana Pisani, Francesca Bartolo u Nina Naudi fl-Italja.

Maria Farrugia, Alexandra Gatt, Fiona Buttigieg, Ylenia Carabott, Crista Chetcuti Ganado u Emma Ciantar kienu reġistrati ma' klabbs fl-Ingilterra matul l-istaġun li għadda.

Jana Barbara lagħbet fil-Germanja, Maya Lucia fil-Polonja u Oceane Grange fi Franza.

## L-AKKADEMJA FI ĦDAN IL-FONDAZZJONI INĦOBB IL-FUTBOL

L-akkademja tal-bniet, li taqa' taħt il-kappa tal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, hi magħmula minn żewġ gruppi, Under 14 (2011 u 2012) u Under 12 (2013 u 2014) b'total ta' 63 plejer.

L-akkademja ta' taħt l-14-il sena tikkonsisti minn 32 tifla taħt il-gwida tal-kowċis Kirsten Attard u Lynn Mifsud. Dan il-grupp kellu żewġ sessjonijiet ta' taħriġ fil-gimgħa fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera bis-sessjoni tat-Tlieta tkun immexxija mill-fitness trainer Ryan Micallef, ibbażata fuq kordinazzjoni, u dik tal-Ħamis tiffoka fuq tattika.




**It-tim tal-akkademja ta' taħt l-14-il sena waqt il-Beach Soccer Tournament.**

Fis-sajf li għadda, dan il-grupp ħa sehem f'tournament tal-beach soccer fil-kategorija ta' taħt it-13-il sena.

Apparti minn hekk, dan il-grupp ipparteċipa wkoll fl-U13 Development League organizzat mill-IFF, filwaqt li l-kowċis jorganizzaw partiti ta' ħbiberija kontra timijiet tas-subien b'mod regolari.

## L-AKKADEMJA TA' TAĦT IT-12-IL SENA

L-akkademja ta' taħt it-12-il sena għandha total ta' 31 tifla bil-kowċis ikunu Neville Cassar u Kirstie Vella.



**Il-grupp tal-akkademja ta' taħt it-12-il sena wara partita ta' ħbiberija kontra Mellieħa.**

Dan il-grupp kien jitħarreġ tliet darbiet fil-ġimgħa fil-grawnd ta' Dar San Ġużepp, bis-sessjoni tat-Tlieta titmexxa mill-fitness trainer, Marc Ciangura, ibbażata fuq kordinazzjoni filwaqt li dik tal-Ħamis kienet dedikata għat-tattika. It-tielet sessjoni, iffukata fuq futsal, kienet issir kull nhar ta' Erbgħa fl-iskola ta' San Andrea.

L-akkademja ta' taħt it-12-il sena kienet ukoll tkun mistiedna biex tikkontribwixxi waqt sessjonijiet mill-korsijiet organizzati miċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA.

## LAQGĦAT U ATTIVITAJIET OĦRA

L-istaff organizza laqgħa edukattiva mal-ġurnalista sportiva Joanna Camilleri għall-bniet kollha tal-akkademja. L-għan prinċipali ta' din l-attività hu li jgħin lil dawn il-bniet jiksbu iktar kunfidenza meta jkunu quddiem il-kamera tat-televiżjoni.

Iż-żewġ gruppi tal-akkademja pparteċipaw ukoll f'maratona sportiva u fl-attività Sports4Kate, organizzati bl-għan li jinġabru fondi għal Kate Ferriggi.

Bħala Assoċjazzjoni, ġejna mistiedna mid-Dipartiment tal-Gvern għall-Iżvilupp Sostenibbli biex nippromwovu l-logħba femminili. Din l-attività saret fis-27 ta' Settembru fil-park ta' San Klement bl-isem ta' 'Lejla Fil-Park'. It-tfajliet libsu l-kit tal-klabb rispettiv tagħhom sabiex nippromwovu wkoll il-klabbs tagħna.

Iż-żewġ gruppi tal-akkademja pparteċipaw ukoll fil-ġimgħa Ewropeja tal-isports organizzata minn SportMalta.

Għal sena oħra, fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara, l-iskola tas-subien St Benild ospitat 'Wonder Woman's Day 2025', fejn bniet mill-akkademja kienu mistiedna jilagħbu flimkien mas-subien mill-istess skola. Manuela Tesse, il-kowċ tat-tim nazzjonali tan-nisa, attendiet għal din l-attività.

Matul l-istaġun, il-plejers tal-akkademja kellhom ukoll diversi opportunitajiet biex ikunu bħala player escorts u ball girls f'partiti tat-tim nazzjonali tan-nisa.



It-tfajliet tal-akkademja waqt l-attività Lejla fil-Park.



Il-membri tal-akkademja (U12) waqt l-attivitajiet marbuta mal-gimgħa Ewropeja għall-Isport.



Bniet mill-akkademja ta' taħt it-12-il sena waqt l-attività f'Jum il-Mara li saret fl-iskola ta' St Benild.



Membri tal-akkademja kienu l-player escorts qabel il-partita bejn Malta u l-Ġorġja mill-UEFA Women's Nations League.

 

Talent Identification Trials

## TALENT IDENTIFICATION TRIALS

Inkoraġġiti mir-rispons ferm pożittiv li kellna fl-aħħar żewġ staġuni, id-dipartiment reġa' organizza t-Talent Identification Trials.  L-għan ta' dawn it-trials huwa biex jiġu identifikati aktar bniet li jistgħu jingħaqdu mal-akkademja tagħna biex fil-futur, Malta tista' tkun f'pożizzjoni li tipparteċipa f'kull kompetizzjoni tal-UEFA.

Saru żewġ trials, waħda għal dawk il-bniet imwielda bejn l-2014 u l-2015 (61 parteċipanta) u għal bniet li twieldu fl-2012 u l-2013 (59 parteċipanta).

## ATTIVITÀ TAL-MILIED B'DIFFERENZA

Għat-tieni sena konsekuttiva, id-dipartiment organizza l-attività tal-Milied b'differenza. Fil-21 ta' Diċembru, saret attività fejn il-bniet u l-qraba (ġenituri u aħwa) attendew għal nofs ta' nhar ta' sport immexxi mill-kowċis tal-Malta FA.

## KOWĊIS U STAFF

Id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa, immexxi mid-Direttur Pierre Brincat, hu magħmul minn 40 membru, fosthom kowċis, staff mediku, kit managers u staff ieħor.

Matul l-istaġun, il-kowċis kollha tat-timijiet nazzjonali u l-akkademja jagħmlu żjarat fil-klabbs kif ukoll jattendu għall-partiti tal-kompetizzjonijiet u festivals domestiċi.




# Ħamrun Spartans jirbħu l-kampjonat nazzjonali b'format ġdid

L-istaġun 2024-25 ra t-tnedija ta' format ġdid għall-kampjonat Premier kif maqbul u approvat mill-klabbs tal-istess diviżjoni. Din kienet ukoll l-ewwel sena li l-kampjonat kien organizzat b'mod konġunt mill-Malta Football Association u l-Malta Premier League, l-organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-klabbs fl-ogħla diviżjoni tal-futbol domestiku, b'din il-kollaborazzjoni tkun waħda mill-proġetti fl-ewwel strateġija tal-Assoċjazzjoni.




Il-kampjonat kien maqsum fi tliet fażijiet u, f'termini simplifikati, l-erba' tims bl-aħjar rekord wara l-Opening u l-Closing Rounds ikkwalifikaw għall-parti finali, magħrufa bħala l-Final Four.

Wara bidu pjuttost diffiċli, Ħamrun Spartans wettqu rimonta b'saħħitha biex kisbu post mal-aħħar erbgħa u finalment kienu inkurunati champions għat-tielet sena konsekuttiva wara rebħiet kontra Floriana bil-penalties fis-semi-finali u rebħa ta' 1-0 kontra Birkirkara fil-finali bil-gowl deċiżiv jasal minn Roko Prsa.

Għal Ħamrun Spartans, dan kien it-tieni unur prinċipali matul l-istaġun 2024-25 wara li rebħu l-BOV Super Cup. Fil-finali, li ntlagħbet fit-13 ta' Diċembru, 2024 fil-Istadium Nazzjonali, l-Ispartans għelbu lil Sliema Wanderers, rebbieħa tal-FA Trophy l-istaġun ta' qabel, 2-0 b'gowls minn Raphael Lopes u Luke Montebello.

Filwaqt li Ħamrun Spartans qed jirrappreżentaw lil Malta fil-UEFA Champions League matul l-istaġun 2025-26, Birkirkara, Floriana u Hibernians, rebbieħa tal-FA Trophy, qed jikkompetu fil-UEFA Europa Conference League.

Melita u Balzan kienu ż-żewġ timijiet li tilfu posthom fil-Kampjonat 360 Sports Malta Premier fi tmiem l-istaġun.

# 497

**total ta' gowls skorjati fil-Kampjonat Premier 2024-25**

Plejers Maltin: 124 (24.95%)
Plejers barranin: 360 (72.43%)
Plejers club grown: 1 (0.20%)
Awto-goals: 12 (2.41%)

## PLEJERS UTILIZZATI (DEHRIET)

**It-total ta' plejers li ġew utilizzati fil-192 partita kien dak ta'**

# 5,615

Maltin: 2,344 (41.7%)
Barranin: 3,258 (58%)
Club Grown: 13 (0.3%)

## HIBERNIANS JIRBĦU L-MERIDIANBET FA TROPHY

Hibernians temmew l-istaġun fuq nota brillanti meta rebħu l-Meridianbet FA Trophy. F'finali missielta u eċċitanti, Hibernians għelbu lil Birkirkara 2-1 biex naqqxu isimhom fuq it-tazza tal-kompetizzjoni KO għall-11-il darba fl-istorja tal-klabb Pawlist li għalihom skorjaw Apostolos Ilias Martinis u Kurt Shaw.

Fis-semi-finali, Hibernians warrbu l-isfida taċ-champions Ħamrun Spartans bl-iskor ta' 2-1 filwaqt li Birkirkara rebħu lil Floriana 2-1.

B'kollox f'din l-edizzjoni tal-Meridianbet FA Trophy ħadu sehem 39 tim - Kampjonat Premier: 12; Challenge League: 16; Amateur National League: 5; Gozo FA: 6.

It-timijiet tal-kampjonat Premier daħlu jilagħbu fir-Rawnd tal-Aħħar 32 jew aħjar fit-tieni rawnd. B'kollox intlagħbu 38 partita li fihom ħadu sehem 717-il plejer – 463 plejers Maltin, 254 plejers barranin minn 45 pajjiż differenti... b'età medja ta' 25.69.

B'kollox ġew skorjati 136 gowl minn 98 skorers – minn 31 tim differenti u minn 20 nazzjonijiet differenti.



Hibernians temmew l-istaġun fuq nota pożittiva meta rebħu l-FA Trophy.




# 502

**total ta' gowls skorjati fiċ-Challenge League 2024-25**

**Plejers Maltin: 199 (39.64%)**
**Plejers barranin: 284 (56.57%)**
**Plejers club grown: 5 (1%)**
**Awto-goals: 14 (2.79%)**

## PLEJERS UTILIZZATI (DEHRIET)

**It-total ta' plejers li ġew utilizzati fil-176 partita kien dak ta'**

# 5,076

**Maltin: 3,796 (75%)**
**Barranin: 1,204 (24%)**
**Club Grown: 76 (1%)**

## VALLETTA LURA FIL-KAMPJONAT PREMIER

Valletta kisbu posthom lura fl-ogħla diviżjoni tal-futbol Malti wara li rebħu l-kampjonat taċ-Challenge League 2024-25 bl-aktar mod konvinċenti. Huma temmew l-impenji tagħhom b'total ta' 59 punt, b'Tarxien Rainbows ikunu t-tieni tim promoss wara li spiċċaw bħala runners-up.

B'kollox ħadu sehem 16-il tim fil-BOV Challenge League li kien maqsum f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi ntlagħbet fuq sistema ta' round robin fejn kull tim lagħab partita waħda kontra xulxin. Fit-tieni fażi l-ewwel tmien timijiet fil-klassifika lagħbu bejniethom fit-Top Eight. Dawn kienu Valletta, Tarxien Rainbows, Swieqi United, Pietà Hotspurs, Żurrieq, Santa Lucia, Mġarr United u Marsa.

Il-kategorija l-oħra kienet il-Play-Out li kienet magħmula mill-kumplament tat-timijiet. Dawn kienu Fgura United, St Andrews, Sirens, Gudja United, Żebbuġ Rangers, St Andrew's, Mtarfa, Lija Athletic u Senglea Athletic.

Lija Athletic u Senglea Athletic, l-aħħar żewġ timijiet tal-klassifika, sfaw relegati għan-National Amateur League 1.

Pietà Hotspurs wettqu sorpriza fil-BOV Challenge Cup meta rebħu din it-tazza wara li għelbu liċ-champions Valletta 1-0 fil-finali. Il-gowl deċiżiv kien skorjat minn Kian Leonardi.



Pietà Hotspurs rebħu l-BOV Challenge Cup wara li għelbu liċ-champions Valletta fil-finali.



Birżebbuġa St Peter's rebħu l-IZIBET Amateur League 1 fl-istaġun 2024-25.

**614**

**total ta' gowls skorjati fl-IZIBET National Amateur League 1**

Plejers Maltin: 309 (50.33%)
Plejers barranin: 290 (47.23%)
Plejers club grown: 6 (0.98%)
Awto-goals: 9 (1.46%)

## PLEJERS UTILIZZATI (DEHRIET)

**It-total ta' plejers li ġew utilizzati fil-180 partita kien dak ta'**

**5,358**

Maltin: 4,612 (86%)
Barranin: 699 (13%)
Club Grown: 47 (1%)

## IZIBET NATIONAL AMATEUR LEAGUE 1

Birżebbuġa St Peter's huma ċ-champions tal-IZIBET National Amateur League 1 fl-2024-25 meta fil-partita deċiżiva għar-rebħ tat-titlu, huma għelbu lil Vittoriosa Stars bl-iskor ta' 2-0, bil-gowls jiġu skorjati minn Christopher Baker u Keith Muscat (penalty). Vittoriosa Stars jingħaqdu ma' Birżebbuġa St Peter's fil-BOV Challenge League l-istaġun li ġej.

L-istaġun 2024-25 kien wieħed pożittiv ferm għal Birżebbuġa li ssiġġillaw id-double wara li rebħu n-National Amateur Super Cup – fil-finali huma għelbu lil Victoria Hotspurs, rebbieħa tal-BOV National Amateur Cup.

## FORMAT TAL-KAMPJONAT

B'kollox ħadu sehem 16-il tim bil-kampjonat maqsum f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kienet fuq sistema ta' round robin fejn kull tim lagħab partita waħda kontra xulxin għal total ta' 15 kull wieħed. It-tieni fażi kienet komposta mit-Top Six u l-Play Out.

L-erba' timijiet li spiċċaw fl-aħħar erba' postijiet tal-Play Out tilfu posthom f'din il-kategorija u l-istaġun li ġej jilagħbu fin-National Amateur League 2. Dawn it-timijiet huma Għargħur, Marsaskala, Rabat Ajax u Msida St Joseph.

## IZIBET NATIONAL AMATEUR LEAGUE 2

L-ewwel staġun tal-IZIBET National Amateur League 2 kien magħmul minn 10 timijiet, fosthom il-klabb Għawdxi ta' Victoria Hotspurs li ddominaw il-kampjonat fl-ewwel sena tagħhom fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-Malta FA.

Victoria Hotspurs kisbu l-akbar ammont ta' punti biex aċċertaw ruħhom mir-rebħ tal-kampjonat u l-promozzjoni ħames partiti qabel tmiem l-istaġun. Mqabba kienu t-tieni tim promoss.

Fil-finali tal-BOV Amateur Cup, Victoria Hotspurs kisbu rebħa ta' 2-1 kontra Qrendi.



Staġun memorabbli għal Victoria Hotspurs li rebħu l-kampjonat IZIBET National Amateur League 2.

**292**

**total ta' gowls skorjati fl-IZIBET National Amateur League 2**

Plejers Maltin: 211 (72.26%)
Plejers barranin: 63 (21.58%)
Plejers club grown: 10 (3.42%)
Awto-goals: 8 (2.74%)

### PLEJERS UTILIZZATI (DEHRIET)

**It-total ta' plejers li ġew utilizzati fid-90 partita kien dak ta'**

**2,709**

Maltin: 2,473 (91.28%)
Barranin: 215 (7.93%)
Club Grown: 21 (0.79%)

Birżebbuġa St Peter's - rebbieħa tal-BOV Amateur Super Cup.




Victoria Hotspurs - rebbieħa tal-BOV Amateur Cup.





Swieqi United rebħu l-kampjonat tan-nisa għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb.

# L-ewwel kampjonat nazzjonali tan-nisa għal Swieqi United

Fil-kompetizzjonijiet tan-nisa spikka s-suċċess ta' Swieqi United li rebħu l-ewwel kampjonat fl-istorja tal-klabb u b'hekk waqfu d-dominju ta' Birkirkara FC.

Taħt il-gwida tal-kowċ Dorianne Theuma, Swieqi United kisbu total ta' 51 punt, vantaġġ ta' sitt punti fuq Mġarr United fit-tieni post tal-klassifika tal-kampjonat li għat-tielet sena kien sponsorjat minn Assikura Insurance Brokers PCC Limited.






**217**

**plejer ħadu sehem fil-Kampjonat Assikura.**

**Ġew utilizzati**

**49**

**plejer barranin, b'disa' minnhom ġejjin mill-Ewropa**

**Intlagħbu**

**92**

**PARTITA**

**u ġew skorjati**

**357**

**GOWL**

Fl-Assikura Women's League 2024-25 ipparteċipaw tmien timijiet bil-kampjonat ikun milgħub fuq żewġ fażijiet. Fl-ewwel fażi, it-tmien timijiet lagħbu żewġ rawnds kontra xulxin filwaqt li t-tieni fażi kienet magħmula minn żewġ gruppi – l-ewwel erba' timijiet avvanzaw għat-Top Four u l-aħħar erbgħa kkompetew fil-Bottom Four.

Il-grawnds użati matul il-kampjonat kienu dawk ta' Mġarr United (6), is-Centenary Stadium (24), Dingli (41), Charles Abela Stadium (15) u Victor Tedesco Stadium (7). B'kollox, ħadu sehem 217-il tfajla fil-kampjonat, b'49 plejer jiġu minn pajjiżi barranin. Matul l-istaġun, intlagħbu 92 partita u ġew skorjati 357 gowl.

# KOMPETIZZJONIJIET DOMESTIĊI




Mġarr United, rebbieħa tal-Assikura Women's Knock-Out.

Il-kompetizzjoni tal-Assikura Women's Knock-Out intemmet bis-suċċess ta' Mġarr United li rebħu l-ewwel unur prinċipali fil-futbol tan-nisa fl-istorja tal-klabb wara li fil-finali għelbu lil Hibernians 2-0 b'gowls ta' Maria Luz Hernandez u Valeria Villegas Caly.

F'Diċembru ntlagħbet ukoll l-Assikura Women's Super Cup li ntrebħet minn Swieqi United li għelbu lil Birkirkara bl-iskor ta' 2-1. Salamatu Abdulai u Shona Zammit skorjaw għal Swieqi b'Erica Oliveira Bispo tikkontribwixxi l-uniku gol ta' Birkirkara.

## STATISTIKA TAL-ETAJIET TAL-PLEJERS LI LAGĦBU FL-ASSIKURA WOMEN'S LEAGUE 2024-25






Swieqi United jifirħu bir-rebħ tal-Assikura Women's Super Cup wara li għelbu lil Birkirkara fil-finali.

## ETA MEDJA TAL-PLEJERS TA' KULL KLABB FIL-KAMPJONAT TAN-NISA




## STATISTIKA TAL-PLEJERS UTILIZZATI MINN KULL KLABB FIL-KAMPJONAT TAN-NISA



## KOMPETIZZJONIJIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

### REBBIEĦA

**National Youth League A –** Naxxar Lions

**National Youth League B –** Fgura United

**National Youth League C –** Mġarr United

**National Youth League D –** Birżebbuġa St Peter's

**BOV National Youth KO –** St. Andrews

**Assikura Women's Youth League –** Swieqi United

**Assikura Women's Youth KO –** Swieqi United

**BNF U-17 League A –** Mosta

**BNF U-17 League B –** Sliema Wanderers

**BNF U-17 League C –** Mellieħa

**BNF U-17 League D –** Marsaxlokk

**BNF U-17 Knock-Out –** Valletta

**BNF Women's U-16 League –** Hibernians

**BNF Women's U-16 Knock-Out –** Valletta

**BNF U-15 League A –** Hibernians

**BNF U-15 League B –** Floriana

**BNF U-15 League C –** Sliema Wanderers

**BNF U-15 League D –** Żurrieq

**BNF U-15 Knock-Out –** Hibernians

























CHAMPIONS 2024-2025


Assikura












CHAMPIONS 2024-2025
BNFBANK











FUTSAL U BEACH SOCCER

# Iktar esperjenzi internazzjonali għat-timijiet nazzjonali

**Wara l-kwalifikazzjoni storika mir-rawnd preliminari s-sena ta' qabel, Malta kkompetiet fir-Rawnd Prinċipali tal-UEFA Futsal EURO, fejn kienet fi Grupp 2 flimkien ma' timijiet tal-ogħla livell – l-Italja, il-Belarus, u l-Finlandja.**




Bi tħejjija għal dan l-istadju importanti, l-iskwadra pparteċipat f'kamp ta' taħriġ iffokat u mmirat lejn it-tisħiħ tal-element kollettiv tat-tim, il-kundizzjoni fiżika, u l-preparazzjoni tattika. Minkejja n-natura tal-isfida tal-grupp, il-plejers kollha wrew impenn u spirtu notevoli matul il-logħbiet.

Għalkemm Malta spiċċat fil-qiegħ tal-grupp, huwa importanti li wieħed jinnota li f'diversi logħbiet, ir-riżultati ma rriflettewx bis-sħiħ il-kwalità tal-prestazzjonijiet tagħna. L-iskors setgħu kienu aktar favorevoli, u nemmnu li t-tim kien jistħoqqlu aktar abbażi tal-isforz u d-dixxiplina murija.

Din il-kampanja kienet esperjenza siewja għall-iskwadra nazzjonali. Fuq nota pożittiva, stajna noffru l-ewwel esperjenza fil-kompetizzjoni internazzjonali tal-kbar lil tliet plejers żgħażagħ mit-tim ta' taħt id-19-il sena – pass importanti fl-istrateġija tal-iżvilupp għall-futur.

Id-Dipartiment tal-Futsal u Beach Soccer jibqa' ffokat fuq it-tkabbir u t-tisħiħ tat-timijiet nazzjonali tal-futsal b'impenn sħiħ li nibnu fuq il-progress li sar matul din il-kampanja hekk kif inħarsu 'l quddiem lejn kompetizzjonijiet futuri.

## LOGĦBIET INTERNAZZJONALI TA' ĦBIBERIJA

| | | |
|---|---|---|
| **29 ta' Settembru, 2024** | Malta vs Rumanija | 1-2 |
| **30 ta' Settembru, 2024** | Malta vs Rumanija | 1-3 |

## KWALIFIKAZZJONI GĦALL-FUTSAL EURO MAIN ROUND - LOGĦBIET TA' GRUPP 2

| | | |
|---|---|---|
| **17 ta' Diċembru, 2024** | Malta vs Finlandja | 0-5 |
| **4 ta' Frar, 2025** | Belarus vs Malta | 5-0 |
| **6 ta' Marzu, 2025** | Italja vs Malta | 11-1 |
| **11 ta' Marzu, 2025** | Malta vs Italja | 1-5 |
| **10 ta' April, 2025** | Finlandja vs Malta | 7-0 |
| **16 ta' April, 2025** | Malta vs Belarus | 0-4 |



## ŻVILUPP TAL-PLEJERS ŻGĦAŻAGĦ TAL-FUTSAL

**Tim ta' taħt id-19-il sena (2006 – 2007)**

Tliet skwadri matul l-istaġun 2024-25 kienu involuti f'kampijiet ta' taħriġ perjodiċi biex jiżviluppaw il-plejers tagħna ħalli jiksbu aktar esperjenza fil-logħba tal-futsal. L-għan kien li dawn l-iskwadri jippreparaw biex jipparteċipaw fir-rawnd preliminari tal-UEFA U19 Futsal, f'Jannar 2025.

**Skwadra 2006 - 2007** – Sessjonijiet ta' taħriġ għat-tim nazzjonali kull nhar ta' Erbgħa u Ħamis.

**Il-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena fl-FMA Enemed Futsal League:**

B'kollox lagħbu tmien partiti matul l-ewwel fażi tal-kampjonat u erba' logħbiet addizzjonali







fiċ-Challenger League, b'total ta' 12-il logħba. Għamlu sessjonijiet ta' taħriġ fuq 22 jum, eskluża t-tħejjija għal tournaments internazzjonali.

Matul l-istaġun li għadda, it-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena kellu sessjonijiet ta' taħriġ ta' kull xahar u ħames logħbiet ta' ħbiberija internazzjonali bi tħejjija għar-rawnd ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew tal-Futsal, li sar f'Jannar, 2025 f'Druskininkai, il-Litwanja, li fihom Igħabna fi Grupp Ċ kontra t-tim ospitanti l-Litwanja, il-Ġorġja u l-Ġermanja.




## FUTSAL YOUTH DEVELOPMENT

**Tim ta' taħt is-17-il sena (2008)**

Matul l-istaġun, l-iskwadri wettqu kampijiet ta' taħriġ kull xahar bl-għan ewlieni jkun li l-plejers tagħna jiksbu aktar esperjenza fil-logħba tal-futsal. L-objettiv huwa li din l-iskwadra tħejji ruħha biex tipparteċipa fir-Rawnd Preliminari tal-Futsal tal-UEFA U19 f'Jannar 2027.

**SKWADRA 2008** – Sessjonijiet ta' taħriġ ta' kull xahar nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħamis għat-tim nazzjonali ta' taħt is-17-il sena li jipparteċipa fl-FMA Enemed Futsal League.

**Kampjonat taż-żgħażagħ ta' taħt is-16 sena - Total ta' 14-il tim**

L-istaġun tal-futsal taż-żgħażagħ fil-livell ta' taħt is-16-il sena beda nhar it-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2024. Erbatax-il tim ħadu sehem għar-raba' staġun konsekuttiv. It-timijiet kienu Birżebbuġa FC, Floriana FC, Lija Athletic FC, Luqa St. Andrew's FC, Marsaskala FC, Marsaxlokk FC, Mosta FC, Naxxar Lions FC, Pietà Hotspurs FC, Pembroke Athleta FC, Qrendi FC, San Ġwann FC, Sliema Wanderers FC U Żabbar St Patrick FC.






Mosta, rebbieħa tal-Kampjonat U16 tal-futsal fl-2024-25.

B’kollox intlagħbu total ta’ 42 logħba fil-kampjonat. Barra minn hekk, għall-ewwel darba, ġiet organizzata kompetizzjoni knock-out, b’total ta’ 13-il logħba. Mosta FC kienu ċ-champions ta’ dan it-tournament.

Il-logħob kollu ntlagħab fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, Pembroke.

Dan l-istaġun reġa’ kien wieħed pożittiv ħafna għall-kompetizzjoni, u ġġenera aktar entużjażmu fost it-timijiet lokali. Għall-ewwel darba, il-kampjonat kellu sponsor bl-isem ta’ FUEL.



Biex tiġi żgurata kompetizzjoni bilanċjata, it-timijiet ġew maqsuma f’żewġ sezzjonijiet, A u B, li ppermettilhom jikkompetu fil-livelli rispettivi tagħhom. Sezzjoni A ntrebħet minn Mosta, filwaqt li t-Taqsima B intrebħet minn Żabbar St. Patrick.

B’kollox intlagħbu total ta’ 42 logħba fil-kampjonat. Barra minn hekk, għall-ewwel darba, ġiet organizzata kompetizzjoni knock-out, b’total ta’ 13-il logħba. Mosta FC kienu ċ-champions ta’ dan it-tournament.



**Unuri Individwali**

**Sezzjoni A:** L-aqwa skorer - Eric Briffa (Naxxar Lions FC) 10 gowls

**Sezzjoni B:** L-aqwa skorer - Luca Grima (Marsaxlokk FC) 12-il gowl

## AKKADEMJA TAL-FUTSAL



Il-gruppi ta’ etajiet għall-istaġun 2024-2025 kienu dawn:

2009/2010/2011 /2012

**Il-proċess tal-akkademja:** It-taħriġ beda matul ix-xahar ta’ Settembru għall-plajers li twieldu fl-2009, segwiti mill-2010 u l-2011.








Il-proċess tal-għażla għall-plejers imwielda fl-2012 beda f'Ottubru. Saru 16-il logħba ta' prova bejn il-klabbs biex tinħoloq skwadra ta' 22 plejer li bdew is-sessjonijiet ta' taħriġ f'Jannar 2025.

**34**
**sessjoni għall-plejers imwielda fl-2009, 2010 u 2011**

**22**
**sessjoni għall-plejers imwielda fl-2012**

## TIM NAZZJONALI TAL-BEACH SOCCER

Matul l-istaġun, it-tim nazzjonali tal-beach soccer ħa sehem f'żewġ kampijiet ta' taħriġ (tmien sessjonijiet) bi tħejjija għall-kwalifikazzjonijiet tal-European Beach Soccer League li saru f'CONI Tirrenia, l-Italja, bejn l-1 u t-8 ta' Lulju, 2024. Aktar tard saru aktar kampijiet matul l-istaġun bi tħejjija għall-kwalifikazzjonijiet Ewropej tal-FIFA WC li saru f'Cadiz, Spanja bejn l-1 u t-8 ta' Settembru, 2024.

# EBSL CONI TIRRENIA (ITALJA)

Partiti ta' Ħbiberija

| | | |
|---|---|---|
| **3 ta' Lulju** | Malta vs Żvizzera | 3-4 |
| **7 ta' Lulju** | Malta vs Norveġja | 8-2 |

Partiti Uffiċjali

| | | |
|---|---|---|
| **4 ta' Lulju** | Malta vs Norveġja | 2-3 |
| **6 ta' Lulju** | Greċja vs Malta | 7-4 |

Logħbiet ta' kwalifikazzjoni mill-FIFA World Cup (Cadiz, Spanja)

| | | |
|---|---|---|
| **5 ta' Ottubru** | Malta vs Żvizzera | 0-10 |
| **6 ta' Ottubru** | Franza vs Malta | 13-2 |
| **8 ta' Ottubru** | Litwanja vs Malta | 5-0 |



It-tim nazzjonali tal-beach soccer.



Il-kampjonat tal-beach soccer U17 intrebaħ minn Floriana FC.



Valletta FC rebħu l-kampjonat tal-beach soccer U15.





It-tim ta' Marsaskala jiċċelebra r-rebħ tal-kampjonat U13.

## AVVENIMENTI TAL-YOUTH BEACH SOCCER 2024

Ġew organizzati tliet kompetizzjonijiet għal dawn il-kategoriji matul ix-xahar ta' Lulju, 2024:

Subien taħt it-13-il sena - 4 timijiet; Rebbieħa – Marsaskala FC

Subien taħt il-15-il sena - 6 timijiet; Rebbieħa – Valletta FC

Subien taħt is-17-il sena - 5 timijiet; Rebbieħa – Floriana FC



SETTUR TAR-REFEREEING

# Ħidma msejsa fuq l-iżvilupp u t-taħriġ kontinwu twassal għal tragwardi importanti għall-uffiċjali tal-logħba

L-għan ewlieni tas-settur tar-refereeing għall-istaġun 2024-25 kien li jiżgura li l-uffiċjali tal-logħba jkunu dejjem ippreparati sew, kemm mil-lat tekniku kif ukoll dak fiżiku. Dan sabiex ikunu fl-aħjar kundizzjoni biex iwettqu prestazzjonijiet ta' livell għoli fi staġun intensiv u kompetittiv li kien jinkludi numru sinifikanti ta' partiti deċiżivi.

Is-settur kompla jibni u jsaħħaħ fuq il-pilastri ewlenin li ġew stabbiliti matul l-istaġuni li għaddew, li jinkludu:







## GOVERNANZA TAJBA

Il-Kumitat tar-Referees żamm l-istess struttura organizzattiva bħall-istaġuni preċedenti, magħmul miċ-chairman Alan Mario Sant, il-viċi chairman Mario Apap, u l-membri Clayton Pisani, Christopher Lautier, Charles Agius u Gjergji Bitri, flimkien mas-segretarju tal-bord Josef Mifsud.




Kull membru tal-kumitat għandu qasam speċifiku ta' responsabbiltà fi ħdan is-settur, bil-għan li l-uffiċjali tal-logħba jkollhom punt ta' referenza ċar u jiġu segwiti b'mod individwali.

Fi ħdan il-Kumitat tar-Referees, ġew imwaqqfa wkoll numru ta' sotto-kumitati mmexxija mill-membri tiegħu stess, li jieħdu ħsieb oqsma partikolari u speċjalizzati fis-settur tar-refereeing.

Il-governanza tajba tibqa' waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kumitat tar-Referees. Dan l-aspett kien imsaħħaħ permezz tal-implimentazzjoni ta' policies u proċeduri speċifiċi, maħsuba biex jiggarantixxu trasparenza, kontinwità, u żvilupp ċar u strutturat għall-uffiċjali tal-logħba. Dawn il-policies u l-proċeduri huma kollha stabbiliti taħt il-qafas tal-UEFA Referees Convention.

Matul dan l-istaġun, il-UEFA kienet f'kuntatt kontinwu mal-Malta FA sabiex tiżgura li s-settur tar-refereeing f'Malta jibqa' jimxi mal-linji gwida u d-direzzjoni stabbiliti mill-UEFA Referees Committee.

B'sodisfazzjon kbir, nistgħu nsemmu li matul il-laqgħat tal-UEFA Referees Convention Panel u f'diversi fora internazzjonali relatati mar-refereeing, is-settur tar-refereeing fi ħdan il-Malta FA ġie rikonoxxut għall-professjonalità tiegħu u l-istruttura ta' tmexxija li għandu fis-seħħ.

Dan ir-rispett jirrifletti ruħu kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità ta' ħatriet internazzjonali għall-uffiċjali tal-logħba Maltin u anke amministraturi fi ħdan id-dipartiment, kif ukoll fir-relazzjonijiet sodisfaċenti li jeżistu kemm mal-FIFA kif ukoll mal-UEFA.

# EDUKAZZJONI U COACHING

## STRUZZJONIJIET TEKNIĊI

L-għan ewlieni tal-Kumitat tar-Referees huwa li jipprovdi lill-uffiċjali tal-logħba l-għodod kollha meħtieġa sabiex ikunu mħejjija bl-aħjar mod possibbli għall-partiti tagħhom. Dan isir permezz ta' laqgħat tekniċi regolari, fejn jiġu mixtarra l-wirjiet fil-logħbiet domestiċi, jiġu diskussi episodji partikolari u jitqiesu modi ta' kif id-deċiżjonijiet jistgħu jitjiebu.

Kif ġara fl-istaġuni preċedenti, id-Dipartiment tar-Refereeing kompla jinvesti fil-pjattaforma ta' Refereeing Match Analyst System, li tixtarr il-logħbiet minn perspettiva ta' refereeing. Din tgħin fil-preparazzjoni tal-uffiċjali għall-partiti li jkollhom ġejjin. Riċentement, kienet introdotta pjattaforma ġdida fuq bażi ta' prova (trial), li għandha l-għan li ttejjeb aktar l-analiżi teknika tal-partiti.

Il-materjal edukattiv użat huwa bbażat fuq ir-riżorsi tat-taħriġ tal-UEFA, u s-settur tar-refereeing kompla jibni fuq dak li sar fis-snin li għaddew. Dan sar ukoll permezz ta' żjarat regolari minn esperti internazzjonali bħal David Elleray, mill-Ingilterra, u Gianluca Rocchi u Massimo Cumbo, it-tnejn mill-Italja, li mexxew seminars ta' pre-season għal diversi kategoriji, kif ukoll numru ta' laqgħat tekniċi matul l-istaġun.

Ta' min jinnota wkoll li kelliema internazzjonali qed jiġu mistiedna għal kull kategorija sabiex ikun żgurat li filosofija unifikata tar-refereeing tiġi applikata b'mod konsistenti f'kull livell.

B'sodisfazzjon kbir ninnutaw li l-istrateġija edukattiva dwar l-iżvilupp tar-refereeing, imfassla fuq il-gwida u d-direzzjoni tal-UEFA, qed tagħti riżultati konsistenti fil-livelli kollha. Dan jista' jiġi vverifikat mill-istatistika tad-dixxiplina u mill-prestazzjoni ġenerali tal-uffiċjali. Dawn ir-riżultati juru li laqgħat tekniċi strutturati u regolari qed iħallu l-effett mixtieq.

### Sanzjonijiet dixxiplinarji matul l-istaġun 2024-25

| Kompetizzjoni | Total ta' partiti | Total ta' appointments | Total ta' karti sofor | Total ta' karti ħomor |
|---|---|---|---|---|
| Premier League | 198 | 792 | 917<br>Medja ta' kull logħba - 4.63 | 53<br>Medja ta' kull logħba - 0.27 |
| Challenge League | 176 | 535 | 785<br>Medja ta' kull logħba - 4.46 | 57<br>Medja ta' kull logħba - 0.32 |
| Amateur League 1 | 180 | 540 | 754<br>Medja ta' kull logħba - 4.18 | 45<br>Medja ta' kull logħba - 0.25 |
| Amateur League 2 | 90 | 270 | 357<br>Medja ta' kull logħba - 3.97 | 28<br>Medja ta' kull logħba - 0.31 |

## KUNDIZZJONI FIŻIKA (FITNESS)

Il-kundizzjoni fiżika tibqa' wieħed mill-elementi fundamentali fis-settur tar-refereeing. Għal dan l-istaġun, l-istrateġija tal-fitness iffokat fuq sessjonijiet speċjalizzati obbligatorji għal kull kategorija, sabiex jitjieb il-monitoraġġ u jinkiseb livell ogħla ta' fitness fost l-uffiċjali.

Il-monitoraġġ ġie estiż għal aktar kategoriji permezz ta' tagħmir elettroniku speċifiku, filwaqt li għall-uffiċjali tal-livell elite ingħata feedback individwali aktar speċjalizzat, biex jiġu indirizzati aspetti speċifiċi b'mod aktar personalizzat.



### UFFIĊJALI TAL-LOGĦBA NISA

Is-settur tar-refereeing femminili kompla jingħata importanza akbar, b'enfasi fuq sessjonijiet tekniċi speċjalizzati u appoġġ kontinwu biex jiġu mħarrġa iktar referees nisa.

Matul dan l-istaġun, għall-ewwel darba uffiċjali nisa Maltin ġew appuntati flimkien għal partiti internazzjonali. Dan hu tragward importanti li nkiseb grazzi għall-istrateġija konsistenti u mmirata lejn l-iżvilupp tar-referees nisa li kienet implimentata f'dawn l-aħħar staġuni.

### IL-PROGRAMM TALENT & MENTOR

Wieħed mill-programmi prinċipali ta' żvilupp hu t-Talent & Mentor Programme, intiż għal referees żgħażagħ u promettenti, bil-għan li jippreparhom għall-istadju li jmiss fil-karriera tagħhom. Il-programm huwa mfassal fuq il-prinċipji tal-UEFA CORE Programme, u għal din is-sena inkluda kowċis tar-referees ġodda.

L-istruttura tal-programm tippermetti li massimu ta' żewġ referees jaħdmu ma' kowċ wieħed u dan sabiex tingħata aktar attenzjoni personalizzata. Ġie introdott ukoll rapport ta' monitoraġġ ġdid, maħsub biex itejjeb il-proċess ta' evalwazzjoni u jiffaċilita l-iżvilupp kontinwu ta' dawn ir-referees promettenti.

## RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Għal darb'oħra, bi pjaċir irridu nenfasizzaw li fl-ambitu tar-relazzjonijiet internazzjonali, is-settur tar-refereeing f'Malta kompla jimraħ u jgħolli l-profil tiegħu. Dan l-impenn wassal ukoll għal involviment akbar fl-IFAB Trials u l-kisba ta' rekord ġdid fil-ħatra ta' uffiċjali fuq il-FIFA Panel.

### PARTEĊIPAZZJONI FL-IFAB TRIAL – TIBDIL FIL-LAWS OF THE GAME

Il-Malta FA ħadet sehem għall-ewwel darba fi prova organizzata mill-IFAB (International Football Association Board) dwar il-possibbiltà ta' bidla fir-regola relatata mal-pussess tal-ballun mill-gowlkiper għal aktar minn tmien sekondi.

B'sodisfazzjon, nistgħu nikkonfermaw li dan il-proġett wassal għal riżultati pożittivi, u fil-laqgħa ġenerali riċenti tal-IFAB ġie deċiż li r-regola se tinbidel. Din il-bidla se tidħol fis-seħħ mill-istaġun li ġej, u tirrappreżenta mument storiku għar-refereeing Malti hekk kif kien involut b'mod dirett f'bidla sinifikanti fil-Laws of The Game.






**Rikonoxximent lil Alan Camilleri li rtira wara karriera ta' 27 sena bħala assistant referee.**

## REFEREES INTERNAZZJONALI U REKORD ĠDID TA' FIFA BADGES

F'Jannar 2025, il-Kumitat tar-Referees stabbilixxa rekord ta' 18-il uffiċjal Malti fuq il-FIFA Panel, riżultat dirett ta' viżjoni u ippjanar fit-tul biex tkun garantita l-kwalità u l-preparazzjoni tal-uffiċjali Maltin biex jiġu appuntati fuq il FIFA Panel.

### LISTA TA' REFEREES FUQ IL-FIFA PANEL 2025:

- FIFA Referees: Ishmael Barbara, Matthew De Gabriele, Philip Farrugia, Trustin Farrugia Cann
- Women FIFA Referee: Joanna Vassallo
- FIFA Assistant Referees: Mark Ciantar (ġdid), James Muscat, Luke Portelli, Mitchell Scerri, Duncan Spencer, Jurgen Spiteri, Duncan Sultana, Roberto Vella
- Futsal FIFA Referees: Danilo Francalanza (ġdid), Andre Naudi, Stephen Vella
- Beach Soccer Referees: Stephania Bonnici, Luca Formosa



**Uffiċjali tal-logħba Maltin fil-Libja.**




L-istaġun 2024-25 ra żieda sostanzjali kemm fil-kwalità kif ukoll fil-kwantità ta' appuntamenti internazzjonali, b'uffiċjali Maltin appuntati għal logħbiet ta' livell għoli fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA, inklużi logħbiet tal-play-offs u fil-fazi tal-gruppi.

Wara l-ħatra ta' Ishmael Barbara għall-UEFA U19 Final Tournament f'Lulju tal-2024, fejn ikkontrolla semi-finali u kien ukoll ir-raba' uffiċjal fil-finali, l-istess Barbara kien appuntat bħala raba' uffiċjal għall-UEFA U21 Final Tournament ta' din is-sena, wara assenza twila ta' uffiċjali Maltin f'din il-kompetizzjoni. Dawn l-appuntamenti jikkonfermaw il-fiduċja li l-UEFA Referees Committee għandu fir-referees Maltin.

Il-kumitat kompla jorganizza programmi ta' skambju internazzjonali, kemm fil-futbol kif ukoll fil-futsal. Matul l-istaġun, grupp ta' uffiċjali Maltin reġgħu kienu mistiedna biex jikkontrollaw partiti mill-kampjonat Libjan, esperjenza oħra pożittiva fil-karriera tagħhom.

## REFEREE OBSERVERS U PARTEĊIPAZZJONI FL-ISTRUTTURI TAL-UEFA

Il-Malta FA kellha sitt osservaturi tar-referees tal-UEFA li kienu maħtura b'mod regolari għal logħbiet internazzjonali. Alan Mario Sant ġie kkonfermat bħala Referee Coach fil-programm UEFA CORE, u serva wkoll fuq il-UEFA Convention Panel Committee.

Barra minn hekk, Mario Apap, fir-rwol tiegħu bħala Referees National Instructor, attenda għall-kors tal-istrutturi edukattivi tal-UEFA maħsub għall-istrutturi tekniċi-amministrattivi tar-referees.

## KOLLABORAZZJONI MA' ESPERTI INTERNAZZJONALI

Il-Kumitat tar-Referees kompla jaħdem biex jibni u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' esperti internazzjonali bil-għan li:

- L-uffiċjali Maltin jingħataw l-aħħar gwida u materjal edukattiv aġġornat;
- Jiżdiedu l-opportunitajiet għal esperjenza f'ambjenti internazzjonali.




L-uffiċjali tal-logħba Maltin kellhom diversi appuntamenti internazzjonali matul l-istaġun 2024-25.




David Elleray, il-membru tal-UEFA Development Panel responsabbli għal Malta, kien ikkonfermat għal staġun ieħor, u żamm kuntatt regolari mal-kumitat biex jirċievi feedback dwar il-progress tas-settur.

Fost il-kelliema mistiedna oħra, il-Malta FA laqgħet ukoll lil Gianluca Rocchi, Kap tar-Refereeing fl-Italja, u lil Massimo Cumbo, espert rinomat tal-futsal, li taw is-sehem tagħhom f'laqgħat u seminars.

Il-feedback pożittiv li dawn l-esperti taw lill-UEFA dwar il-livell għoli ta' professjonalità u interpretazzjoni teknika li joffru r-referees Maltin jagħmel ġieħ lil pajjiżna f'dan is-settur.

## VAR (VIDEO ASSISTANT REFEREE)

Il-Kumitat tar-Referees kompla jaħdem fuq l-istrateġija relatata mal-VAR, bl-għan li jgħin lir-referees Maltin internazzjonali jtaffu l-iżvantaġġ ikkawżat min-nuqqas tas-sistema VAR fil-kampjonat lokali.

Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, matul l-istaġun kienu organizzati diversi seminars speċjalizzati dwar il-VAR, li inkludew kemm taħriġ teoretiku kif ukoll prattiku taħt il-gwida ta' esperti tal-UEFA. Dawn is-sessjonijiet offrew l-opportunità lill-uffiċjali Maltin biex jifhmu u jitħarrġu dwar l-applikazzjoni u l-proċessi tal-VAR, anke jekk din is-sistema għadha ma ġietx introdotta f'Malta.



Gianluca Rocchi (xellug) ma' Dr Angelo Chetcuti u Alan Mario Sant.



Bjorn Vassallo flimkien ma' Pierluigi Collina, Chairman tal-FIFA Referees Committee.

Ta' min jinnota li din l-istrateġija qed tagħti l-frott mixtieq, hekk kif uffiċjali Maltin kienu involuti f'disa' logħbiet internazzjonali fejn sar l-użu tal-VAR. Għall-ewwel darba wkoll, l-erba' referees Maltin internazzjonali kollha nħatru biex jikkontrollaw partiti fejn ġiet applikata s-sistema VAR, kisba importanti li tirrifletti l-fiduċja li qed tinkiseb.

## STUDJU DWAR L-INTRODUZZJONI TAL-VAR FIL-FUTBOL MALTI

Matul l-istaġun, ġew ukoll diskussi diversi aspetti relatati mal-possibbiltà li tiġi introdotta s-sistema VAR f'Malta. Il-Kumitat tar-Referees ippreżenta rapport dettaljat lill-Malta FA Bureau, li jinkludi studju ta' fattibbiltà u analiżi tal-ispejjeż abbinati mal-implimentazzjoni tal-VAR.




Il-Malta Football Association tinsab ukoll f'kuntatt mal-FIFA u anke l-IFAB dwar proġett pilota magħruf bħala Football Video Support Trials, u bħalissa qed isir studju preliminari sabiex titfassal proposta għall-parteċipazzjoni f'dawn il-provi u dan bil-ħsieb li din titwettaq matul l-istaġun li ġej.

> Bħala riżultat ta' dawn l-isforzi, matul l-istaġun 2024-25 kien hemm żieda sinifikanti fin-numru ta' applikazzjonijiet ġodda, u s-settur organizza tliet korsijiet ta' taħriġ għal uffiċjali tal-logħba ġodda. Aktar minn 60 applikant ħadu sehem f'dawn il-korsijiet u bdew l-ewwel passi tagħhom fil-qasam tar-refereeing, indikazzjoni li l-istrateġija ta' reklutaġġ u żvilupp qed tkun effettiva.

## REKLUTAĠĠ U Ż-ŻAMMA TAL-UFFIĊJALI TAL-LOGĦBA

Ir-reklutaġġ u ż-żamma tal-uffiċjali tal-logħba attivi huma fost l-akbar sfidi li qed jaffaċċja s-settur mhux biss f'Malta iżda madwar l-Ewropa kollha. Dan hu rifless ukoll fil-kampanja li nediet il-UEFA matul l-istaġun 2024-25 bil-għan li tħeġġeġ aktar persuni – speċjalment żgħażagħ – biex jibdew karriera fir-refereeing.

Il-Malta FA ħadet sehem attiv f'din il-kampanja permezz ta' inizjattivi fuq il-midja soċjali, kif ukoll attivitajiet edukattivi u outreach fuq livell nazzjonali.

L-inizjattivi li saru kienu jinkludu

- Żjarat fl-iskejjel u istituzzjonijiet edukattivi fejn ġew organizzati sessjonijiet ta' introduzzjoni dwar ir-refereeing;
- Preżentazzjonijiet u sessjonijiet tekniċi ma' nurseries u klabbs tal-futbol biex tingħata aktar viżibbiltà lir-rwol tar-referee;
- Attivitajiet ta' promozzjoni diretta b'messaġġi edukattivi u ta' ispirazzjoni, b'mod partikolari fost plejers żgħażagħ li jistgħu jaraw il-karriera ta' referee bħala opportunità oħra fil-futbol.

Il-kumitat kompla jimplimenta politika ta' flessibbiltà li permezz tagħha plejers attivi jistgħu japplikaw biex isiru referees filwaqt li jkomplu jilagħbu, sabiex it-tranżizzjoni tkun aktar faċli u naturali għal dawk li jixtiequ jibdew dan il-perkors.

## KORSIJIET ĠODDA

Bħala riżultat ta' dawn l-isforzi, matul l-istaġun 2024-25 kien hemm żieda sinifikanti fin-numru ta' applikazzjonijiet ġodda, u s-settur organizza tliet korsijiet ta' taħriġ għal uffiċjali tal-logħba ġodda. Aktar minn 60 applikant ħadu sehem f'dawn il-korsijiet u bdew l-ewwel passi tagħhom fil-qasam tar-refereeing, indikazzjoni li l-istrateġija ta' reklutaġġ u żvilupp qed tkun effettiva.

# Żieda fil-firxa fuq il-midja soċjali u viżibbiltà akbar għax-xogħol tal-Assoċjazzjoni

Ix-xogħol tal-Malta Football Association li jitwettaq mid-dipartimenti diversi għandu jasal għand il-pubbliku b'mod korrett, sabiex ikun hemm għarfien dwar il-proġetti, attivitajiet u inizjattivi li jkunu għaddejjin. Hawnhekk fejn jidħol ix-xogħol tad-Dipartiment Kummerċjali u tal-Komunikazzjoni.

L-għan ewlieni tad-dipartiment hu li jiffaċilita l-għarfien u l-promozzjoni tal-futbol Malti fost il-pubbliku, filwaqt li jkabbar l-attività kummerċjali tal-Assoċjazzjoni fosthom mill-bejgħ ta' biljetti għall-partiti domestiċi u internazzjonali, u anke permezz ta' oġġetti relatati mal-merchandise. Dan iseħħ kemm permezz tal-mezzi tal-Assoċjazzjoni – bħal per eżempju l-midja soċjali u komunikati għall-istampa – kif ukoll permezz ta' kollaborazzjonijiet u komunikazzjoni ma' portali tal-aħbarijiet u organizzazzjonijiet nazzjonali tal-media.

L-objettiv ewlieni tal-midja soċjali tal-Assoċjazzjoni mhux li tikkompeti ma' siti jew portali lokali, iżda li tifta' dawl u tippromwovi x-xogħol tal-Malta FA.












Konferenza stampa dwar it-timijiet nazzjonali indirizzata mill-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo flimkien mal-kowċis nazzjonali Emilio De Leo u Manuela Tesse.

Matul l-aħħar sena, dawn il-pjattaformi raw tkabbir sinifikanti frott l-isforzi dedikati tal-istess dipartiment biex itejjeb il-kwalità tal-kontenut. It-tim qed jiffoka fuq kontenut aktar interessanti u informattiv, filwaqt li żamm livell professjonali. Dan jinkludi ritratti u video features ta' kwalità, grafika moderna u viżwalment attraenti, kif ukoll artikli miktuba b'mod informat u strutturat.

## TIMIJIET NAZZJONALI

It-timijiet nazzjonali Maltin f'kull livell jibqgħu dejjem il-qalba tal-operat tal-istess Dipartiment Kummerċjali u tal-Komunikazzjoni.

It-tim jibda jfassal l-istrateġiji u programmi ta' promozzjoni għal-logħbiet tat-tim nazzjonali diversi ġimgħat qabel. Matul il-ġimgħat internazzjonali, is-sessjonijiet tat-taħriġ jiġu dokumentati b'posts fuq il-midja soċjali li jinkludu ritratti u kontenut miktub, sabiex il-pubbliku jkun infurmat dwar ix-xogħol li jsir mit-timijiet nazzjonali.

F'Jannar li għadda tnieda wkoll profil uffiċjali fuq TikTok għat-timijiet nazzjonali, pjattaforma li tappella l-aktar lil udjenza żagħżugħa u tippermetti lill-plejers juru wkoll il-lat uman tagħhom.




Qabel kull logħba tat-tim nazzjonali, id-dipartiment jorganizza konferenzi tal-aħbarijiet, jaħtar fotografi u jippromwovi l-logħob b'posts mmirati fuq il-midja soċjali, jinkoraġġixxi l-bejgħ tal-biljetti u jippubblika l-iskwadri msejħa mill-kowċis nazzjonali u rapporti tal-partiti f'diversi kategoriji.


THE GRAND
meridianbet


meridianbet


BOV


17


WOMEN'S
FOOTBALL
Assikura
MALTA FA

F’Novembru li għadda, waqt il-ġimgħa internazzjonali, il-Malta FA ikkollaborat ma’ MaltaDaily biex inħoloq kontenut li jinkludi vidjos u posts li huma divertenti imma fl-istess ħin informattivi. Dan għen biex jintlaħqu udjenzi ġodda, speċjalment iż-żgħażagħ, u kattar l-interess f’dak li kienu qed iwettqu l-plejers u l-istaff tekniku kemm fil-grawnd u anke barra.

Konferenza stampa fi Frar serviet biex jiġi spjegat il-pjan u l-viżjoni tat-timijiet nazzjonali wara l-ħatra ta’ Emilio De Leo bħala Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali tal-Irġiel u l-estensjoni tal-kuntratt ta’ Manuela Tesse mat-tim nazzjonali tan-nisa. Dan l-avveniment kien imxandar dirett fuq Facebook u l-kanal YouTube tal-Malta FA.



Attivitajiet oħra jinkludu sessjonijiet ta’ taħriġ miftuħa għall-pubbliku, kif ukoll produzzjoni ta’ filmat speċjali tal-Milied bil-parteċipazzjoni ta’ plejers tat-timijiet nazzjonali.

## PROMOZZJONI TAL-KOMPETIZZJONIJIET DOMESTIĊI

Il-promozzjoni tal-kompetizzjonijiet domestiċi kienet ukoll prijorità ewlenija għal dan l-istaġun, b’kontenut li ġie ppubblikat b’mod regolari fuq il-mezzi soċjali tal-Assoċjazzjoni.

Filwaqt li l-kampjonat 360 Sports Malta Premier kellu profil dedikat, il-Malta FA ffokat fuq kompetizzjonijiet oħra bħal Meridianbet FA Trophy, il-BOV Challenge League, u l-Assikura Women’s League.



Rapporti oħra ġew ippubblikati fuq il-mezzi diġitali u soċjali tal-Malta FA dwar l-IZIBET Amateur League 1 u 2, il-BOV Youth League, u l-BNF Under-15 u Under-17 Leagues.

Il-Meridianbet FA Trophy kienet ukoll promossa b’mod speċjali, b’posts dwar fatti storiċi, rebbieħa tal-passat, u viżwali tat-tazza. Qabel il-finali, ġew ippubblikati żewġ posts partikolari: wieħed b’filmati tat-tazza f’diversi partijiet tal-Istadium Nazzjonali, u ieħor b’ritratti f’Raħal Ġdid u Birkirkara, l-irħula tat-timijiet li waslu sal-finali.

Id-dipartiment, flimkien ma’ dak tal-Football Operations, organizza u ppromwova t-tlugħ tal-poloz tal-kompetizzjonijiet, fosthom il-Meridianbet FA Trophy, il-BOV Challenge Cup, il-BOV Amateur Cup, l-Assikura Women’s Knock-Out u oħrajn.

Il-promozzjoni wasslet għal żieda fl-udjenzi: 38% żieda fil-BOV Challenge League u 28% fl-Amateur Leagues.

Sar ukoll xogħol biex jiġu promossi r-referees lokali u l-edukazzjoni tal-coaching. L-impenji internazzjonali tal-uffiċjali tal-logħba u inizjattivi edukattivi ġew rappurtati fuq il-website tal-Malta FA.

# 125 ANNIVERSARJU TAL-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION

L-2025 qed tiżvolġi f'sena ferm impenjattiva b'diversi attivitajiet u inizjattivi relatati mal-125 anniversarju tal-Malta Football Association.

Dawn jinkludu: Street Football in the City, Football Festivals, tnedija ta' flokk speċjali, u żjara tal-President ta' Malta H.E. Myriam Spiteri Debono, u ħafna iktar attivitajiet.

Huwa importanti li ninnotaw li għalkemm ċerti avvenimenti jistgħu jaffettwaw lil ċerti dipartimenti b'mod differenti mil-lat loġistiku, fil-każ tad-Dipartiment Kummerċjali u tal-Komunikazzjoni prattikament kull avveniment irid jiġi promoss b'mod jew ieħor fuq il-mezzi soċjali.

Id-dipartiment kien responsabbli mill-promozzjoni inizjali, il-kopertura bil-fotografija u vidjografija, kif ukoll komunikati għall-istampa u kontenut fuq il-midja soċjali.




















Il-flokk tal-125 anniversarju tnieda permezz ta' kampanja speċjali b'photoshoot ta' plejers nazzjonali b'tema retro, flimkien ma' vidjos fit-Training Grounds u b'timeline tal-flokkijiet matul is-snin.

Dan kollu kien jeħtieġ ħafna ħsieb u ppjanar minn qabel, biex dan il-flokk storiku jkollu l-promozzjoni u l-attenzjoni li verament jixraqlu.

## MALTA FA AWARDS 2025

L-avveniment annwali tal-Malta FA Awards Night sar fit-23 ta' Mejju fil-lukanda Doubletree by Hilton. Din is-sena, ġew introdotti numru ta' unuri ġodda biex jikkommemoraw il-125 anniversarju tal-Malta Football Association.

Il-kategorija tal-All Time Best XI kellha l-għan li tirrikonoxxi l-aqwa 11-il plejer fl-istorja tal-Assoċjazzjoni kif magħżula mill-pubbliku, amministraturi, kowċis, uffiċjali tal-logħba, ġurnalisti, u bosta esperti oħrajn.

Wara kampanja fuq il-mezzi soċjali tal-Malta FA, l-organizzaturi rċevew aktar minn 800 vot mill-pubbliku.

Il-plejers tas-sena kienu Alexander Satariano (Birkirkara) u Shona Zammit (Swieqi United).

Antonio Briguglio sar l-ewwel referee fil-Hall of Fame filwaqt li Joe Cini, li kien parti mit-tim nazzjonali Malti li lagħab l-ewwel partita uffiċjali internazzjonali, kontra l-Awstrija, fl-1957, kien onorat bil-Premju tal-President.

L-għażliet ġew imħabbra permezz ta' komunikat għall-istampa, b'reazzjonijiet u riżultati finali ppubblikati fuq il-midja soċjali tal-Malta FA.




**Adrian Casha, Viċi President tal-Assoċjazzjoni, waqt it-tnedija tal-Malta FA Awards 2025.**

## IR-REBBIEĦA KOLLHA

**ASSIKURA BEST YOUTH LEAGUE PLAYER (WOMEN):**
Maia Gauci (Birkirkara)

**BEST YOUTH LEAGUE PLAYER (MEN):**
Zak Barbara (Valletta)

**BOV YOUNG PLAYER OF THE YEAR AWARD:**
Sven Xerri (Ħamrun Spartans)

**IZIBET NATIONAL AMATEUR LEAGUE 1 BEST PLAYER:**
Julian Azzopardi (Birżebbuġa St Peter's)

**IZIBET NATIONAL AMATEUR LEAGUE 2 BEST PLAYER:**
Ferdinando Apap (Victoria Hotspurs)

**FAIR PLAY AWARD:**
Rabat Ajax Football Club

**THE GOZITAN ACHIEVEMENT AWARD:**
Maria Farrugia (Sheffield United)

**FOREIGN PLAYER OF THE YEAR AWARD:**
Maxuell Maia da Silva (Birkirkara)

**PRESIDENT'S AWARD:**
Joe Cini

**THE FOOTBALL SOCIAL RESPONSIBILITY AWARD:**
Ħamrun Spartans Football Club

**BOV CHALLENGE LEAGUE BEST PLAYER:**
Brandon Paiber (Valletta)

**COACH OF THE YEAR AWARD:**
Darren Abdilla (Floriana)

**HALL OF FAME:**
Antonio P. Briguglio

**BEST GOAL OF THE YEAR AWARD:**
Carlo Zammit Lonardelli (Floriana vs Gżira United)

**FOOTBALLER OF THE YEAR (WOMEN):**
Shona Zammit (Swieqi United)

**FOOTBALLER OF THE YEAR (MEN):**
Alexander Satariano (Birkirkara)

## L-AQWA SKORERS

**360 SPORTS MALTA PREMIER:**
Maxuell Maia da Silva (Birkirkara) 22 gowl

**BOV CHALLENGE LEAGUE:**
Sulahmana Mamadu Bah (Żurrieq) 20 gowl

**IZIBET NATIONAL AMATEUR LEAGUE 1:**
Joshua Ojelabi (Marsaskala) 20 gowl

**IZIBET NATIONAL AMATEUR LEAGUE 2:**
Timothy Thomas (Kalkara United) 19-il gowl

**ASSIKURA WOMEN'S LEAGUE:**
Hailey Russell (San Ġwann) 27 gowl

## ALL-TIME BEST XI

**GOALKEEPER:**
David Cluett

**RIGHT-BACK:**
David Carabott

**CENTRE-BACKS:**
John Holland, John Buttigieg

**LEFT-BACK:**
Lolly Debattista

**HOLDING MIDFIELDER:**
Joe Brincat

**CENTRAL MIDFIELDER:**
Raymond Vella

**RIGHT WINGER:**
Gilbert Agius

**LEFT WINGER:**
Michael Degiorgio

**FORWARDS:**
Carmel Busuttil, Michael Mifsud




Ir-rebbieħa kollha tal-Malta FA Awards 2025.




Alexander Satariano - Birkirkara FC



Shona Zammit - Swieqi United FC



## PREŻENZA AKBAR FUQ IL-MIDJA SOĊJALI

Il-ħidma tat-tim fi ħdan id-dipartiment issarrfet fi tkabbir sinifikanti fil-following tal-Malta FA matul l-istaġun.

Sa Mejju 2025, Facebook għalaq fuq 57,000 followers (2024: 53,000) u Instagram laħaq 26,400 (2024: 23,000). Iż-żieda sostanzjali tirrifletti x-xogħol kontinwu li jagħmel id-dipartiment biex ikun jista' jolqot udjenzi ġodda b'materjal differenti, kif ukoll bil-kwalità elevata ta' kontenut li qed iħajjar iktar nies biex ixerrdu l-kontenut tal-Malta FA.

Instagram kien suċċess b'mod partikolari. Waqt it-12-il xahar minn Mejju 2024 sa Mejju 2025, il-kontenut tal-Malta FA fuq Instagram laħaq madwar 667,400 persuna, żieda ta' 330.6% mill-istess perjodu tas-sena ta' qabel.

Matul il-ġimgħa internazzjonali ta' Marzu 2025, ġew milħuqa aktar minn 100,000 persuna f'ġurnata waħda. Dan kien abbinat mal-ewwel logħbiet taħt Emilio De Leo u kontenut viżiv b'saħħtu. Infatti, l-iktar kontenut li mar tajjeb kienu l-iskwadri mħabbrin għal kontra l-Finlandja u l-Polonja, b'dawn jenfasizzaw iż-żieda fl-antiċipazzjoni madwar l-għażliet ta' De Leo.

Il-profil fuq TikTok, imniedi dan l-istaġun, diġà laħaq aktar minn 2,300 follower b'mod organiku. Il-kontenut li jitla' fuq TikTok huwa iktar immirat lejn iż-żgħażagħ, u joffri firxa ta' materjal bħal dak divertenti u li jiġġenera r-rispons, kif ukoll dak kummerċjali u informattiv bħall-bejgħ ta' biljetti u siltiet mill-partiti.










"Huwa d-dmir ta' dan id-dipartiment li waqt li jwassal il-messaġġ mingħajr tidwir tal-fatti, jibqa' ffukat li jibgħat sinjali pożittivi hemm barra dwar dak kollu li jkun għaddej, u l-ħidma li tkun qed titwettaq"

**57,000+**
**FOLLOWERS**

**26,400+**

**2,300+**




## BNF AWARDS – UNURI ABBINATI MAL-KAMPJONATI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Iċ-ċerimonja ta' premjazzjonijiet, magħrufa aħjar bħala BNF Awards, saret fid-29 ta' Mejju fis-Centenary Hall, u matulha ngħata rikonoxximent lit-timijiet u plejers żgħażagħ li spikkaw matul l-istaġun.

Ingħataw trofej lir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet rispettivi tas-subien taħt il-15 u 17-il sena, kif ukoll parteċipazzjoni fil-kampjonati ta' taħt l-14-il sena, u għar-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet tat-tfajliet taħt is-16-il sena.

Il-plejers li skorjaw l-iktar gowls fil-kompetizzjonijiet rispettivi wkoll ingħataw trofew, filwaqt li diversi timijiet ingħataw rikonoxximent għall-promozzjoni tagħhom kif ukoll għall-Fair Play.

Iċ-ċerimonja kienet imxandra live fuq il-mezzi soċjali tal-Malta FA u kienet koperta wkoll b'komunikat għall-istampa u posts fuq il-midja soċjali.

Id-Dipartiment Kummerċjali u tal-Komunikazzjoni kellu rwol importanti fl-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' dawn iċ-ċerimonji, b'responsabbiltajiet li jinkludu l-kitba ta' artikli u kontenut fuq il-midja soċjali, disinni viżivi u grafika, vidjografija, u elementi oħra li jgħinu biex dawn l-avvenimenti jirnexxu.

## FLOKKIJIET ĠODDA TAL-ADIDAS GĦAT-TIMIJIET NAZZJONALI MILL-2026

Minn Mejju tal-2026, il-kits tat-tim nazzjonali tal-irġiel (senior u U21) u t-tim nazzjonali tan-nisa se jiġu pprovduti minn Adidas bħala parti mill-Kit Assistance Scheme tal-UEFA.

Dan wara li Adidas laħqu ftehim mal-UEFA biex ifornu l-materjal tal-Kit Assistance Scheme li bħalissa qed jipprovduha Erreà. Din l-iskema timmira biex tgħin lil timijiet minn pajjiżi żgħar tal-UEFA, waħda minnhom Malta, bl-isponsorship tal-kits.

Id-dipartiment qed jippjana t-tnedija tal-flokkijiet, inkluż il-preżentazzjoni fiżika fil-ħanut tal-Assoċjazzjoni u dak online, kif ukoll kampanja b'riklami, fotografija u komunikati għall-istampa.

Għalkemm il-disinn tal-kit għadu mhux finalizzat, il-kit irid ikun promoss bl-aħjar mod sew biex tħajjar iktar nies jixtruh. Dan kollu jirrikjedi ħafna ppjanar.

Matul is-sena, id-Dipartiment Kummerċjali u tal-Komunikazzjoni ħadem bla waqfien biex jippromwovi l-kits tat-timijiet nazzjonali li preżentament huma pprovduti minn Erreà.

Minbarra l-promozzjoni fuq il-midja soċjali bil-għan li nattiraw iktar kummerċ kemm online kif ukoll permezz tal-ħanut tal-Malta FA fil-Millennium Stand, id-dipartiment esplora wkoll mezzi oħra ta' distribuzzjoni.



## KOLLABORAZZJONI MA' HERITAGE MALTA

Fl-2023, il-Malta FA iffirmat Memorandum of Understanding (MoU) ma' Heritage Malta bil-għan li ttejjeb l-operat tal-Mużew tal-Futbol Malti. Wieħed mill-benefiċċji ewlenin ta' dan il-ftehim kien li l-kit tat-timijiet nazzjonali Maltin beda jinbiegħ fil-ħwienet tas-souvenirs tas-siti ta' Heritage Malta.

Dan l-iżvilupp importanti għamel il-kit uffiċjali aktar aċċessibbli għall-partitarji u t-turisti, b'eluf ta' nies iżuru dawn il-postijiet kuljum, u għalhekk żdied il-bejgħ kif ukoll il-preżenza tat-timijiet nazzjonali Maltin, mhux biss f'Malta, imma madwar id-dinja.




## SPONSORSHIPS ĠODDA

Matul is-sena ġew iffirmati diversi kuntratti ġodda ta' sponsorship, b'dawn jiġu promossi fuq il-mezzi soċjali tal-Malta FA.

F'Awwissu, l-Malta FA ħabbret lill-kumpanija VBET bħala l-betting partner uffiċjali tat-tim nazzjonali tal-irġiel. Apparti li tkun viżibbli fuq il-kits tat-taħriġ u fil-materjal tal-branding fil-pitch, qed ikun hemm kontenut li jipprovdi viżibbiltà għal-logo tal-VBET fuq il-mezzi soċjali tal-Malta FA.

XACE, kumpanija tal-pagamenti diġitali, kompliet l-isponsorship tagħha mat-tim nazzjonali tal-irġiel, bil-logo tal-kumpanija tidher fuq il-kmiem tal-kits tat-taħriġ, u fil-pitch tal-Istadium Nazzjonali.

Ftehim ieħor importanti kien ir-rebranding tal-kompetizzjoni tal-FA Trophy għal Meridianbet FA Trophy wara li ntlaħaq qbil ma' Meridianbet Group. Il-grupp ta' online sports betting u iGaming iffirma ftehim ta' numru ta' snin f'Awwissu li għadda. Apparti l-aħbar inizjali, id-dipartiment tella' kontenut varjat dwar din il-kompetizzjoni, filwaqt li anke pprovda kontenut esklussiv li juri l-branding tal-Meridianbet.

Kien hemm ukoll ftehim ma' Mafimex, grupp lokali li jipprovdi frott u ħaxix, li minnu jibbenefikaw it-timijiet nazzjonali b'għażla vasta ta' frott u ħaxix kemm qabel u anke wara l-logħob tagħhom.




Fuq l-istess linji, it-tim nazzjonali tal-futsal ġie sponsorjat minn Virtu Ferries, li ffaċilitaw il-vjaġġi lejn u minn Sqallija għal xi logħob li kellu t-tim.

Apparti minn hekk, COOP Services kienu mħabbra bħala sponsors uffiċjali tal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol u l-Football Festivals għat-tfal ta' taħt it-13-il sena. Il-kumpanija li tipprovdi servizzi ta' trasport qed tgħin biex dawn l-avvenimenti jkomplu jsiru regolarment matul l-istaġun.

## MALTA EPREMIER LEAGUE

Is-sitt staġun tal-ePremier League Malti kien kampjonat ieħor mimli azzjoni li kompla jikkonsolida r-reputazzjoni tiegħu bħala l-kompetizzjoni tal-esports l-aktar prestiġjuża f'Malta.

Il-kompetizzjoni offriet opportunitajiet sinifikanti għall-plejers lokali tal-EA SPORTS FC sabiex javvanzaw il-karriera professjonali tagħhom waqt li jirrappreżentaw klabbs magħrufa mit-360 Sports Malta Premier, il-kampjonat ewlieni tal-pajjiż. Barra minn hekk, ipprovdiet pjattaforma unika biex il-plejers juru t-talent tagħhom u jikkompetu fuq livell internazzjonali.

Il-kompetizzjoni bdiet f'Ottubru bl-ewwel fażi, fejn il-plejers li qatt ma kkwalifikaw għall-fażi ewlenija ngħataw iċ-ċans jippruvaw jiksbu post fl-istadju li jmiss. Il-fażi finali tal-kampjonat saret bejn Marzu u April 2025, bi tmien timijiet finalisti jiġġieldu għall-unur finali.




Wara serje ta' logħbiet intensi, Shaun "Brandsha" Galea, li rrappreżenta lil Ħamrun Spartans, rebaħ it-titlu għat-tielet sena konsekuttiva biex kiseb premju ta' €5,000 u post fil-FC Pro World Cup Play-ins flimkien mal-opportunità li jirrappreżenta lil Ħamrun Spartans fl-eChampions League 2025. Galea kkonferma l-istatus tiegħu bħala wieħed mill-aqwa plejers internazzjonali tal-esports.

Il-kompetizzjoni kollha kienet promossa b'mod estensiv fuq il-mezzi soċjali tal-Malta FA u tal-Malta ePremier League. Kien hemm aktar minn 2.3 miljun impressjoni fuq Facebook u aktar minn 760,000 fuq Instagram. Statistiċi juru li l-Malta ePremier League laħaq udjenza ta' iktar minn 76,000 telespettatur, u madwar 146,000 persuna intlaħqu permezz ta' Facebook Live.

Din is-sena kienet l-iktar waħda fejn il-partitarji ġew involuti fil-Malta ePremier League, bl-introduzzjoni ta' vot pubbliku sabiex jivvutaw għall-plejers favoriti tagħhom kull ġimgħa u b'hekk inħolqu rabtiet diretti u appoġġ mis-segwaċi.

Il-Malta ePremier League qed ikompli jikber b'rata mgħaġġla, u dan is-suċċess ma setax jintlaħaq mingħajr l-appoġġ tal-imsieħba ewlenin: Be Exclusive, TVMSport, KitKat, Pepsi, u AceZone.



PROĠETTI INFRASTRUTTURALI

# Investiment kostanti fil-faċilitajiet tal-futbol tal-Assoċjazzjoni u anke dawk tal-klabbs membri



Id-Dipartiment għall-Proġetti Infrastrutturali jibqa' pilastru importanti fi ħdan l-Assoċjazzjoni, bl-għan ewlieni tiegħu jkun li jkompli jwettaq l-pjan strateġiku tal-Assoċjazzjoni, permezz ta' aktar investiment fl-infrastruttura tal-futbol f'pajjiżna.

Kien għalhekk li għal staġun ieħor, il-Malta Football Association sostniet l-impenn tagħha biex tinvesti fl-infrastruttura tal-klabbs membri filwaqt li l-proġett tal-bini taċ-Ċentru Nazzjonali ġdid tal-Futbol f'Ta' Qali issa wasal fl-aħħar fażi. Ix-xogħol kontinwu fil-pitches b'wiċċ naturali f'Ta' Qali baqa' għaddej kif skedat.

## KLABBS MEMBRI

Matul l-aħħar staġun, id-dipartiment kompla jkun ferm attiv fl-implimentazzjoni tal-ftehim li ġie ffirmat mal-Gvern Ċentrali u li permezz tiegħu qegħdin jinbidlu l-uċuħ tal-pitches tal-klabbs membri.

**B'investiment totali ta' ftit aktar minn €1,000,000 fl-aħħar staġun tlestew ħames pitches oħra, biex it-total ta' pitches mibdula issa jlaħħaq 23 b'wiċċ artifiċjali ġdid tal-ogħla kwalità, bl-aħħar tnejn ikunu dawk tas-Centenary Stadium u dak tal-Luxol Stadium.**

Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet ukoll fuq il-wiċċ artifiċjali ta' Vittoriosa Stars FC f'De La Salle u Kirkop United FC, u fil-ġimgħat li ġejjin mistennija jibdew ix-xogħlijiet ukoll fil-grawnd ta' Żebbuġ Rangers FC u Swieqi United FC fl-skola primarja ta' Pembroke.



Fil-ġimgħat li għaddew inbidel il-wiċċ artifiċjali tas-Centenary Stadium.





Minbarra dan, il-Malta FA qegħdha f'diskussjoni ma' diversi klabbs oħra biex jibda l-proċess għas-sejħa għall-offerti bil-għan li jinbidlu aktar pitches fix-xhur u snin li ġejjin.

Fl-aħħar snin id-dipartiment ma ħarisx biss lejn in-numri, iżda ta iżjed importanza lill-kwalità, biex għall-ewwel darba f'Malta għandna erba' pitches li jintużaw għal-logħob kompetittiv li huma ċertifikati bħala FIFA Quality Pitches u tlieta oħra ċertifikati bħala FIFA Quality Pro.

Dan kollu jixhed l-impenn tal-Assoċjazzjoni li tinvesti b'mod għaqli biex inkomplu ngħollu l-kwalità tal-futbol f'pajjiżna.



## ĊENTRU NAZZJONALI TAL-FUTBOL

Taħt il-kappa tal-istess dipartiment, issa wasal fl-aħħar fażi l-bini taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol, liema investiment laħħaq ftit aktar minn €12-il miljun, li parti sostanzjali tiegħu hu ffinanzjat mill-Fond Soċjali għall-Iżvilupp Nazzjonali (NDSF).

Wara snin ta' stennija, fi ftit ta' ġimgħat oħra ser naraw il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-proġett, fejn se jkollna Ċentru Nazzjonali tal-Futbol b'faċilitajiet tal-ogħla livell professjonali għat-timijiet nazzjonali tal-futbol flimkien ma' stadium ta' kategorija 1 li kapaċi jospita kompetizzjonijiet internazzjonali filwaqt li jattira aktar turiżmu sportiv f'Malta.

Dan ifisser li l-Assoċjazzjoni se tkun qed twettaq objettiv ieħor mill-istrateġija, dak li jinbena Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali.

## MANUTENZJONI TAL-PITCHES B'WIĊĊ NATURALI

Il-proġetti infrastrutturali huma l-qalba ta' dan id-dipartiment iżda mhux biss. Dan id-dipartiment għandu wkoll taħt ir-responsabbiltà tiegħu l-manutenzjoni tal-pitches b'wiċċ naturali f'Ta' Qali.

Matul l-aħħar 12-il xahar tkompla x-xogħol kontinwu ta' manutenzjoni fuq il-pitches f'Ta' Qali bil-għan li jkollna pitches tal-ogħla livell professjonali. Wara l-logħba ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja kontra l-Litwanja f'Ġunju, bdew ix-xogħlijiet fuq il-wiċċ naturali tal-Istadium Nazzjonali u dawk tat-Training Grounds bi preparazzjoni għal staġun ieħor ta' futbol, liema staġun se jibda fl-ewwel ġimgħat ta' Awwissu.

Hu fatt magħruf li meta tikkunsidra l-ammont ta' logħob u taħriġ fl-Istadium Nazzjonali u t-Training Grounds, ir-riżultat taż-żamma tal-istess pitches hu wieħed ta' sodisfazzjon kbir.

**Dan l-istaġun intlagħbu ftit aktar minn 100 logħba fl-Istadium Nazzjonali, b'medja ta' kważi erba' logħbiet fil-ġimgħa, filwaqt li kien hemm madwar 500 sessjoni ta' taħriġ fit-Training Grounds, b'medja ta' kważi 14-il sessjoni fil-ġimgħa.**




Dan kollu hu riżultat tal-investiment għaqli li l-Assoċjazzjoni għamlet fil-passat riċenti fuq il-pitches f'Ta' Qali, liema valur totali kien jammonta għal madwar €3,500,000, flimkien ma' baġit allokat għal kull sena, bl-ispiża totali għal din is-sena tlaħħaq €800,000.

Il-ħidma ta' dan id-dipartiment hija msejsa fuq l-istrateġija tal-Assoċjazzjoni, immirata biex nilħqu objettivi importanti għall-futbol Malti. Permezz ta' dan, l-Assoċjazzjoni qed tiżgura involviment akbar għal standards għoljin ta' kontabilità, governanza tajba, infrastruttura u investiment ta' kwalità għolja.



**RESPONSABBILTÀ SOĊJALI**

# Tisħiħ tal-proġetti li qed iħallu impatt pożittiv fil-komunità u fost il-klabbs

Kważi 10 snin minn mindu l-Malta Football Association waqqfet id-Dipartiment tar-Responsabbiltà Soċjali (Football Social Responsibility), illum dan it-tim firex il-ħidma tiegħu f'kull settur, kemm fuq livell ta' klabbs u anke fil-komunità Maltija in ġenerali.

Dan l-istaġun, grazzi wkoll għas-sostenn kontinwu tal-UEFA u fondi Ewropej, twettqu numru ta' inizjattivi u proġetti.




## KOMUNITÀ

Proġett bil-fondi tal-UEFA HatTrick li permezz tiegħu naħdmu ma' persuni f'oqsma diversi u b'kundizzjonijiet soċjali differenti. Dan il-proġett huwa essenzjalment immirat lejn komunitajiet differenti, familji, anzjani, nies b'abbiltajiet differenti u anke tfal.

## INKLUSSIV

Proġett ieħor li qed jitwettaq bil-fondi tal-UEFA HatTrick fejn permezz tal-futbol qed noħolqu u nixprunaw ambjent li jiffaċilità l-integrazzjoni, id-diversità u l-inklużjoni.

## PLAYGREEN

Il-popolarità tal-logħba tal-futbol qed tintuża bħala pjattaforma biex intejbu l-ambjent u noħolqu klima ta' għarfien dwar l-importanza li nissalvagwardjaw l-ambjent fi ħdan l-Assoċjazzjoni, il-klabbs u anke fil-komunità. Dan ikopri numru ta' aspetti, fosthom il-kunċett ta' 3Rs (reduce, reuse and recycle). Dan il-proġett ukoll qed isir bl-għajnuna finanzjarja mill-programm UEFA HatTrick.

# BALLUN

Dan il-proġett issa daħal fir-raba' sena u jgawdi mill-fondi tal-UEFA Refugee Fund. Grazzi għal dan il-programm, il-Malta FA qed tgħin refuġjati, persuni li ġejjin minn pajjiżi terzi (Third Country Nationals) u dawk li qed ifittżu l-ażil (asylum seekers).

Matul dan l-istaġun twettqu tliet Mobility Projects fejn kowċis miċ-Ċentru Tekniku marru jagħmlu taħriġ mal-akkademja tal-Benfica Academy u anke kowċis tal-futsal li żaru l-akkademja ta' Barcelona.

Aktar tard din is-sena, kowċis tat-timijiet tan-nisa ser ikollhom l-opportunità jagħmlu esperjenzi ta' job shadowing ma' Roma FC. Dawn l-inizjattivi kollha qed isiru b'fondi tal-Unjoni Ewropeja bil-kordinazzjoni tad-Dipartment tal-FSR flimkien ma' dipartimenti oħra fi ħdan il-Malta FA.

Mal-proġetti ta' responsabbiltà soċjali li saru flimkien mal-klabbs u fi ħdan il-komunitajiet żidna inizjattivi oħra li laħqu firxa kbira ta' persuni f'Malta u Għawdex.




- **Target:** Proġett b'fondi Ewropej li jippromwovi l-importanza tal-ugwaljanza tal-ġeneru fil-klabbs tal-futbol.
- **P2P:** Proġett sostnut b'fondi Ewropej immirat lejn iż-żgħażagħ u l-kunċett magħruf bħala SLAM ( Sports Leadership and Management).
- **Stop The Hate:** Kampanja mal-klabbs kollha tan-National Amateur League b'kull tim jikkontribwixxi b'mod attiv permezz ta' numru ta' sessjonijiet marbuta mat-tema tal-proġett li saru fil-klabbs.




- **Kick It:** Proġett fit-toroq flimkien mal-kordinaturi fi ħdan id-Dipartiment tar-Responsabbiltà Soċjali biex iħajru lin-nies mhux biss jilagħbu l-futbol imma wkoll biex jagħmlu attività fiżika fit-toroq tal-irħula u l-ibliet Maltin.







- **She Scores:** Inizjattiva oħra biex tħeġġeġ iktar nisa jieħdu sehem aktar attiv fil-futbol, mhux mil-lat kompetittiv biss imma wkoll bħala mezz ta' social networking .

Matul l-istaġun, saħħaħna l-kontribut f'diversi proġetti f'postijiet partikolari fejn isiru sessjonijiet u attivitajiet ta' kull ġimgħa, fosthom:

- Yours
- Caritas
- Richmond Foundation
- Ħal Safi Detention Centre
- Żjarat fl-iskejjel
- Żjarat fil-klabbs

Din is-sena wkoll, kienu introdotti sessjonijiet ta' taħriġ għal tfal u żgħażagħ bl-ADHD, dawk fl-ispettru tal-awtiżmu, u żgħażagħ b'abbiltajiet mentali diversi.

Bħala parti minn dawn l-isforzi, inħoloq Disability Sports Network biex tinġabar informazzjoni u data dwar persuni b'abbiltajiet differenti li jixtiequ jilagħbu jew isegwu l-futbol.



## UEFA UNHCR REFUGEE TOURNAMENT

Għat-tielet sena konsekuttiva, Malta ħadet sehem fil-UEFA UNHCR Refugee Tournament li sar f'Nyon. Fl-2025, Team MT (tim magħmul primarjament minn refuġjati, voluntiera u plejers femminili) se jipparteċipa f'dan it-tournament għar-raba' darba fil-belt ta' Zeist fl-Olanda.

Dan l-istaġun ukoll, id-dipartiment offra assistenza u gwida lil numru ta' klabbs fit-tfassil ta' strateġija dwar responsabbiltà soċjali jew sostenibbiltà soċjali u ambjentali (Social and Environmental Sustainability), li issa saret rekwiżit għal kull klabb li jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA.

## STATISTIĊI




**3000+** parteċipant fl-attivitajiet kollha

**350** sessjoni tal-futbol

**92** sessjoni dwar responsabbiltà soċjali li jinkludu attivitajiet abbinati mal-proġett Outraged u għarfien dwar il-manipulazzjoni tal-logħob (match-fixing) b'kollaborazzjoni ma' klabbs tan-National Amateur League

**40** partita tal-futbol fosthom fil-kompetizzjonijiet tal-MESA

**35** attività ta' outreach fl-iskejjel

**30** kollaboratur inklużi aġenziji tal-gvern, NGOs u assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol membri fi ħdan il-UEFA

**25** kontributur fuq il-proġetti kollha tal-FSR

**18** -il proġett attiv

**2** tournaments internazzjonali li saru f'Nyon u Bucharest

> Bħala parti minn dawn l-isforzi, inħoloq Disability Sports Network biex tinġabar informazzjoni u data dwar persuni b'abbiltajiet differenti li jixtiequ jilagħbu jew isegwu l-futbol



## RIŻORSI UMANI

# Il-benessri tal-impjegati u appoġġ lid-dipartimenti tal-Assoċjazzjoni l-għanijiet primarji

Matul l-istaġun 2024-25, id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kompla jiddedika l-attenzjoni u l-isforzi kollha tiegħu biex isaħħaħ l-appoġġ lill-impjegati u d-dipartimenti kollha tal-Malta Football Association, filwaqt li joffri iktar opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali tal-istaff.

Twettqu numru ta' proġetti ġodda fuq livell organizzattiv u infrastrutturali li żiedu d-domanda fuq il-livelli ta' staff. Minħabba l-prijoritajiet finanzjarji eżistenti, il-mira ewlenija kienet li l-headcount jiġi massimizzat u użat b'mod effiċjenti.

Ir-reklutaġġ ta' impjegati ġodda kien wieħed meqjus, fil-fatt dan kien essenzjalment limitat biex ikun sostitwit staff f'pożizzjonijiet importanti.

Kien hemm tibdil importanti fi ħdan id-dipartiment tekniku fid-dawl tal-ħatra ta' Head Coach ġdid tat-timijiet nazzjonali, Emilio De Leo u membri ġodda fl-istaff tekniku, fosthom l-assistant coaches Pietro Matafora u Mirko Valdifiori, ir-ristrutturar tad-dipartimenti tal-Football Operations u Football Services. Dan ir-ristrutturar kien essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ġodda organizzattivi marbuta mal-bidliet fit-tmexxija tad-dipartimenti rispettivi.

Matul l-istaġun, ġew offruti diversi opportunitajiet ta' żvilupp għall-istaff, li kienu jinkludu:

- Sponsorizzazzjoni fi programmi speċjalizzati relatati mal-qasam tekniku
- Parteċipazzjoni f'korsijiet tal-Coaching Education
- Parteċipazzjoni f'seminars u korsijiet tal-UEFA
- Korsijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol
- Programmi ta' internship fi ħdan il-Malta FA.

Dawn l-inizjattivi juru l-impenn kontinwu sabiex jiġu investiti riżorsi fl-iżvilupp tal-ħiliet u t-tkabbir tal-karriera tal-impjegati.

Ir-Regolamenti Organizzattivi Interni, introdotti matul is-sena preċedenti, komplew jintużaw bħala dokument li jirregola l-proċeduri tal-Assoċjazzjoni b'rabta mar-riżorsi umani. Dan id-dokument kellu rwol kruċjali fil-ġestjoni ta':

- Ilmenti u każijiet ta' dixxiplina
- Ridistribuzzjoni ta' impjegati
- Kwistjonijiet relatati mal-benessri tal-impjegati
- Relazzjonijiet ta' xogħol f'sitwazzjonijiet sensittivi

L-għan kien li jinżamm ambjent ta' xogħol trasparenti, ġust u professjonali, b'ħidma kontinwa lejn soluzzjonijiet effettivi u sostenibbli.

Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kien ukoll involut f'audits regolari relatati ma' oqsma kritiċi bħalma huma l-kuntratti tal-impjieg, is-salarji (payroll), u l-konformità mar-regolamenti tax-xogħol applikabbli. Dawn l-eżerċizzi kienu essenzjali biex tiġi żgurata governanza amministrattiva soda u effiċjenti.

Ibbażat fuq is-suċċess miksub fl-istaġun ta' qabel, il-Kumitat Soċjali u Sportiv tal-istaff kompla jorganizza



L-impjegati tal-Malta FA lagħbu partita ta' ħbiberija bejniethom fl-Istadium Nazzjonali bħala parti mill-attivitajiet soċjali li torganizza l-Assoċjazzjoni.







attivitajiet li b'mod effettiv għen biex jissaħħaħ l-ispirtu ta' teamwork.

L-attivitajiet inkludew sessjonijiet sportivi, attivitajiet ta' divertiment, u laqgħat informali, kollha mmirati biex jinħoloq ambjent ta' xogħol aktar pożittiv u inklussiv.

## ESTATE MANAGEMENT

Il-funzjonijiet tal-Estate Management kienu wkoll element importanti fl-operat ta' dan l-istaġun. L-attivitajiet li twettqu kienu jinkludu:

- Introduzzjoni ta' sistema ġdida għall-immaniġġjar tal-iskart, li ttejjeb il-kontroll ambjentali u l-effiċjenza operattiva
- Manutenzjoni preventiva u tiswijiet kontinwi biex tinżamm l-infrastruttura f'kundizzjoni ottimali.
- Xogħol ta' rinnovazzjoni, b'mod partikolari fejn kien hemm ħsarat jew proġetti ġodda fuq skala medja.
- Inżamm monitoraġġ regolari fuq is-saħħa u s-sigurtà f'kull proġett u attività fuq il-proprjetà tal-Malta FA.
- Kollaborazzjoni teknika b'mod attiva fi proġetti mmexxija minn partijiet terzi li saru fuq is-siti tal-Assoċjazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' ristrutturar u l-ftuħ mill-ġdid tal-pixxina fil-kumpless tal-Malta FA f'Ta' Qali. Il-kordinazzjoni teknika kienet fundamentali biex jiġi żgurat li l-proġett jimxi skont l-istandards stabbiliti.
- Appoġġ loġistiku lid-dipartimenti l-oħra fi ħdan il-Malta FA, speċjalment waqt il-preparazzjoni u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet, avvenimenti u proġetti oħrajn.






# Sostenn għall-Assoċjazzjonijiet Membri permezz ta' MOUs

## APPOĠĠ FINANZJARJU STMAT LI JILĦAQ €1.35 MILJUN FUQ MEDDA TA' ERBA' SNIN

Il-Malta Football Association iffirmat Memorandum of Understanding (MOU) li jkopri perjodu ta' erba' snin ma' 13-il Assoċjazzjoni Membru matul l-istaġun 2024-25.

L-appoġġ totali permezz ta' dawn l-MOUs se jaqbeż it-€340,000 fis-sena u jkopri l-aktar spejjeż relatati mal-uffiċjali tal-logħba, il-kirjiet tal-pitches, u servizzi provduti minn paramediċi waqt il-logħob biex jiġi żgurat li dawn





l-Assoċjazzjonijiet Membri jistgħu jkomplu l-attivitajiet tagħhom li huma kruċjali fil-livell rikreattiv.

L-MOU mal-Malta Football Referees Association (MFRA) jistabbilixxi r-rati li jitħallsu lill-uffiċjali tal-logħba f'kompetizzjonijiet differenti fil-livelli kollha. Dawn il-ħlasijiet jammontaw għal aktar minn €600,000 fis-sena.

L-għan prinċipali ta' dawn l-MOUs hu li jixpruna riformi essenzjali biex intejbu diversi aspetti tal-logħba fil-livelli rikreattivi u non-league permezz ta' mudell operattiv sostenibbli. Filwaqt li l-istat attwali tal-futbol rikreattiv f'Malta huwa inkoraġġanti, jinħtieġ tibdil sinifikanti u ppjanar metikoluż biex niżguraw is-sostenibbiltà tal-attivitajiet f'dawn il-kategoriji.

Peress li l-kompetizzjonijiet rikreattivi u non-league jiddependu kompletament fuq l-appoġġ tal-Malta FA, dan l-MOU jirrappreżenta pass 'l quddiem biex jiġi protett il-futur u anke s-suċċess fit-tul ta' dawn l-attivitajiet.

**L-Assoċjazzjonijiet Membri li jgawdu minn dan l-appoġġ jinkludu:**

- Malta Amateur Football Association (MAFA)
- Inter Amateur Soccer Competition (IASC)
- GIDA League (GIDA)
- SWAN League (SWAN)
- Industries Sports Association (ISA)
- Malta Employees Sports Association (MESA)
- Veterans Malta Football Association (VMFA)
- Masters Football Association (Masters)
- Futsal Malta Association (FMA)
- Malta Beach Soccer Association (MBSA)
- Gozo Football Association (GFA)
- Gozo Youth Football Association (GYFA)
- Malta Football Coaches Association (MFCA)
- Malta Football Referees Association (MFRA)

## FTEHIM MAS-SOUTH END CORE

Aktar kmieni din is-sena, il-Malta Football Association iffirmat MOU mas-South End Core (SEC), l-organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-partitarji tat-timijiet nazzjonali. Dan il-ftehim jinkludi assistenza finanzjarja biex is-South End Core jingħata benefiċċji f'biljetti u biex iħejji koreografiji fil-ġurnata tal-partiti.

Dan il-ftehim jestendi minn Marzu 2025 sa Marzu 2026 u kien iffirmat minn Bjorn Vassallo, President tal-Malta FA, u Louis Agius, fundatur tal-grupp SEC.




SETTUR MEDIKU

# Servizzi ma jaqtgħu xejn għall-plejers, opportunitajiet edukattivi u sessjonijiet ta' CPR għall-pubbliku

L-istaġun 2024-25 beda fuq nota pożittiva bid-Dipartiment Mediku tal-Malta FA jingħaqad mal-Malta Resuscitation Council biex jagħti sessjonijiet ta' CPR (cardiopulmonary resuscitation) lill-pubbliku waqt il-kompetizzjoni tal-irġiel tal-EURO 2024. Aktar minn 400 persuna ġew imħarrġa dwar kif isalvaw il-ħajjiet.

Dan is-suċċess fl-edukazzjoni kompla bit-tnedija ta' sensiela ta' avvenimenti ta' CPD għall-persunal mediku tat-timijiet nazzjonali, kif ukoll bit-tkomplija tal-UEFA Football Doctor Education Programme li tiegħu Dr Daniel McKean huwa parti mill-Fakultà tal-UEFA.






It-tim mediku tal-Malta FA kkordina sessjonijiet ta' taħriġ dwar CPR fost il-membri tal-pubbliku.

L-aħħar kors għall-istaġun 2024-25 sar fit-tmiem ta' Ġunju u kien immirat lejn staff mediku tal-klabbs biex jingħataw aktar għarfien fil-kura avvanzata għal dak kollu li jista' jinqala' fil-partiti mill-kompetizzjonijiet Ewropej kif ukoll dawk domestiċi.  Barra minn hekk, id-Dipartiment Mediku ddedika 20 siegħa ta' lezzjonijiet għall-kors tal-coaching tal-Liċenzja Pro tal-UEFA.

F'Jannar ta' din is-sena, il-Malta FA kienet rappreżentata fil-UEFA Medical Symposium, li sar f'Lugano, minn Dr Daniel McKean, Dr John Zammit Montebello u Jade Portelli, b'enfasi speċjali fuq is-saħħa u l-benessri tal-plejers femminili. Barra minn hekk, f'April, Dr Daniel McKean attenda għas-seminar tal-anti-doping li jsir darbtejn fis-sena, f'Nyon.

Il-klinika tat-timijiet nazzjonali kompliet topera b'kapaċità sħiħa għall-parti l-kbira tal-istaġun billi pprovdiet kura għall-plejers imweġġgħin u kkordinat strateġiji ta' prevenzjoni, filwaqt li fiżjoterapisti pprovdew kura fil-grawnd b'mod konsistenti.





EDUKAZZJONI

# 35 kandidat itemmu b'suċċess żewġ korsijiet organizzati minn MFA Learn



L-istaġun 2024-2025 kien wieħed impenjattiv għal MFA Learn, immarkat minn inizjattivi edukattivi ta' suċċess immirati lejn il-professjonalizzazzjoni ta' diversi aspetti tal-amministrazzjoni u l-maniġment tal-futbol.

Il-fergħa edukattiva tal-Malta Football Association mexxiet b'suċċess it-tieni edizzjoni tal-Award in Team Manager Duties. Organizzat b'kollaborazzjoni ma' Learning Works, dan il-programm ra 16-il student itemmu l-kors, u dan jenfasizza l-impenn tal-MFA Learn li trawwem l-iżvilupp tal-għarfien u l-ħiliet filwaqt li tagħti s-setgħa lill-individwi biex jikkontribwixxu għas-suċċess u t-tkabbir tal-futbol fil-livell operattiv.

Avveniment ewlieni ieħor kien iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni li saret fit-2 ta' Ottubru, 2024, għall-aħħar grupp tal-kors taċ-Ċertifikat fl-Amministrazzjoni tal-Futbol. Dan il-programm, organizzat b'kollaborazzjoni ma' Avanza Training Academy, ra 19-il student jikkonkludu b'suċċess l-istudji tagħhom, u tahom għarfien u ħiliet essenzjali għal governanza effettiva tal-futbol.

L-MFA Learn qed tippjana b'mod attiv għall-istaġun 2025-2026, fosthom it-tfassil ta' edizzjonijiet ġodda kemm taċ-Ċertifikat fl-Amministrazzjoni tal-Futbol kif ukoll tal-Award in Team Manager Duties, bil-potenzjal li jiġu introdotti programmi ġodda biex inkattru l-opportunitajiet edukattivi u nindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jevolvu fil-komunità tal-futbol.



# MESSAĠĠ TAL-PRESIDENT




Wasalna fi tmiem staġun ieħor u ta' kull sena, id-dover li ninseġ dan il-messaġġ bħala konklużjoni għar-Rapport Amministrattiv jagħtini l-opportunità nirrifletti fuq dak li rnexxielna nwettqu fl-aħħar xhur, fuq l-isfidi u l-opportunitajiet li ġew quddiemna.

Ħafna drabi l-attenzjoni tal-eluf ta' dilettanti tal-futbol f'Malta tkun fuq dak li jiġri fil-pitch, il-wirjiet, ir-riżultati, il-ferħ, id-diżappunt, il-kritika, il-kontroversja u l-emozzjonijiet kollha li toffri l-logħba u dak li ġġib magħha, imma x-xogħol tal-Assoċjazzjoni jmur lil hinn mill-aspett kompetittiv biss.

Storikament, l-istaġun 2024-25 kien wieħed importanti għaliex matulu varajna l-programm ta' inizjattivi u attivitajiet biex infakkru l-125 Anniversarju tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Futbol.

Dan hu anniversarju prestiġjuż għall-Malta FA li qed tiċċelebra vjaġġ inkredibbli ta' 125 sena li jagħmilna waħda mill-eqdem assoċjazzjonijiet tal-futbol fid-dinja. Għandna għaliex inkunu kburin dwar dan filwaqt li nsellmu b'mod xieraq lil dawk kollha, amministraturi, plejers, partitarji, kowċis, uffiċjali tal-logħba u anke voluntiera, li taw sehemhom biex l-Assoċjazzjoni tibqa' ħajja u attiva, tippromwovi l-logħba tal-ballun matul daż-żmien kollu.

Minkejja li m'hemmx vetrini mimlija trofej u s-suċċessi fil-futbol internazzjonali li sawru l-istorja ta' assoċjazzjonijiet ferm akbar minna fl-istatura kalċistika, dan m'għandux inaqqas mill-importanza u l-valur tal-istorja tagħna. Tagħna hija storja minsuġa mill-imħabba u l-passjoni lejn il-logħba li baqgħet tintiret u tissaħħaħ minn ġenerazzjoni għall-oħra, storja ta' sagrifiċċji u perseveranza minn tant persuni li ddedikaw ħajjithom għall-futbol, speċjalment dawk il-mijiet ta' persuni li servew fi rwoli diversi fi ħdan l-Assoċjazzjoni, il-Klabbs u l-Assoċjazzjonijiet Membri.

Tagħna hija storja ta' ikoni u leġġendi li ferrħu u paxxew eluf ta' segwaċi tal-futbol, diversi plejers li għamlu ġieħ lil pajjiżna anke qabel it-twelid uffiċjali



tal-Malta Football Association għaliex il-futbol f'Malta imur lura qabel l-1900!

Mhux l-iskop tiegħi nidħol f'dettalji storiċi iżda bħala President tal-Assoċjazzjoni, sodisfatt li l-programm ta' attivitajiet biex jitfakkar dan l-anniversarju qed jilħaq kull livell tal-komunità tal-futbol f'pajjiżna, mill-grassroots permezz ta' Street Football in the City, proġetti ta' inklużjoni u edukazzjoni, il-klabbs bl-organizzazzjoni tal-Jubilee Cup għat-timijiet tal-irġiel u tan-nisa, u anke bl-involviment tat-timijiet nazzjonali. Fis-sena tal-anniversarju, it-tim nazzjonali tan-nisa reġa' saħansitra laħaq it-tragward importanti tal-promozzjoni f'kompetizzjoni Ewropea.

L-investiment fl-infrastruttura jibqa' pilastru importanti fl-istrateġija tal-Assoċjazzjoni u l-progress li sar fl-aħħar 20 sena huwa wkoll parti mill-istorja tal-futbol tagħna f'kull faxxa tal-komunità tal-futbol. Għaldaqstant huwa xieraq li l-akbar proġett li se jkun inawgurat matul din is-sena anniversarja huwa dak tal-bini taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol, f'Ta' Qali.

Dan iċ-ċentru modern u attrezzat b'facilitajiet mill-aqwa għat-timijiet nazzjonali, il-klabbs membri u s-settur tekniku jirrappreżenta t-twettiq ta' objettiv ewlieni fl-ewwel strateġija tal-Assoċjazzjoni, proġett maħsub biex itejjeb il-livell tekniku tal-plejers, miż-żgħar sal-kbar, u l-preparazzjoni tal-kowċis u staff tekniku, filwaqt li se jsaħħaħ il-potenzjal fejn jidħol turiżmu sportiv.

Issokta wkoll l-impenn biex jinbidlu l-uċuħ tal-ħaxix artifiċjali fil-faċilitajiet tal-klabbs madwar Malta u Għawdex b'kollaborazzjoni mal-Gvern Ċentrali u ħidma oħra b'kollaborazzjoni mal-klabbs biex numru ta' stadiums reġjonali oħra ġew immodernizzati.

Meta nedejna l-istrateġija fl-2020, ħafna mill-proġetti u objettivi ewlenin dehru pjuttost ambizzjużi u forsi qanqlu xi ftit xettiċiżmu dwar kemm setgħu jiġu attwati iżda grazzi għall-impenn u l-isforzi ta' ħafna persuni ddedikati, irnexxielna nwettqu aktar minn 95 fil-mija tal-inizjattivi ppjanati.

Il-perjodu tal-ewwel strateġija issa ntemm iżda dan ma jfissirx li l-ħidma strateġika tagħna se tieqaf hawn, altru minn hekk. Fil-fatt, fl-aħħar xhur kellna diversi laqgħat ta' konsultazzjoni mat-tim tal-UEFA Grow biex jiġi ffinalizzat pjan strateġiku ġdid li se jkompli jibni u jikkonsolida x-xogħol li twettaq fl-aħħar erba' snin u li se joħodna f'era ġdida bbażata fuq is-sostenibbiltà f'kull ma' nwettqu.

Din il-ħidma se tkompli tiffoka wkoll fuq prijoritajiet bħal ma huma ż-żieda fil-parteċipazzjoni u l-inklużjoni fil-bażi tal-ekosistema tal-futbol f'pajjiżna, impenn rifless f'diversi proġetti kemm ta' natura teknika kif ukoll dik soċjali, u l-ftehimiet li kkonkludejna ma' diversi Assoċjazzjonijiet Membri fil-livell rikreattiv. Fuq kollox jibqa' dejjem essenzjali r-rispett lejn xulxin f'dak li nagħmlu u fil-messaġġi li nwasslu, hekk biss il-futbol ikun qed iservi bħala forza qawwija favur l-għaqda.

Din il-viżjoni hija xprunata mill-ħtieġa li nintroduċu mudelli u kunċetti ġodda b'enfasi għal darb'oħra fuq is-sostenibbiltà filwaqt li nkomplu bl-istrutturar fil-parti ta' fuq tal-piramida b'enfasi fuq governanza tajba u opportunitajiet ġodda kummerċjali.

Il-progress jiġi biss jekk hemm ir-rieda, il-passjoni u d-determinazzjoni li tasal u dawn se jibqgħu jkunu l-prinċipji fil-qalba tal-ħidma tagħna bħala Assoċjazzjoni bl-appoġġ tagħkom, l-amministraturi, li tiddedikaw tant ħin u xogħol għat-tim jew assoċjazzjoni li tant tħobbu. Filwaqt li nirringrazzjakom ta' dan, nawguralkom staġun ieħor pożittiv u mimli emozzjonijiet kif il-futbol biss jaf joffri.



**Bjorn Vassallo**
President

## Laqgħat tal-Bord Eżekuttiv tal-Malta FA – 2024-2025

| Attendenza | | 1<br>7 ta' Awwissu, 2024 | 2<br>24 ta' Settembru, 2024 | 3<br>17 ta' Diċembru, 2024 | 4<br>14 ta' Jannar, 2025 | 5<br>28 ta' Jannar, 2025 | 6<br>12 ta' Marzu, 2025 | 7<br>4 ta' April, 2025 | 8<br>26 ta' Mejju, 2025 | Preżenti | Skużati | Assenti | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| President | Bjorn Vassallo | P | P | P | P | P | P | P | P | 8 | 0 | 0 | 8 |
| Viċi President | Paris Matthew, Dr | P | P | P | P | P | P | P | P | 8 | 0 | 0 | 8 |
| Viċi President | Adrian Casha | P | P | P | P | A | P | A | P | 6 | 0 | 2 | 8 |
| Viċi President | Azzopardi Maria, Dr | P | P | P | - | - | - | - | - | 3 | 0 | 0 | 3 |
| Teżorier | Mizzi Ivan | P | P | P | P | P | P | P | P | 8 | 0 | 0 | 8 |
| Segretarju Ġenerali | Chetcuti Angelo, Dr | P | P | P | - | - | - | - | - | 3 | 0 | 0 | 3 |
| Segretarju Ġenerali | Azzopardi Maria, Dr | - | - | - | P | P | P | P | P | 5 | 0 | 0 | 5 |
| Membru | Abdilla David | P | P | P | P | P | A | P | P | 7 | 0 | 1 | 8 |
| Membru | Agius Pace Kelly | P | P | P | P | P | A | P | P | 7 | 0 | 1 | 8 |
| Membru | Aquilina Lawrence | A | A | A | P | P | P | P | P | 5 | 0 | 3 | 8 |
| Membru | Azzopardi Samuel, Dr | A | A | A | A | A | A | A | A | 0 | 0 | 8 | 8 |
| Membru | Bonnici Ayrton | P | A | A | A | A | P | A | P | 3 | 0 | 5 | 8 |
| Membru | Bonnici Dino | A | A | A | A | A | P | P | P | 3 | 0 | 5 | 8 |
| Membru | Cachia Frank | A | P | P | A | A | A | A | A | 2 | 0 | 6 | 8 |
| Membru | Calleja Stephen | P | P | P | P | P | P | P | A | 7 | 0 | 1 | 8 |
| Membru | Camilleri Robert J. | P | P | P | A | A | A | P | P | 5 | 0 | 3 | 8 |
| Membru | Camilleri Darmanin Mauro | P | P | P | A | A | P | P | P | 6 | 0 | 2 | 8 |
| Membru | Cutajar Patrick | P | P | P | A | A | A | P | P | 5 | 0 | 3 | 8 |
| Membru | Galea George | P | A | A | A | A | A | A | A | 1 | 0 | 7 | 8 |
| Membru | Mamo Carlo | P | P | P | P | P | P | P | P | 8 | 0 | 0 | 8 |
| Membru | Martinelli Claudio | P | P | P | A | A | A | A | A | 3 | 0 | 5 | 8 |
| Membru | Muscat Francis | P | P | P | P | P | P | A | A | 6 | 0 | 2 | 8 |
| Membru | Perry Keith | P | P | P | P | P | A | A | A | 5 | 0 | 3 | 8 |
| Membru | Rocco Stephanie | P | P | P | A | A | P | P | A | 5 | 0 | 3 | 8 |
| Membru | Shephard Gordon | P | P | P | A | A | A | P | A | 4 | 0 | 4 | 8 |
| Membru | Tanti Mark | P | P | P | A | A | P | S | P | 5 | 1 | 2 | 8 |
| Membru | Valenzia Michael | P | P | P | P | P | P | A | A | 6 | 0 | 2 | 8 |

## Statistika dwar il-ħidma ta' wħud mill-bordijiet tal-Assoċjazzjoni

| Dispute Resolution Body | 2024/2025 | 2023/2024 |
|---|---|---|
| Seduti | 12 | 9 |
| Każijiet | 97 | 84 |

| Liċenzji UEFA | 2024/2025 | 2023/2024 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 12 (irġiel) - 3 (nisa) | 11 (irġiel) - 3 (nisa) |
| Approvati | 7 (irġiel) - 1 (nisa) | 9 (irġiel) - 1 (nisa) |
| Miċħuda | – | – |
| Irtirati | 5 (irġiel) - 2 (nisa) | 2 (irġiel) - 2 (nisa) |
| SGS Audit | Approvat | Approvat |

| Liċenzji Domestiċi | 2024/2025 | 2023/2024 |
|---|---|---|
| Professjonali | 5 | 5 |
| Semi Professjonali | 16 | 16 |
| Amateur | 26 | 25 |
| Gozo FA | 13 | 14 |
| Miċħuda | – | – |
| Mogħtija b'sanzjoni | 19 | – |

| Nursery | 2024/2025 | 2023/2024 |
|---|---|---|
| Kategorija A | 21 | 17 |
| Kategorija B | 13 | 8 |
| Kategorija Ċ | 11 | 18 |
| Mingħajr liċenzja | – | – |
| Ma applikawx | 9 | 9 |

| Kowċis | 2024/2025 | 2023/2024 |
|---|---|---|
| UEFA Pro | 53 | 47 |
| UEFA A | 116 | 109 |
| UEFA Elite | 30 | 30 |
| UEFA B | 173 | 157 |
| MFA B | 4 | 4 |
| UEFA Ċ | 288 | 270 |
| YCL | 4 | 4 |
| Grassroots Leader | 420 | 378 |
| Fitness Coach | 33 | 31 |
| Youth Football Fitness (Level 1) | 31 | 30 |
| Goalkeepers' Coach Level 1 | 39 | 31 |
| Goalkeepers' Coach Level 2/UEFA B | 35 | 33 |
| Match Analyst | 17 | 13 |
| | **1,243** | **1,137** |

## Emendi fir-regolamenti

| Section | Name | Art. No. | Art. Name | Body Approved | Date |
|---|---|---|---|---|---|
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Article 5 | Regulations for Female Players | Executive Board | 09.07.24 |
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Articles 3.1.4, 3.10, and 4.6 | Release of Amateurs | Executive Board | 09.07.24 |
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Article 3.20 | The Amateur Players' List | Executive Board | 09.07.24 |
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Article 4.4 | Transfer Windows | Executive Board | 09.07.24 |
| Section V | Competition Rules | Article 9 | Who may play in Competitive Matches Organised by the Association | Executive Board | 09.07.24 |
| Section VII | Rules Governing Competitions | Article 7 | Regulations Governing the National League | Executive Board | 09.07.24 |
| Section VII | Rules Governing Competitions | Article 6 | Regulations Governing the Youth League | Executive Board | 09.07.24 |
| Section VII | Rules Governing Competitions | Article 4 | Regulations Governing Women's Competitions (Senior, U19, U16) | Executive Board | 09.07.24 |
| Section IX | Disciplinary Procedures and Sanctions | Article 8(B) | Amendments to offences and sanctions | Executive Board | 09.07.24 |
| Section IX | Disciplinary Procedures and Sanctions | Article 12 and 20 | Transitions of Suspensions | Executive Board | 09.07.24 |
| Section XII | Youth Football | Article B(1) | Football Nursery Licence - Category A | Executive Board | 09.07.24 |
| Section XIII | Rules Governing Member Clubs | Article 19 | Administrator with Clubs having Professional Status | Executive Board | 09.07.24 |
| Section XIII | Rules Governing Member Clubs | Article 22 | Players under contract with Clubs having Amateur Status | Executive Board | 09.07.24 |
| Section XV | Football Coaches | Article 12 | Minimum Qualifications | Executive Board | 09.07.24 |
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Article 3.1.4(b) | Registration of Amateur Players | Executive Board | 24.09.24 |
| Section V | Competition Rules | Article 9 | Who may play in Competitive Matches Organised by the Association | Executive Board | 24.09.24 |
| Section XV | Football Coaches | Article 12 | Qualified Coaches Engaged by Member Clubs | Executive Board | 24.09.24 |
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Articles 3.1.4 | Registration of Amateur Players | Executive Board | 26.05.25 |
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Articles 3.1.5 | Renewal and Termination of Registration | Executive Board | 26.05.25 |
| Section IV | Regulations on the Status and Transfer of Players | Articles 3.20 | Submission of the Amateur Players' List | Executive Board | 26.05.25 |
| Section VII | Rules Governing Competitions | Article 7 | Regulations Governing the National League | Executive Board | 26.05.25 |
| Section VII | Rules Governing Competitions | Article 4 | Regulations Governing Women's Competitions (Senior, U19, U16) | Executive Board | 26.05.25 |
| Section VII | Rules Governing Competitions | N/A | Regulations Governing Jubilee Cup | Executive Board | 26.05.25 |
| Section IX | Disciplinary Procedures and Sanctions | Article 15 | Regulations on Bribery and Betting Regarding Football Matches | Executive Board | 26.05.25 |
| Section X | Rules regarding Local Tournaments | Articles 1, 2, 4, 6, and 8 | Regulations Regarding the Organisation of Tournaments and Friendly Matches for Senior Teams by Member Clubs and Member Associations | Executive Board | 26.05.25 |
| Section XII | Youth Football | Article 5 | Criteria for the issuing of a Licence | Executive Board | 26.05.25 |

## Protesti

| Nru | Data tal-logħba | Seduta tal-Bord | Kompetizzjoni | Protest Minn | Logħba | Raġuni | Deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 21/08/2024 | 03/09/2024 | Youth League C | Żurrieq F.C. | Senglea Athletic F.C. vs Żurrieq F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 2 | 23/08/2024 | 05/09/2024 | Women's League | Lija Athletic F.C. | Valletta F.C. vs Lija Athletic F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 3 | 14/09/2024 | 26/09/2024 | U15 League D | Mġarr United F.C. | Mġarr United F.C. vs Żurrieq F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Mhux Milqugħ |
| 4 | 15/09/2024 | 04/10/2024 | National Amateur League 2 | Dingli Swallows F.C. | Mdina Knights F.C. vs Dingli Swallows F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 5 | 29/09/2024 | 04/10/2024 | U17 League D | Msida St Joseph F.C. | Msida St Joseph F.C. vs Santa Venera Lightnings F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 6 | 17/11/2024 | 04/12/2024 | U17 League D | Għargħur F.C. | Siġġiewi F.C. vs Għargħur F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 7 | 13/12/2024 | 20/12/2024 | National Amateur League 2 | Victoria Hotspurs F.C. | St George's F.C. vs Victoria Hotspurs F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 8 | 21/12/2024 | 09/01/2025 | National Amateur League 1 | Żejtun Corinthians F.C. | Żejtun Corinthians F.C. vs Pembroke Athleta F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 9 | 12/01/2025 | 17/02/2025 | U17 League D | Qrendi F.C. | Birżebbuġa Windmills F.C. vs Qrendi F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 10 | 19/01/2025 | 17/02/2025 | U17 League A | Fgura United F.C. | Hibernians F.C. vs Fgura United F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 11 | 02/02/2025 | 07/02/2025 | Challenge League | Mġarr United F.C. | Santa Lucia F.C. vs Mġarr United F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Mhux Milqugħ |
| 12 | 22/02/2025 | 10/03/2025 | Futsal Challenger League | GZR Birżebbuġa St Peter's Futsal | GZR Birżebbuġa St Peter's Futsal vs Ħamrun SC Futsal | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 13 | 02/03/2025 | 10/03/2025 | U17 League C | Għaxaq F.C. | Għaxaq F.C .vs Sirens F.C. | Ineliġibbiltà ta' plejer | Milqugħ |
| 14 | 27/05/2025 | N/A | Futsal Trophy | Ta' Xbiex SC Futsal | Ta' Xbiex SC Futsal vs Luxol St Andrews Futsal | Dixxiplina | Mhux Milqugħ |



# ANNESSI

## Klassifiċi finali tal-kompetizzjonijiet domestiċi

### 360 Sports Malta Premier - Opening Round - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOP 6 | | | | | | | | |
| 1. | Floriana | 16 | 10 | 5 | 1 | 27 | 10 | 35 |
| 2. | Birkirkara | 16 | 10 | 2 | 4 | 22 | 14 | 32 |
| 3. | Sliema Wanderers | 16 | 8 | 6 | 2 | 23 | 10 | 30 |
| 4. | Hibernians | 16 | 8 | 3 | 5 | 19 | 17 | 27 |
| 5. | Ħamrun Spartans | 16 | 7 | 3 | 6 | 28 | 19 | 24 |
| 6. | Mosta | 16 | 6 | 1 | 9 | 20 | 26 | 19 |
| BOTTOM 6 | | | | | | | | |
| 7. | Gżira United | 16 | 6 | 4 | 6 | 20 | 20 | 22 |
| 8. | Marsaxlokk | 16 | 5 | 6 | 5 | 21 | 21 | 21 |
| 9. | Melita | 16 | 5 | 3 | 8 | 20 | 26 | 18 |
| 10. | Żabbar St.Patrick | 16 | 4 | 2 | 10 | 21 | 32 | 14 |
| 11. | Balzan | 16 | 3 | 3 | 10 | 16 | 27 | 12 |
| 12. | Naxxar Lions | 16 | 2 | 6 | 8 | 13 | 28 | 12 |

### 360 Sports Malta Premier - Closing Round - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOP 6 | | | | | | | | |
| 1. | Sliema Wanderers | 16 | 9 | 1 | 6 | 27 | 17 | 28 |
| 2. | Ħamrun Spartans | 16 | 8 | 4 | 4 | 20 | 9 | 28 |
| 3. | Floriana | 16 | 7 | 6 | 3 | 21 | 13 | 27 |
| 4. | Marsaxlokk | 16 | 8 | 2 | 6 | 26 | 18 | 26 |
| 5. | Birkirkara | 16 | 6 | 6 | 4 | 23 | 14 | 24 |
| 6. | Mosta | 16 | 6 | 1 | 9 | 15 | 27 | 19 |
| BOTTOM 6 | | | | | | | | |
| 7. | Żabbar St. Patrick | 16 | 6 | 4 | 6 | 24 | 18 | 22 |
| 8. | Hibernians | 16 | 6 | 4 | 6 | 24 | 23 | 22 |
| 9. | Gżira United | 16 | 5 | 5 | 6 | 14 | 22 | 20 |
| 10. | Naxxar Lions | 16 | 6 | 2 | 8 | 17 | 27 | 20 |
| 11. | Balzan | 16 | 3 | 8 | 5 | 18 | 23 | 17 |
| 12. | Melita | 16 | 2 | 5 | 9 | 18 | 36 | 11 |

### 360 Sports Malta Premier - Final 4 - 2024-2025

| | | |
|---|---|---|
| ROUND 1/2 FINALS | | |
| 04.05.2025 | Sliema Wanderers - Birkirkara | 0-1 AET |
| 05.05.2025 | Floriana - Ħamrun Spartans | 0-0 AET (PEN 2-4) |
| ROUND FINALS | | |
| 09.05.2025 | (Third Place) Sliema Wanderers - Floriana | 0-4 |
| 10.05.2025 | (Final) Ħamrun Spartans - Birkirkara | 1-0 |

### BOV Challenge League - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOP 8 | | | | | | | | |
| 1. | Valletta | 22 | 19 | 2 | 1 | 49 | 7 | 59 |
| 2. | Tarxien Rainbows | 22 | 11 | 6 | 5 | 29 | 22 | 39 |
| 3. | Swieqi United | 22 | 10 | 6 | 6 | 33 | 29 | 36 |
| 4. | Pietà Hotspurs | 22 | 10 | 5 | 7 | 34 | 30 | 35 |
| 5. | Żurrieq | 22 | 9 | 5 | 8 | 32 | 31 | 32 |
| 6. | Santa Lucia | 22 | 9 | 5 | 8 | 36 | 41 | 32 |
| 7. | Mġarr United | 22 | 7 | 10 | 5 | 32 | 28 | 31 |
| 8. | Marsa | 22 | 8 | 5 | 9 | 32 | 34 | 29 |
| PLAY-OUT | | | | | | | | |
| 9. | Fgura United | 22 | 11 | 3 | 8 | 37 | 24 | 36 |
| 10. | St. Andrews | 22 | 8 | 5 | 9 | 24 | 27 | 29 |
| 11. | Sirens | 22 | 7 | 6 | 9 | 37 | 40 | 27 |
| 12. | Gudja United | 22 | 7 | 6 | 9 | 30 | 34 | 27 |
| 13. | Żebbuġ Rangers | 22 | 4 | 9 | 9 | 29 | 40 | 21 |
| 14. | Mtarfa | 22 | 6 | 2 | 14 | 23 | 39 | 20 |
| 15. | Lija Athletic | 22 | 5 | 4 | 13 | 25 | 38 | 19 |
| 16. | Senglea Athletic | 22 | 3 | 5 | 14 | 20 | 38 | 14 |

### IZIBET National Amateur League 1 - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOP 6 | | | | | | | | |
| 1. | Birżebbuġa SP | 20 | 14 | 4 | 2 | 43 | 19 | 46 |
| 2. | Vittoriosa Stars | 20 | 14 | 4 | 2 | 43 | 19 | 46 |
| 3. | San Ġwann | 20 | 14 | 3 | 3 | 45 | 21 | 45 |
| 4. | Xgħajra Tornados | 20 | 10 | 5 | 5 | 44 | 31 | 35 |
| 5. | Luqa St. Andrew's | 20 | 10 | 4 | 6 | 37 | 22 | 34 |
| 6. | Attard | 20 | 9 | 2 | 9 | 27 | 28 | 29 |
| PLAY-OUT | | | | | | | | |
| 7. | Qormi | 24 | 13 | 4 | 7 | 44 | 31 | 43 |
| 8. | Mellieħa | 24 | 11 | 6 | 7 | 43 | 25 | 39 |
| 9. | Qrendi | 24 | 12 | 3 | 9 | 53 | 39 | 39 |
| 10. | Żejtun Corinthians | 24 | 9 | 9 | 6 | 39 | 35 | 36 |
| 11. | Kirkop United | 24 | 9 | 4 | 11 | 45 | 41 | 31 |
| 12. | Pembroke Athleta | 24 | 8 | 1 | 15 | 34 | 54 | 25 |
| 13. | Għargħur | 24 | 6 | 5 | 13 | 32 | 50 | 23 |
| 14. | Marsaskala | 24 | 6 | 4 | 14 | 51 | 66 | 22 |
| 15. | Rabat Ajax | 24 | 2 | 3 | 19 | 21 | 73 | 9 |
| 16. | Msida St.Joseph | 24 | 0 | 5 | 19 | 18 | 65 | 5 |

## Klassifiċi finali tal-kompetizzjonijiet domestiċi

### IZIBET National Amateur League 2 - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| FIRST PHASE | | | | | | | | |
| 1. | Victoria Hotspurs | 18 | 18 | 0 | 0 | 64 | 7 | 54 |
| 2. | Mqabba | 18 | 12 | 3 | 3 | 47 | 22 | 39 |
| 3. | St. George's | 18 | 11 | 3 | 4 | 34 | 19 | 36 |
| 4. | Kalkara United | 18 | 11 | 2 | 5 | 36 | 14 | 35 |
| 5. | Dingli Swallows | 18 | 8 | 3 | 7 | 29 | 33 | 27 |
| 6. | Siġġiewi | 18 | 6 | 4 | 8 | 16 | 25 | 22 |
| 7. | Għaxaq | 18 | 6 | 2 | 10 | 30 | 38 | 20 |
| 8. | Mdina Knights | 18 | 6 | 1 | 11 | 18 | 28 | 19 |
| 9. | Ta' Xbiex | 18 | 2 | 1 | 15 | 13 | 46 | 7 |
| 10. | Santa Venera L. | 18 | 0 | 1 | 17 | 11 | 66 | 1 |
| PLAY-OFFS | | | | | | | | |
| 1. | Victoria Hotspurs | 21 | 20 | 1 | 0 | 72 | 8 | 61 |
| 2. | Mqabba | 21 | 13 | 4 | 4 | 50 | 26 | 43 |
| 3. | St. George's | 21 | 12 | 3 | 6 | 37 | 27 | 39 |
| 4. | Kalkara United | 21 | 11 | 4 | 6 | 39 | 18 | 37 |

### BOV Youth League - Section A - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOP 6 | | | | | | | | |
| 1. | Naxxar Lions | 21 | 16 | 1 | 4 | 50 | 28 | 49 |
| 2. | Valletta | 21 | 11 | 6 | 4 | 68 | 37 | 39 |
| 3. | Floriana | 21 | 11 | 5 | 5 | 49 | 43 | 38 |
| 4. | Mosta | 21 | 11 | 2 | 8 | 41 | 39 | 35 |
| 5. | Birkirkara | 21 | 10 | 4 | 7 | 41 | 30 | 34 |
| 6. | Melita | 21 | 7 | 4 | 10 | 33 | 41 | 25 |
| BOTTOM 6 | | | | | | | | |
| 7. | St. Andrews | 21 | 11 | 4 | 6 | 54 | 31 | 37 |
| 8. | Pieta' Hotspurs | 21 | 8 | 5 | 8 | 25 | 28 | 29 |
| 9. | Ħamrun Spartans | 21 | 6 | 5 | 10 | 28 | 42 | 23 |
| 10. | Hibernians | 21 | 5 | 5 | 11 | 27 | 32 | 20 |
| 11. | Balzan | 21 | 4 | 6 | 11 | 29 | 51 | 18 |
| 12. | San Ġwann | 21 | 0 | 5 | 16 | 13 | 56 | 5 |

### BOV Youth League - Section B - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOP 6 | | | | | | | | |
| 1. | Fgura United | 21 | 15 | 2 | 4 | 40 | 20 | 47 |
| 2. | Swieqi United | 21 | 11 | 8 | 2 | 44 | 21 | 41 |
| 3. | Kirkop United | 21 | 11 | 6 | 4 | 54 | 33 | 39 |
| 4. | Sliema Wanderers | 21 | 9 | 6 | 6 | 36 | 31 | 33 |
| 5. | Żebbuġ Rangers | 21 | 8 | 3 | 10 | 36 | 40 | 27 |
| 6. | Gżira United | 21 | 5 | 5 | 11 | 27 | 40 | 20 |
| BOTTOM 6 | | | | | | | | |
| 7. | Lija Athletic | 21 | 10 | 2 | 9 | 46 | 39 | 32 |
| 8. | Pembroke Athleta | 21 | 10 | 2 | 9 | 46 | 43 | 32 |
| 9. | Żabbar St.Patrick | 21 | 10 | 1 | 10 | 41 | 38 | 31 |
| 10. | Sirens | 21 | 9 | 3 | 9 | 47 | 41 | 30 |
| 11. | Attard | 21 | 6 | 1 | 14 | 20 | 41 | 19 |
| 12. | Tarxien Rainbows | 21 | 1 | 3 | 17 | 16 | 66 | 6 |

### BOV Youth League - Section C - 2024-2025

| Pos. | Club | MP | W | D | L | GF | GA | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOP 6 | | | | | | | | |
| 1. | Mġarr United | 15 | 13 | 2 | 0 | 54 | 14 | 41 |
| 2. | Luqa St. Andrew's | 15 | 9 | 4 | 2 | 43 | 24 | 31 |
| 3. | Mellieħa | 15 | 5 | 7 | 3 | 24 | 28 | 22 |
| 4. | Marsaskala | 15 | 5 | 4 | 6 | 28 | 22 | 19 |
| 5. | Rabat Ajax | 15 | 5 | 4 | 6 | 18 | 28 | 19 |
| 6. | Mqabba | 15 | 4 | 3 | 8 | 20 | 28 | 15 |
| BOTTOM 5 | | | | | | | | |
